Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 421

Volum 64

Edizzjoni bil-Malti — Leġiżlazzjoni — 26 ta' Novembru 2021

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/2061 tal-11 ta' Novembru 2021 dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd skont il-Protokoll dwar l-Implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fil-qasam tas-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania (2021–2026)** 1

★ **Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/2062 tat-23 ta' Awwissu 2021 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2020/2014 li jispeċifika d-dettalji tal-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art għal ċertu sajd fil-Baħar tat-Tramuntana għall-perjodu 2021–2023** 4

★ **Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/2063 tal-25 ta' Awwissu 2021 li jemenda u jikkoreġi r-Regolament Delegat (UE) 2020/2015 u li jispeċifika d-dettalji tal-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art għal ċertu sajd fl-Ilmijiet tal-Punent għall-perjodu 2021-2023** 6

★ **Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/2064 tal-25 ta' Awwissu 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istabbiliment ta' eżenzjoni *de minimis* għall-obbligu ta' ħatt l-art għal ċertu sajd demersali fil-Baħar Adrijatiku u tax-Xlokk tal-Mediterran** 9

★ **Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/2065 tal-25 ta' Awwissu 2021 li jistabbilixxi pjan għall-iskartar għas-sajd tal-barbuni imperjali fil-Baħar l-Iswed** 14

★ **Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/2066 tal-25 ta' Awwissu 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/1022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward id-dettalji tal-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art għal ċerti stokkijiet tal-ħut tal-qiegħ fil-Punent tal-Baħar Mediterran għall-perjodu 2022–2024** 17

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2067 tal-24 ta' Novembru 2021 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1484/95 fir-rigward tal-iffissar tal-prezzijiet rappreżentattivi fis-setturi tal-laħam tat-tjur u l-bajd u għall-albumina tal-bajd** 22

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2068 tal-25 ta' Novembru 2021 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodi ta' approvazzjoni tas-sustanzi attivi benfluralin, dimoxystrobin, fluazinam, flutolanil, mecoprop-P, mepiquat, metiram, oxamyl u pyraclostrobin** ([1]) 25

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2069 tal-25 ta' Novembru 2021 li jemenda l-Anness VI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072 fir-rigward tal-introduzzjoni fl-Unjoni ta' patata għall-konsum mill-Bożnija-Ħerzegovina, mill-Montenegro u mis-Serbja u li jħassar id-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni 2012/219/UE u (UE) 2015/1199** 28

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2070 tal-25 ta' Novembru 2021 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 474/2006 fir-rigward tal-lista ta' trasportaturi tal-ajru li huma pprojbiti milli joperaw jew li huma soġġetti għal restrizzjonijiet operattivi fl-Unjoni** ([1]) 31

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2071 tal-25 ta' Novembru 2021 li jagħmel ċerti vaċċini u sustanzi attivi użati għall-manifattura ta' tali vaċċini soġġetti għas-sorveljanza tal-esportazzjoni** 52

DEĊIŻJONIJIET

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/2072 tal-25 ta' Novembru 2021 b'appoġġ għall-bini ta' reżiljenza fil-bijosikurezza u l-bijosigurtà permezz tal-Konvenzjoni dwar l-Armi Bijoloġiċi u Tossiniċi** 56

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/2073 tal-25 ta' Novembru 2021 b'appoġġ għat-tisħiħ tal-effettività operazzjonali tal-Organizzazzjoni għall-Projbizzjoni ta' Armi Kimiċi (OPCW) permezz tal-immaġni bis-satellita** 65

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/2074 tal-25 ta' Novembru 2021 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2017/2370 li tappoġġa l-Kodiċi ta' Kondotta tal-Aja u n-nonproliferazzjoni tal-missili ballistiċi fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva** 70

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/2075 tal-25 ta' Novembru 2021 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2020/979 b'appoġġ għall-iżvilupp ta' sistema rikonoxxuta internazzjonalment għall-validazzjoni tal-ġestjoni tal-armi u l-munizzjon skont standards internazzjonali miftuħa** 72

Rettifika

★ **Rettifika tar-Regolament (UE) 2021/1056 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta** (ĠU L 231, 30.6.2021) 74

★ **Rettifika tar-Regolament (UE) 2021/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1296/2013** (ĠU L 231, 30.6.2021) 75

([1]) Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2021/2061

tal-11 ta' Novembru 2021

dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd skont il-Protokoll dwar l-Implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fil-qasam tas-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania (2021–2026)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim ta' Sħubija dwar fil-qasam tas-Sajd Sostenibbli bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania (minn hawn 'il quddiem "il-Mauritania"), approvat permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1801/2006 ([1]), ġie applikat b'mod provviżorju mit-8 ta' Awwissu 2008. Il-Protokoll tiegħu li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti minn dan il-Ftehim, li ġie applikat, b'mod provviżorju mill-istess jum, ġie sostitwit diversi drabi.

(2) L-aħħar Protokoll tal-Ftehim fis-seħħ bħalissa jiskadi fil-15 ta' Novembru 2021.

(3) Fit-8 ta' Lulju 2019, il-Kunsill adotta Deċiżjoni li tawtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati mal-Mauritania sabiex jiġi konkluż ftehim ta' sħubija ġdid fil-qasam tas-sajd sostenibbli kif ukoll protokoll ġdid li jimplimenta dak il-ftehim.

(4) Bejn Settembru 2019 u Lulju 2021, twettqu tmien ċikli ta' negozjati mal-Mauritania. Dawn in-negozjati ġew finalizzati u l-Ftehim ta' Sħubija fil-qasam tas-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania (minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim ta' Sħubija") u l-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu (minn hawn 'il quddiem "Protokoll") ġew inizjalati fit-28 ta' Lulju 2021.

(5) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill ST 12392/21 ([2]), il-Ftehim ta' Sħubija u l-Protokoll ġew iffirmati fil-15 ta' Novembru 2021.

(6) Jenħtieġ li l-opportunitajiet tas-sajd previsti fil-Protokoll jiġu allokati fost l-Istati Membri għall-perjodu kollu tal-applikazzjoni tiegħu.

(7) Jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ malajr kemm jista' jkun minħabba l-importanza ekonomika tal-attivitajiet tas-sajd tal-Unjoni fiż-żona tas-sajd tal-Mauritania u l-ħtieġa li jitnaqqas, jew li kemm jista' jkun jiġi evitat, iż-żmien li dawk l-attivitajiet idumu interrotti, fejn rilevanti.

([1]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1801/2006 tat- 30 ta' Novembru 2006 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mawritanja (ĠU L 343, 8.12.2006, p. 1).

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill ST 12392/21 tal-11 ta' Novembru 2021 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim ta' Sħubija fil-qasam tas-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania kif ukoll tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

(8) Il-Protokoll ser jibda japplika b'mod provviżorju mid-data tal-iffirmar tiegħu sabiex ikunu jistgħu jitkomplew l-attivitajiet tas-sajd tal-bastimenti tal-Unjoni. Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament jibda japplika mill-istess data,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-opportunitajiet tas-sajd stabbiliti fil-Protokoll għandhom jitqassmu fost l-Istati Membri kif ġej:

(1) Kategorija 1 — Bastimenti tas-sajd li jistadu għall-krustaċji ħlief għall-awwista u għall-granċ:

Spanja	4 150 tunnellata
L-Italja	600 tunnellata
Il-Portugall	250 tunnellata

F'din il-kategorija, fi kwalunkwe waqt jista' jkun hemm għadd massimu ta' 15-il bastiment fl-ilmijiet tal-Mauritania.

(2) Kategorija 2 — Bastimenti tat-tkarkir (mingħajr friża) u bastimenti tas-sajd bil-konz tal-qiegħ għall-merluzz l-iswed:

Spanja	6 000 tunnellata

F'din il-kategorija, fi kwalunkwe waqt jista' jkun hemm għadd massimu ta' erba' bastimenti fl-ilmijiet tal-Mauritania.

(3) Kategorija 2a — Bastimenti tat-tkarkir (mgħammra bi friża) użati għas-sajd għall-merluzz l-iswed:

Spanja:

Merluzz iswed	3 500 tunnellata
Klamar	1 450 tunnellata
Siċċ	600 tunnellata

F'din il-kategorija, fi kwalunkwe waqt jista' jkun hemm għadd massimu ta' sitt bastimenti fl-ilmijiet tal-Mauritania.

(4) Kategorija 3 — Bastimenti tas-sajd għall-ispeċijiet tal-ħut tal-qiegħ minbarra l-merluzz l-iswed, bi rkaptu ieħor mhux bix-xbieki tat-tkarkir:

Spanja	3 000 tunnellata

F'din il-kategorija, fi kwalunkwe waqt jista' jkun hemm għadd massimu ta' sitt bastimenti fl-ilmijiet tal-Mauritania.

(5) Kategorija 4 — Bastimenti tas-sajd għat-tonn bit-tartaruni (14 000 tunnellata — tunnellaġġ ta' referenza):

Spanja	17-il liċenzja annwali
Franza	12-il liċenzja annwali

(6) Kategorija 5 — Bastimenti tas-sajd għat-tonn bil-qasba u bastimenti tas-sajd bil-konz (7 000 tunnellata — tunnellaġġ ta' referenza):

Spanja	14-il liċenzja annwali
Franza	liċenzja annwali waħda

(7) Kategorija 6 — Bastimenti tat-tkarkir mgħammra bi friża użati għas-sajd għall-ħut pelaġiku:

Il-Ġermanja	13 038,4 tunnellati
Franza	2 714,6 tunnellati
Il-Latvja	55 966,6 tunnellati
Il-Litwanja	59 837,6 tunnellati
In-Netherlands	64 976,1 tunnellata
Il-Polonja	27 106,6 tunnellati
L-Irlanda	8 860,1 tunnellata

Matul il-perjodu ta' applikazzjoni tal-Protokoll, l-Istati Membri għandu jkollhom l-għadd ta' liċenzji ta' tliet xhur li ġej:

Il-Ġermanja	4
Franza	2
Il-Latvja	20
Il-Litwanja	22
In-Netherlands	16
Il-Polonja	8
L-Irlanda	2

L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni jekk ċerti liċenzji jkunu jistgħu jitqiegħdu għad-dispożizzjoni ta' Stati Membri oħrajn.

F'din il-kategorija, fi kwalunkwe waqt jista' jkun hemm għadd massimu ta' 19 bastimenti fl-ilmijiet tal-Mauritania.

(8) Kategorija 7 — Bastimenti tas-sajd għall-ħut pelaġiku frisk:

L-Irlanda	15 000 tunnellata

F'każ li ma jintużawx, dawn l-opportunitajiet tas-sajd għandhom jiġu ttrasferiti għall-kategorija 6 skont il-metodu għall-allokazzjoni ta' dik il-kategorija.

F'din il-kategorija, fi kwalunkwe waqt jista' jkun hemm għadd massimu ta' żewġ bastimenti fl-ilmijiet tal-Mauritania.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-15 ta' Novembru 2021 (id-data tal-iffirmar tal-Protokoll).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Novembru 2021.

Għall-Kunsill
Il-President
Z. POČIVALŠEK

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/2062

tat-23 ta' Awwissu 2021

li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2020/2014 li jispeċifika d-dettalji tal-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art għal ċertu sajd fil-Baħar tat-Tramuntana għall-perjodu 2021–2023

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2018/973 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet demersali fil-Baħar tat-Tramuntana u s-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet, li jispeċifika d-dettalji tal-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art fil-Baħar tat-Tramuntana u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 676/2007 u (KE) Nru 1342/2008 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 11 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/2014 ([2]) jipprevedi d-dettalji ta' kif għandu jiġi implimentat l-obbligu ta' ħatt l-art għal ċertu sajd fil-Baħar tat-Tramuntana għall-perjodu 2021–2023, wara rakkomandazzjoni konġunta sottomessa mill-Belġju, mid-Danimarka, mill-Ġermanja, minn Franza, min-Netherlands u mill-Iżvezja ("il-Grupp Scheveningen").

(2) Skont ir-Regolament Delegat (UE) 2020/2014, ċerti eżenzjonijiet għall-obbligu ta' ħatt l-art huma applikabbli b'mod proviżorju sal-31 ta' Diċembru 2021. F'dawn il-każijiet, jenħtieġ li mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard mill-1 ta' Mejju 2021, l-Istati Membri li għandhom interess ta' ġestjoni dirett jissottomettu evidenza xjentifika addizzjonali li tappoġġja l-eżenzjoni. Jenħtieġ li l-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd ("STECF") jivvaluta l-evidenza sottomessa sal-31 ta' Lulju 2021.

(3) Fit-30 ta' April 2021, il-Grupp ta' Scheveningen, wara li kkonsulta mal-Kunsill Konsultattiv tal-Baħar tat-Tramuntana u mal-Kunsill Konsultattiv tal-Istokkijiet Pelaġiċi, issottometta rakkomandazzjoni konġunta lill-Kummissjoni li fiha talab il-kontinwazzjoni ta' ċerti eżenzjonijiet għall-obbligu ta' ħatt l-art lil hinn mill-2021 u pprovda informazzjoni xjentifika addizzjonali. Fis-26 ta' Lulju 2021, il-Grupp ta' Scheveningen issottometta verżjoni riveduta tar-rakkomandazzjoni konġunta.

(4) L-STECF ([3]) irrieżamina r-rakkomandazzjoni konġunta f'Mejju 2021. Il-Kummissjoni ppreżentat l-abbozz tal-att delegat lil grupp ta' esperti magħmul minn rappreżentanti tal-Istati Membri fis-16 ta' Lulju 2021 f'laqgħa li għaliha attenda l-Parlament Ewropew bħala osservatur.

(5) Il-punt (c)(ii) tal-Artikolu 6(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/2014 jinkludi eżenzjoni tas-sopravivenza għall-barbun tat-tbajja' li jinqabad bi xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ (OTB, PTB) b'daqs tal-malja ta' 90–119 mm u mgħammra b'ċerti pannelli fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 3a tal-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar ("ICES"). Il-Grupp ta' Scheveningen talab li titwessa' l-eżenzjoni biex jiġi permess pannell b'malja kwadra ta' mill-inqas 120 mm fix-xbieki fis-subdiviżjoni Kattegat tal-ICES mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Diċembru ta' kull sena. L-STECF innota ([4]) li l-informazzjoni xjentifika addizzjonali pprovduta mid-Danimarka tikkonferma li s-sopravivenza tal-qbid skartat tal-barbun tat-tbajja' se tkun simili jew aħjar għad-daqsijiet akbar tal-malji, inkluż is-SELTRA u l-pannelli b'malji kwadri ta' 120 mm, meta mqabbla mad-daqs tal-malja 80–99 permess għas-sajd bix-xbieki tat-tkarkir bid-diriġenti. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-eżenzjoni titwessa' biex tinkludi pannell b'malji kwadri ta' mill-inqas 120 mm fi xbieki tat-tkarkir fis-subdiviżjoni Kattegat.

([1]) ĠU L 179, 16.7.2018, p. 1.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/2014 tal-21 ta' Awwissu 2020 li jispeċifika d-dettalji tal-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art għal ċertu sajd fil-Baħar tat-Tramuntana għall-perjodu 2021–2023 (ĠU L 415, 10.12.2020, p. 10).

([3]) https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/2874177/STECF+21-05+-+Ev+JRs+LO+and+TM+Reg.pdf/caa87b65-ea4a-491a-8e59-4111e01e1c1d

([4]) https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/2874177/STECF+21-05+-+Ev+JRs+LO+and+TM+Reg.pdf/caa87b65-ea4a-491a-8e59-4111e01e1c1d, p. 23–24.

(6) Il-paragrafu 11 tal-Artikolu 11 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/2014 jinkludi eżenzjoni *de minimis* għall-merlangu inqas mid-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni li jinqabad minn bastimenti li jużaw xbieki tat-tkarkir bi travu b'daqs tal-malja ta' 80–119 mm fis-subżona 4 tal-ICES. Il-Grupp ta' Scheveningen talab li l-eżenzjoni tiġi estiża sal-31 ta' Diċembru 2023 u ssottometta informazzjoni xjentifika ġdida. L-STECF ivvaluta dik l-evidenza u kkonkluda ([5]) li r-rakkomandazzjoni kongunta tindirizza fil-biċċa l-kbira l-kwistjonijiet identifikati mill-STECF fil-valutazzjonijiet preċedenti tiegħu. B'mod partikolari, l-istima tal-kostijiet ta' ħatt l-art ta' qabdiet mhux intenzjonati hija sinifikanti u teħtieġ xogħol addizzjonali sostanzjali abbord. L-STECF irrikonoxxa wkoll il-kwistjonijiet u l-isfidi involuti fit-titjib tas-selettività f'dan is-sajd. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-eżenzjoni tinżamm sal-31 ta' Diċembru 2023.

(7) Billi l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament għandhom impatt dirett fuq l-ippjanar tal-istaġun tas-sajd għall-bastimenti tal-Unjoni u fuq l-attivitajiet ekonomiċi relatati, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ minnufih wara li jiġi ppubblikat. Jenħtieġ li japplika mill-1 ta' Jannar 2022,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/2014 huwa emendat kif ġej:

1. Il-punt (c)(ii) tal-paragrafu 1 tal-Artikolu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

   "(ii) b'daqs tal-malja ta' 90–119 mm mgħammra b'pannell Seltra b'pannell ta' fuq b'daqs tal-malja ta' 140 mm (malja kwadra), b'daqs tal-malja ta' 270 mm (malja maqrut), b'daqs tal-malja ta' 300 mm (malja kwadra), jew fis-subdiviżjoni Kattegat, malja kwadra ta' mill-inqas 120 mm fil-perjodu ta' bejn l-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Diċembru kull sena li jimmiraw għall-pixxiċatt jew għall-ħut tond fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 3a tal-ICES;".

2. Il-punt (11) tal-Artikolu 11 huwa sostitwit b'dan li ġej:

   "(11) fis-sajd demersali mħallat minn bastimenti li jużaw xbieki tat-tkarkir bi travu b'daqs tal-malja ta' 80–119 mm fl-ilmijiet tal-Unjoni tas-subżona 4 tal-ICES:

   kwantità ta' merlangu inqas mid-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni, sa 2 % tal-qabdiet annwali totali ta' barbun tat-tbajja' u lingwata;".

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2022 sal-31 ta' Diċembru 2023.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Awwissu 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

([5]) https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/2874177/STECF+21-05+-+Ev+JRs+LO+and+TM+Reg.pdf/caa87b65-ea4a-491a-8e59-4111e01e1c1d, p. 20–21.

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/2063

tal-25 ta' Awwissu 2021

li jemenda u jikkoreġi r-Regolament Delegat (UE) 2020/2015 u li jispeċifika d-dettalji tal-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art għal ċertu sajd fl-Ilmijiet tal-Punent għall-perjodu 2021-2023

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/472 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2019 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet mistada fl-Ilmijiet tal-Punent u fl-ilmijiet tal-madwar, u għas-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet, u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2016/1139 u (UE) 2018/973, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007 u (KE) Nru 1300/2008 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 13 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/2015 ([2]) jipprovdi dettalji dwar kif għandu jiġi implimentat l-obbligu ta' ħatt l-art għal ċertu sajd demersali fl-Ilmijiet tal-Punent għall-perjodu 2021-2023, wara żewġ rakkomandazzjonijiet konġunti mressqa rispettivament mill-Belġju, minn Spanja, minn Franza, min-Netherlands u mill-Portugall ("Stati Membri tal-Ilmijiet tal-Lbiċ") u mill-Belġju, mill-Irlanda, minn Spanja, minn Franza u min-Netherlands ("Stati Membri tal-Ilmijiet tal-Majjistral").

(2) Skont ir-Regolament Delegat (UE) 2020/2015, ċerti eżenzjonijiet għall-obbligu ta' ħatt l-art huma applikabbli b'mod provviżorju sal-31 ta' Diċembru 2021. F'dawn il-każijiet, l-Istati Membri li għandhom interess ta' ġestjoni dirett jenħtieġ li jippreżentaw, mill-aktar fis possibbli u sa mhux aktar tard mill-1 ta' Mejju 2021, informazzjoni xjentifika addizzjonali li tappoġġa l-eżenzjoni. Il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF) jenħtieġ li jivvaluta l-informazzjoni xjentifika pprovduta sal-31 ta' Lulju 2021.

(3) L-Istati Membri tal-Ilmijiet tal-Majjistral, wara li kkonsultaw lill-Kunsill Konsultattiv tal-Ilmijiet tal-Majjistral u lill-Kunsill Konsultattiv tal-Istokkijiet Pelaġiċi, ressqu rakkomandazzjoni konġunta lill-Kummissjoni fit-30 ta' April 2021, li titlob emenda għall-pjan għall-iskartar ta' ħut għal ċertu sajd fl-Ilmijiet tal-Majjistral.

(4) L-Istati Membri tal-Ilmijiet tal-Lbiċ, wara li kkonsultaw mal-Kunsill Konsultattiv tal-Ilmijiet tal-Lbiċ u mal-Kunsill Konsultattiv tal-Istokkijiet Pelaġiċi, ressqu rakkomandazzjoni konġunta lill-Kummissjoni fit-30 ta' April 2021, fejn talbu emenda għall-pjan għall-iskartar ta' ħut għal ċertu sajd fl-Ilmijiet tal-Lbiċ.

(5) L-STECF ([3]) analizza dawn ir-rakkomandazzjonijiet konġunti f'Mejju 2021. Il-Kummissjoni ressqet l-abbozz ta' atti delegati lil grupp ta' esperti magħmul minn rappreżentanti tal-Istati Membri fis-16 ta' Lulju 2021 f'laqgħa li għaliha attenda l-Parlament Ewropew bħala osservatur.

(6) Ir-Regolament Delegat (UE) 2020/2015 stabbilixxa l-kamp ta' applikazzjoni tal-eżenzjonijiet applikabbli fl-Ilmijiet tal-Majjistral (il-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar ("ICES") is-subżoni 5 (minbarra d-diviżjoni 5a u l-ilmijiet tal-Unjoni biss tad-diviżjoni 5b), 6 u 7). Dak l-istess regolament stabbilixxa l-kamp ta' applikazzjoni tal-eżenzjonijiet applikabbli fl-Ilmijiet tal-Lbiċ (is-subżoni 8, 9 u 10 tal-ICES (ilmijiet madwar l-Azores), u fiż-żoni 34.1.1, 34.1.2 u 34.2.0 tal-Kumitat tas-Sajd għall-Atlantiku Ċentrali tal-Lvant ("CECAF") (ilmijiet madwar Madeira u l-Gżejjer Kanarji). Għaċ-ċarezza legali, l-applikazzjoni ta' dawn il-miżuri jenħtieġ li tirreferi b'mod espliċitu għall-ilmijiet tal-Unjoni ta' dawn iż-żoni. Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament Delegat (UE) 2020/2015 jiġi emendat.

([1]) ĠU L 83, 25.3.2019, p. 1.
([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/2015 tal-21 ta' Awwissu 2020 li jispeċifika d-dettalji tal-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art għal ċertu sajd fl-Ilmijiet tal-Punent għall-perjodu 2021-2023 (ĠU L 415, 10.12.2020, p. 22).
([3]) https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/2874177/STECF+21-05+-+Ev+JRs+LO+and+TM+Reg.pdf/caa87b65-ea4a-491a-8e59-4111e01e1c1d

(7) L-Istati Membri tal-Ilmijiet tal-Majjistral talbu eżenzjoni ta' sopravivenza ġdida għall-barbun tat-tbajja' li jinqabad bit-tartaruni (SSC) fid-diviżjonijiet 7b sa 7k tal-ICES. L-Istati Membri tal-Ilmijiet tal-Majjistral ipprovdew evidenza xjentifika ġdida biex juru rati għoljin ta' sopravivenza tal-qabdiet skartati għall-barbun tat-tbajja' f'dak is-sajd. Dik l-evidenza ġiet ippreżentata lill-STECF, li kkonkluda ([4]) li d-*data* dwar ir-rati ta' sopravivenza hija affidabbli u tagħti stimi ta' sopravivenza robusti għal dak is-sajd. Għalhekk, jenħtieġ li l-eżenzjoni tiġi inkluża fir-Regolament Delegat (UE) 2020/2015.

(8) L-Artikolu 10(4), il-punt (b), tar-Regolament Delegat 2020/2015 ta eżenzjoni ta' sopravivenza għolja għar-raja kukù li tinqabad bix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ fis-subżona 8 tal-ICES sal-31 ta' Diċembru 2021. L-Istati Membri tal-Ilmijiet tal-Lbiċ talbu li l-eżenzjoni tiġi estiża sal-31 ta' Diċembru 2023. L-STECF irrieżamina l-evidenza xjentifika pprovduta mill-Istati Membri tal-Ilmijiet tal-Lbiċ u kkonkluda li r-rati ta' sopravivenza fl-aħħar studji huma baxxi, iżda bi grad għoli ta' varjabbiltà. Madankollu, fl-2021 huma ppjanati studji ta' riċerka addizzjoni li se jgħaqqdu l-vitalità abbord mal-monitoraġġ fil-magħluq. Għalhekk, jenħtieġ li l-eżenzjoni tiġi estiża sal-2022 biex tippermetti żmien suffiċjenti għat-tlestija tal-istudji. L-Istati Membri huma meħtieġa jissottomettu r-riżultati ta' dawn l-istudji mill-STECF sa mhux aktar tard mill-1 ta' Mejju 2022.

(9) L-Artikolu 13(1), il-punt (f), tar-Regolament Delegat (UE) 2020/2015 ta eżenzjoni *de minimis* għall-minfaħ li jinqabad minn bastimenti li jużaw xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ fid-diviżjonijiet 7b sa 7c u 7f sa 7k tal-ICES. L-Istati Membri tal-Ilmijiet tal-Majjistral talbu li jiġi speċifikat li l-kalkolu tal-eżenzjoni jenħtieġ li jkun ibbażat fuq il-qabdiet tal-irkapti kollha. L-STECF ikkonkluda ([5]) li, għalkemm din it-talba għandha implikazzjonijiet f'termini tal-potenzjal permess tal-volum *de minimis* tal-qabdiet skartati, il-volum tal-qabdiet skartati implikat għal *de minimis* ta' 0,5 % huwa żgħir, irrispettivament minn jekk il-qabdiet jikkorrispondux għall-irkapti kollha jew għax-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ biss. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-eżenzjoni tapplika biss għall-kodiċijiet tal-irkaptu tax-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ rilevanti kif elenkat fl-Anness XI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 404/2011. Għalhekk, jenħtieġ li l-eżenzjoni tingħata skont dawn it-termini sal-31 ta' Diċembru 2022. L-Istati Membri huma meħtieġa jressqu d-*data* dwar il-qabdiet mitluba mill-STECF sa mhux aktar tard mill-1 ta' Mejju 2022.

(10) L-Artikolu 13(1), il-punt (a), tar-Regolament Delegat (UE) 2020/2015 ta eżenzjoni *de minimis* għall-merlangu li jinqabad minn bastimenti li jużaw xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ u tartaruni, xbieki tat-tkarkir pelaġiku u xbieki tat-tkarkir bi travu, fid-diviżjonijiet 7b sa 7k tal-ICES. Din l-eżenzjoni ngħatat biss sa Diċembru 2021, minħabba l-istatus ta' konservazzjoni ġenerali tal-merlangu fis-subżoni 7b sa k tal-ICES. L-Istati Membri tal-Ilmijiet tal-Majjistral talbu li l-eżenzjoni tiġi estiża. L-STECF analizza l-evidenza xjentifika pprovduta mill-Istati Membri tal-Ilmijiet tal-Majjistral u kkonkluda ([6]) li r-rati tal-qabdiet skartati huma relattivament baxxi u li s-selettività tjiebet bil-miżuri ta' rimedju introdotti fil-Baħar Ċeltiku ([7]). Madankollu, il-merlangu fil-baħar Ċeltiku huwa stokk assoċjat mill-qrib mal-qabdiet tal-bakkaljaw tal-baħar Ċeltiku u huwa mmonitorjat strettament. Għalhekk, jenħtieġ li l-eżenzjoni tiġi estiża sal-31 ta' Diċembru 2022 u l-Istati Membri huma meħtieġa jipprovdu d-*data* dwar il-qabdiet mitluba mill-STECF sa mhux aktar tard mill-1 ta' Mejju 2022.

(11) L-Artikolu 14(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/2015 ta eżenzjoni *de minimis* għall-merlangu li jinqabad minn bastimenti li jużaw xbieki tat-tkarkir pelaġiku, xbieki tat-tkarkir bi travu, xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ u tartaruni fis-subżona 8 tal-ICES. Madankollu, il-lista ta' rkapti ħalliet barra l-irkapti li jikkorrispondu għal xbieki tat-tkarkir pelaġiku (OTM, PTM u TM). L-Istati Membri tal-Ilmijiet tal-Lbiċ talbu li l-Kummissjoni tikkoreġi l-ommissjoni. Għalhekk, jenħtieġ li l-eżenzjoni tiġi emendata.

(12) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2020/2015 jiġi kkoreġut u emendat bix-xieraq.

(13) Billi l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament għandhom impatt dirett fuq l-ippjanar tal-istaġun tas-sajd tal-bastimenti tal-Unjoni u fuq l-attivitajiet ekonomiċi relatati, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ minnufih wara li jiġi ppubblikat. Jenħtieġ li dan jibda japplika mill-1 ta' Jannar 2022,

([4]) https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/2874177/STECF+21-05+-+Ev+JRs+LO+and+TM+Reg.pdf/caa87b65-ea4a-491a-8e59-4111e01e1c1d

([5]) https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/2874177/STECF+21-05+-+Ev+JRs+LO+and+TM+Reg.pdf/caa87b65-ea4a-491a-8e59-4111e01e1c1d

([6]) https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/2874177/STECF+21-05+-+Ev+JRs+LO+and+TM+Reg.pdf/caa87b65-ea4a-491a-8e59-4111e01e1c1d

([7]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/92 tat-28 ta' Jannar 2021 li jistabbilixxi għall-2021 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni (ĠU L 31, 29.1.2021, p. 31).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament Delegat (UE) 2020/2015 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Fl-Ilmijiet tal-Unjoni tal-Ilmijiet tal-Majjistral (is-subżoni 5, 6 u 7 tal-ICES), tal-Ilmijiet tal-Lbiċ (is-subżoni 8, 9 u 10 tal-ICES (l-ilmijiet madwar l-Azores), u ż-żoni 34.1.1, 34.1.2 u 34.2.0 tas-CECAF (l-ilmijiet madwar Madeira u l-Gżejjer Kanarji), l-obbligu ta' ħatt l-art previst fl-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għandu japplika fis-sajd demersali u pelaġiku f'konformità ma' dan ir-Regolament għall-perjodu 2021-2023."

(2) Fl-Artikolu 6 (1), huwa miżjud il-punt (f) li ġej:

"(f) barbun tat-tbajja' (*Pleuronectes platessa*) li jinqabad fid-diviżjonijiet 7b sa 7k tal-ICES bit-tartaruni (SSC);"

(3) Fl-Artikolu 10(4), il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) li jinqabad bix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ fis-subżona 8 tal-ICES sal-31 ta' Diċembru 2022. L-Istati Membri li għandhom interess ta' ġestjoni dirett għandhom iressqu, mill-aktar fis possibbli, iżda sa mhux aktar tard mill-1 ta' Mejju 2022, informazzjoni xjentifika addizzjonali li tappoġġa lil din l-eżenzjoni għar-raja kukù li tinqabad bix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ. L-STECF għandu jivvaluta l-informazzjoni xjentifika sal-31 ta' Lulju 2022;"

(4) Fl-Artikolu 13(1), il-punt (f) jinbidel b'dan li ġej:

"(f) għall-minfaħ (*Caproidae*), sa massimu ta' 0,5 % tal-qabdiet annwali totali ta' dik l-ispeċi minn bastimenti li jużaw xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ (OTT, OTB, TBS, TBN, TB, PTB) fid-diviżjonijiet 7b, 7c u 7f sa 7k tal-ICES;"

(5) Fl-Artikolu 13, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-eżenzjoni *de minimis* stipulata fil-punt (a) tal-paragrafu 1 għandha tkunu applikabbli sal-31 ta' Diċembru 2022. L-Istati Membri li għandhom interess ta' ġestjoni dirett għandhom iressqu, mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard mill-1 ta' Mejju 2022, informazzjoni xjentifika addizzjonali li tappoġġja l-eżenzjoni. L-STECF għandu jivvaluta l-informazzjoni xjentifika pprovduta sal-31 ta' Lulju 2022."

(6) Fl-Artikolu 14(1), il-punt (m) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(m) għall-merlangu (*Merlangius merlangus*), sa massimu ta' 5 % tal-qabdiet annwali totali ta' dik l-ispeċi minn bastimenti li jużaw xbieki tat-tkarkir pelaġiku, xbieki tat-tkarkir bi travu, xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ u tartaruni (kodiċijiet tal-irkaptu: OTB, OTT, OTM, PTB, PTM, TBN, TBS, TBB, OT, PT, TX, TM, SSC, SPR, SDN, SX, SV) fis-subżona 8 tal-ICES;"

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2022 sal-31 ta' Diċembru 2023.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Awwissu 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/2064

tal-25 ta' Awwissu 2021

li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istabbiliment ta' eżenzjoni *de minimis* għall-obbligu ta' ħatt l-art għal ċertu sajd demersali fil-Baħar Adrijatiku u tax-Xlokk tal-Mediterran

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 15(7) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/86 ([2]) stabbilixxa pjan għall-iskartar għal ċertu sajd demersali fil-Baħar Mediterran applikabbli mill-1 ta' Jannar 2017 sal-31 ta' Diċembru 2019, wara li ġew ippreżentati tliet rakkomandazzjonijiet konġunti lill-Kummissjoni fl-2016 minn għadd ta' Stati Membri li għandhom interess ta' ġestjoni dirett fis-sajd fil-Baħar Mediterran (il-Greċja, Spanja, Franza, il-Kroazja, l-Italja, Ċipru, Malta u s-Slovenja). Dawk it-tliet rakkomandazzjonijiet konġunti kienu jikkonċernaw rispettivament il-Baħar Mediterran tal-Punent, il-Baħar Adrijatiku u l-Baħar Mediterran tax-Xlokk.

(2) Sabiex jiġu evitati kostijiet sproporzjonati għall-immaniġġar ta' qabdiet mhux mixtieqa, ir-Regolament Delegat (UE) 2017/86 stabbilixxa eżenzjoni *de minimis* li tapplika għall-ispeċijiet demersali. Dan ir-Regolament jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2021.

(3) Il-Kroazja, l-Italja u s-Slovenja ("il-Grupp ta' Livell Għoli Adriatica") u l-Greċja, l-Italja, Ċipru u Malta ("il-Grupp ta' Livell Għoli Sudestmed") għandhom interess ta' ġestjoni tas-sajd dirett fil-Baħar Adrijatiku u fil-Baħar Mediterran tax-Xlokk rispettivament. Fis-7 u fl-14 ta' Mejju 2021, il-Grupp ta' Livell Għoli Adriatica u l-Grupp ta' Livell Għoli Sudestmed ippreżentaw evidenza xjentifika biex jitolbu l-estensjoni tal-eżenzjoni *de minimis* stabbilita fir-Regolament Delegat (UE) 2017/86.

(4) L-eżenzjonijiet *de minimis* għall-ispeċijiet pelaġiċi żgħar fis-sajd li jimmiraw dawk l-ispeċijiet huma stabbiliti fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/161 ([3]). B'kuntrast għal dan, l-eżenzjonijiet *de minimis* għall-qabdiet inċidentali ta' speċijiet pelaġiċi żgħar magħmula fis-sajd demersali jenħtieġ li jiġu inklużi f'dan ir-Regolament kif mitlub fl-evidenza xjentifika ppreżentata mill-Gruppi ta' Livell Għoli.

(5) L-evidenza xjentifika ġiet ivvalutata mill-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd ("STECF") bejn is-17 u l-21 ta' Mejju 2021 ([4]). Fit-13 u fil-21 ta' Lulju 2021, il-Gruppi ta' Livell Għoli Adriatica u Sudestmed ippreżentaw evidenza xjentifika aġġornata rispettivament li kienet allinjata mal-parir xjentifiku tal-STECF.

(6) Il-Kummissjoni tinnota li fil-Baħar Adrijatiku u fil-Baħar Mediterran tax-Xlokk, l-ispeċijiet jinqabdu fl-istess ħin, fi kwantitajiet li jvarjaw ħafna, u dan jagħmel approċċ ta' stokk uniku diffiċli. Barra minn hekk, dawk l-ispeċijiet jinqabdu minn bastimenti tas-sajd fuq skala żgħira u jinħattu l-art f'ħafna postijiet differenti tal-ħatt l-art mifruxin ġeografikament tul il-kosta, u dan jirriżulta f'kostijiet sproporzjonati tal-immaniġġar ta' qabdiet mhux mixtieqa.

([1]) ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22.
([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/86 tal-20 ta' Ottubru 2016 li jistabbilixxi pjan ta' skartar għal ċertu sajd demersali fil-Baħar Mediterran (ĠU L 14, 18.1.2017, p. 4).
([3]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/161 tat-23 ta' Ottubru 2017 li jistabbilixxi eżenzjoni *de minimis* għall-obbligu tal-ħatt l-art għal ċertu sajd ta' ħut pelaġiku żgħir fil-Baħar Mediterran (ĠU L 30, 2.2.2018, p. 1).
([4]) Ir-Rapporti tal-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF) – Evalwazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet konġunti dwar l-obbligu ta' ħatt l-art (STECF-21-05) 2021 (Evaluation of the landing obligation joint recommendations (STECF-21-05)). Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu.
Disponibbli hawnhekk https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/2537709/STECF+PLEN+19-02.pdf

(7) L-STECF innota li l-approċċ *de minimis* ikkombinat inkluż fl-evidenza xjentifika pprovduta, ikopri grupp wiesa' ta' speċijiet b'firxa wiesgħa ta' rati ta' skartar, iżda qies tali kopertura wiesgħa bħala approċċ validu minħabba l-kumplessità tas-sajd fil-Baħar Adrijatiku u fil-Baħar Mediterran tax-Xlokk. Barra minn hekk, l-STECF qies li eżenzjonijiet *de minimis* individwali li jkopru speċi waħda x'aktarx li jirriżultaw f'ħafna eżenzjonijiet separati li daqstant ieħor jippreżentaw sfida biex jiġu mmonitorjati.

(8) Il-Grupp ta' Livell Għoli Adriatica pprovda evidenza xjentifika aġġornata dwar il-kostijiet sproporzjonati tal-immaniġġjar ta' qabdiet mhux mixtieqa. Għalkemm l-STECF innota li huma pprovduti stimi taż-żieda fil-kostijiet, huwa saħaq fuq id-diffikultajiet biex wieħed jiġġudika f'liema livell il-kostijiet huma sproporzjonati. L-STECF innota li l-informazzjoni pprovduta dwar il-kostijiet sproporzjonati tista' titlesta aktar u li jenħtieġ li ssir evalwazzjoni tal-impatti tal-eżenzjoni. L-STECF innota wkoll li t-tnaqqis tal-livell ta' qabdiet mhux mixtieqa permezz tal-użu ta' rkaptu selettiv jew ta' żoni marini protetti jenħtieġ li jingħata prijorità. Il-Kummissjoni tilqa' l-impenn meħud mill-Grupp ta' Livell Għoli Adriatica biex ikompli jaħdem fuq is-selettività u r-restrizzjonijiet spazjali tas-sajd bħala prijorità biex jinkiseb it-tnaqqis ta' qabdiet mhux mixtieqa. Il-Kummissjoni tqis li l-eżenzjoni jenħtieġ li tiġi estiża bil-livelli perċentwali proposti.

(9) L-evidenza xjentifika aġġornata għall-Adrijatiku tipproponi li l-eżenzjoni *de minimis* tiġi estiża, għall-inċova (*Engraulis encrasicolus*), għas-sardin (*Sardina pilchardus*), għall-kavall (*Scomber* spp.) u għas-sawrell (*Trachurus* spp.), sa massimu ta' 5 % għall-2022 tal-qabdiet inċidentali annwali totali ta' dawk l-ispeċijiet li jinqabdu minn bastimenti li jużaw xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ (OTB, OTT, PTB, TBN, TBS, TB, OT, PT, TX). L-STECF qies li r-rata ta' skartar hija sinifikanti ħafna għal dan is-sajd, iżda li l-proġetti ta' selettività għadhom għaddejjin. Il-Kummissjoni tqis li l-eżenzjoni jenħtieġ li tiġi estiża għal sena, bil-livelli perċentwali proposti. Sal-1 ta' Mejju 2022, il-Grupp ta' Livell Għoli Adriatica jenħtieġ li jippreżenta *data* addizzjonali, abbażi tal-istudji li għaddejjin u evalwazzjoni tal-impatt tal-eżenzjoni.

(10) Il-Grupp ta' Livell Għoli Sudestmed ipprovda evidenza xjentifika aġġornata dwar il-kostijiet sproporzjonati tal-immaniġġar ta' qabdiet mhux mixtieqa. Għalkemm l-STECF innota li huma pprovduti stimi taż-żieda fil-kostijiet, huwa saħaq fuq id-diffikultajiet biex wieħed jiġġudika f'liema livell il-kostijiet huma sproporzjonati. L-STECF innota li l-informazzjoni pprovduta dwar il-kostijiet sproporzjonati tista' titlesta aktar u li jenħtieġ li ssir evalwazzjoni tal-impatti tal-eżenzjoni. L-STECF innota wkoll li t-tnaqqis tal-livell ta' qabdiet mhux mixtieqa permezz tal-użu ta' rkaptu selettiv jew ta' żoni marini protetti jenħtieġ li jingħata prijorità. Il-Kummissjoni tilqa' l-impenn meħud mill-Grupp ta' Livell Għoli Sudestmed biex ikompli jaħdem fuq is-selettività u r-restrizzjonijiet spazjali tas-sajd bħala prijorità biex jinkiseb it-tnaqqis ta' qabdiet mhux mixtieqa. Il-Kummissjoni tqis li l-eżenzjoni jenħtieġ li tiġi estiża bil-livelli perċentwali proposti.

(11) Minħabba l-għadd kbir ta' speċijiet differenti li jinqabdu fl-istess ħin f'operazzjonijiet tas-sajd demersali bl-użu ta' snanar, xolfa, għeżula u pariti fil-Baħar Mediterran tax-Xlokk, il-Grupp ta' Livell Għoli Sudestmed ippropona *de minimis* differenti għal xi speċijiet meta jinqabdu aktar ta' spiss u dawn jibbenefikaw minn limitu *de minimis* aktar baxx minn meta jinqabdu anqas ta' spiss. Minħabba li dan jirrifletti r-realtà tas-sajd imħallat fil-Baħar Mediterran tax-Xlokk, il-Kummissjoni tqis li l-eżenzjoni jenħtieġ li tingħata bil-livelli perċentwali proposti.

(12) L-evidenza xjentifika aġġornata pprovduta għall-Baħar Mediterran tax-Xlokk tipproponi l-estensjoni tal-eżenzjoni *de minimis*, għall-inċova (*Engraulis encrasicolus*), għas-sardin (*Sardina pilchardus*), għall-kavall (*Scomber* spp.) u għas-sawrell (*Trachurus* spp.), sa massimu ta' 5 % fl-2022 tal-qabdiet inċidentali annwali totali ta' dawk l-ispeċijiet li jinqabdu minn bastimenti li jużaw xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ (OTB, OTT, PTB, TBN, TBS, TB, OT, PT, TX). L-STECF qies li r-rata ta' skartar hija sinifikanti ħafna għal dan is-sajd, iżda li l-proġetti ta' selettività għadhom għaddejjin. Il-Kummissjoni tqis li l-eżenzjoni jenħtieġ li tiġi estiża għal sena, bil-livelli perċentwali proposti. Sal-1 ta' Mejju 2022, il-Grupp ta' Livell Għoli Sudestmed jenħtieġ li jippreżenta *data* addizzjonali, abbażi tal-istudji li għaddejjin u evalwazzjoni tal-impatt tal-eżenzjoni.

(13) Fl-evidenzi xjentifiċi aġġornati tagħhom, l-Istati Membri ġeddew l-impenn tagħhom li jżidu s-selettività tal-irkaptu tas-sajd f'konformità mar-riżultati tal-programmi ta' riċerka attwali sabiex inaqqsu u jillimitaw il-qabdiet mhux mixtieqa u partikolarment il-qabdiet b'daqsijiet iżgħar mid-daqsijiet minimi ta' referenza għall-konservazzjoni.

(14) Fl-evidenza xjentifika aġġornata tagħhom, l-Istati Membri impenjaw ruħhom ukoll li jidentifikaw aktar żoni ta' għeluq sabiex inaqqsu l-mortalità tal-ħut li għadu qed jikber.

(15) Il-miżuri mitluba huma f'konformità mal-Artikolu 15(4), il-punt (c).

(16) Billi l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament iħallu impatt dirett fuq l-ippjanar tal-istaġun tas-sajd tal-bastimenti tal-Unjoni u fuq l-attivitajiet ekonomiċi relatati, dan ir-Regolament jenħtieġ li jidħol fis-seħħ immedjatament wara l-pubblikazzjoni tiegħu. Għal raġunijiet ta' ċertezza legali, dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika mill-1 ta' Jannar 2022,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art

L-obbligu ta' ħatt l-art previst fl-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għandu japplika fl-ilmijiet tal-Unjoni tal-Baħar Adrijatiku u tal-Baħar Mediterran tax-Xlokk għas-sajd demersali f'konformità ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "Subżoni Ġeografiċi tal-GFCM" ("GSAs") tfisser is-Subżoni Ġeografiċi tal-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Mediterran ("GFCM") kif inhuma definiti fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1343/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]);

(b) "Baħar Adrijatiku" tfisser is-Subżoni Ġeografiċi tal-GFCM 17 u 18;

(c) "Baħar Mediterran tax-Xlokk" tfisser is-Subżoni Ġeografiċi tal-GFCM 14, 15, 16, 19, 20, 21, 22, 23, 24, 25, 26, u 27.

Artikolu 3

Eżenzjoni de minimis

1. B'deroga mill-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, jistgħu jiġu skartati l-kwantitajiet ta' speċijiet li ġejjin skont l-Artikolu 15(4), il-punt (c) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013:

(a) fil-Baħar Adrijatiku:

(i) għall-merluzz (*Merluccius merluccius*) u għat-trill (*Mullus* spp.), sa massimu ta' 5 % għall-2022 u l-2023 tal-qabdiet annwali totali ta' dawk l-ispeċijiet li jinqabdu minn bastimenti li jużaw ix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ;

(ii) jew il-merluzz (*Merluccius merluccius*) u t-trill (*Mullus* spp.), sa massimu ta' 1 % għall-2022 u l-2023 tal-qabdiet annwali totali ta' dawk l-ispeċijiet li jinqabdu minn bastimenti li jużaw l-għeżula u l-pariti (GNS, GN, GND, GNC, GTN, GTR, GEN);

(iii) għall-merluzz (*Merluccius merluccius*) u għat-trill (*Mullus* spp.), sa massimu ta' 1 % għall-2022 u l-2023 tal-qabdiet annwali totali ta' dawk l-ispeċijiet li jinqabdu minn bastimenti li jużaw ir-rapido (TBB);

(iv) għal-lingwata komuni (*Solea solea*), sa 3 % għall-2022 u l-2023 tal-qabdiet annwali totali ta' dawk l-ispeċijiet li jinqabdu minn bastimenti li jużaw ix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ;

([5]) Ir-Regolament (UE) Nru 1343/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar ċerti dispożizzjonijiet għas-sajd fiż-żona tal-Ftehim tal-GFCM (Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Baħar Mediterran) u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 dwar miżuri ta' ġestjoni għall-isfruttament sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd fil-Baħar Mediterran (ĠU L 347, 30.12.2011, p. 44).

(v) għall-ispnotta (*Dicentrarchus labrax*), għall-isparlu (*Diplodus annularis*), għall-mogħża (*Diplodus puntazzo*), għas-sargu komuni (*Diplodus sargus*), għax-xirgien (*Diplodus vulgaris*), għaċ-ċerna (*Epinephelus* spp.), għall-ajula (*Lithognathus mormyrus*), għall-bażuga (*Pagellus acarne*), għall-paġella ħamra (*Pagellus bogaraveo*), għall-paġella (*Pagellus erythrinus*), għall-pagru (*Pagrus pagrus*), għall-ħanżir tal-fond (*Polyprion americanus*), għall-awrata (*Sparus aurata*) u għall-gamblu abjad (*Parapenaeus longirostris*), sa massimu ta' 5 % għall-2022 u l-2023 tal-qabdiet annwali totali ta' dawk l-ispeċijiet li jinqabdu minn bastimenti li jużaw ix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ;

(vi) għall-ispnotta (*Dicentrarchus labrax*), għall-isparlu (*Diplodus annularis*), għall-mogħża (*Diplodus puntazzo*), għas-sargu komuni (*Diplodus sargus*), għax-xirgien (*Diplodus vulgaris*), għaċ-ċerna (*Epinephelus* spp.), għall-ajula (*Lithognathus mormyrus*), għall-bażuga (*Pagellus acarne*), għall-paġella ħamra (*Pagellus bogaraveo*), għall-paġella (*Pagellus erythrinus*), għall-pagru (*Pagrus pagrus*), għall-ħanżir tal-fond (*Polyprion americanus*), għal-lingwata komuni (*Solea solea*) u għall-awrata (*Sparus aurata*), sa massimu ta' 3 % għall-2022 u l-2023 tal-qabdiet annwali totali ta' dawk l-ispeċijiet li jinqabdu minn bastimenti li jużaw l-għeżula u l-pariti (GNS, GN, GND, GNC, GTN, GTR, GEN);

(vii) għall-ispnotta (*Dicentrarchus labrax*), għall-isparlu (*Diplodus annularis*), għall-mogħża (*Diplodus puntazzo*), għas-sargu komuni (*Diplodus sargus*), għax-xirgien (*Diplodus vulgaris*), għaċ-ċerna (*Epinephelus spp.*), għall-ajula (*Lithognathus mormyrus*), għall-bażuga (*Pagellus acarne*), għall-paġella (*Pagellus erythrinus*), għall-pagru (*Pagrus pagrus*), għall-ħanżir tal-fond (*Polyprion americanus*), għal-lingwata komuni (*Solea solea*) u għall-awrata (*Sparus aurata*), sa massimu ta' 1 % għall-2022 u l-2023 tal-qabdiet annwali totali ta' dawk l-ispeċijiet li jinqabdu minn bastimenti li jużaw snanar u linji (LHP, LHM, LLS, LLD, LL, LTL, LX);

(viii) għall-inċova (*Engraulis encrasicolus*), għas-sardin (*Sardina pilchardus*), għall-kavall (*Scomber* spp.) u għas-sawrell (*Trachurus* spp.), sa massimu ta' 5 % għall-2022 tal-qabdiet inċidentali annwali totali ta' dawk l-ispeċijiet li jinqabdu minn bastimenti li jużaw ix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ.

(b) fil-Baħar Mediterran tax-Xlokk:

(i) għall-merluzz (*Merluccius merluccius*) u għat-trill (*Mullus* spp.), sa massimu ta' 5 % għall-2022 u l-2023 tal-qabdiet annwali totali ta' dawk l-ispeċijiet li jinqabdu minn bastimenti li jużaw ix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ;

(ii) għall-merluzz (*Merluccius merluccius*) u għat-trill (*Mullus* spp.), sa massimu ta' 1 % għall-2022 u l-2023 tal-qabdiet annwali totali ta' dawk l-ispeċijiet li jinqabdu minn bastimenti li jużaw l-għeżula u l-pariti (GNS, GN, GND, GNC, GTN, GTR, GEN);

(iii) għall-gamblu abjad (*Parapenaeus longirostris*), sa massimu ta' 5 % għall-2022 u l-2023 tal-qabdiet annwali totali ta' dik l-ispeċi li tinqabad minn bastimenti li jużaw xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ;

(iv) għall-ispnotta (*Dicentrarchus labrax*), għall-isparlu (*Diplodus annularis*), għall-mogħża (*Diplodus puntazzo*), għas-sargu komuni (*Diplodus sargus*), għax-xirgien (*Diplodus vulgaris*), għaċ-ċerna (*Epinephelus* spp.), għall-ajula (*Lithognathus mormyrus*), għall-bażuga (*Pagellus acarne*), għall-paġella ħamra (*Pagellus bogaraveo*), għall-paġella (*Pagellus erythrinus*), għall-pagru (*Pagrus pagrus*), għall-ħanżir tal-fond (*Polyprion americanus*), għall-awrata (*Sparus aurata*), għall-iskampu (*Nephrops norvegicus*) u għal-lingwata komuni (*Solea solea*), sa massimu ta' 5 % għall-2022 u l-2023 tal-qabdiet annwali totali ta' dawk l-ispeċijiet li jinqabdu minn bastimenti li jużaw xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ;

(v) għall-ispnotta (*Dicentrarchus labrax*), għall-isparlu (*Diplodus annularis*), għall-mogħża (*Diplodus puntazzo*), għas-sargu komuni (*Diplodus sargus*), għax-xirgien (*Diplodus vulgaris*), għaċ-ċerna (*Epinephelus* spp.), għall-ajula (*Lithognathus mormyrus*), għall-bażuga (*Pagellus acarne*), għall-paġella ħamra (*Pagellus bogaraveo*), għall-paġella (*Pagellus erythrinus*), għall-pagru (*Pagrus pagrus*), għall-ħanżir tal-fond (*Polyprion americanus*), għall-awrata (*Sparus aurata*), għal-lingwata komuni (*Solea solea*), għall-awwista Ewropea (*Homarus gammarus*) u għall-awwisti (*Palinuridae*), sa massimu ta' 3 % għall-2022 u l-2023 tal-qabdiet annwali totali ta' dawk l-ispeċijiet li jinqabdu minn bastimenti li jużaw l-għeżula u l-pariti (GNS, GN, GND, GNC, GTN, GTR, GEN). F'każ li l-ħatt l-art ta' dawk l-ispeċijiet ikun anqas minn 25 % tal-ħatt l-art totali tas-sajd, il-kwantitajiet li għandhom jiġu skartati jistgħu jkunu sa massimu ta' 5 % għall-2022 u l-2023 tal-qabdiet annwali totali ta' dawk l-ispeċijiet;

(vi) għall-ispnotta (*Dicentrarchus labrax*), għall-isparlu (*Diplodus annularis*), għall-mogħża (*Diplodus puntazzo*), għas-sargu komuni (*Diplodus sargus*), għax-xirgien (*Diplodus vulgaris*), għaċ-ċerna (*Epinephelus* spp.), għall-ajula (*Lithognathus mormyrus*), għall-paġella ħamra (*Pagellus bogaraveo*), għall-bażuga (*Pagellus acarne*), għall-paġella (*Pagellus erythrinus*), għall-pagru (*Pagrus pagrus*), għall-ħanżir tal-fond (*Polyprion americanus*), għall-merluzz (*Merluccius merluccius*) u għall-awrata (*Sparus aurata*), sa massimu ta' 1 % tal-qabdiet annwali totali ta' dawk l-ispeċijiet li jinqabdu minn bastimenti li jużaw is-snanar u l-linji (LHP, LHM, LLS, LLD, LL, LTL, LX). F'każ li l-ħatt l-art ta' dawk l-ispeċijiet ikun anqas minn 25 % tal-ħatt l-art totali tas-sajd, il-kwantitajiet li jridu jiġu skartati jistgħu jkunu sa massimu ta' 3 % tal-qabdiet annwali totali ta' dawk l-ispeċijiet;

(vii) għall-inċova (*Engraulis encrasicolus*), għas-sardin (*Sardina pilchardus*), għall-kavall (*Scomber* spp.) u għas-sawrell (*Trachurus* spp.), sa massimu ta' 5 % għall-2022 tal-qabdiet inċidentali annwali totali ta' dawk l-ispeċijiet li jinqabdu minn bastimenti li jużaw ix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ.

2. Sal-1 ta' Mejju 2022, l-Istati Membri li għandhom interess ta' ġestjoni dirett fis-sajd fil-Baħar Adrijatiku u l-Baħar Mediterran tax-Xlokk għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni data addizzjonali bbażata fuq l-istudji li għaddejjin u evalwazzjoni tal-impatt tal-eżenzjoni u kwalunkwe informazzjoni xjentifika rilevanti oħra li tappoġġa l-eżenzjoni stabbilita fil-paragrafu 1, il-punti (a)(viii) u (b)(vii). L-STECF għandu jivvaluta dik id-*data* u dik l-informazzjoni sa mhux aktar tard mill-31 ta' Lulju 2022.

Artikolu 4

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2022 sal-31 ta' Diċembru 2023.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Awwissu 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/2065

tal-25 ta' Awwissu 2021

li jistabbilixxi pjan għall-iskartar għas-sajd tal-barbuni imperjali fil-Baħar l-Iswed

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE ([1]) u b'mod partikolari l-Artikolu 15(6) tiegħu,

Billi:

(1) L-għan tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 huwa l-eliminazzjoni b'mod gradwali tal-iskart fis-sajd kollu tal-Unjoni bl-introduzzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art.

(2) Fir-rigward tal-Baħar l-Iswed, l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jistabbilixxi obbligu ta' ħatt l-art għall-qabdiet tal-ispeċijiet kollha li huma soġġetti għal-limiti fuq il-qbid. Skont l-Artikolu 15(1)(d) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, l-obbligu ta' ħatt l-art għandu japplika għall-ispeċijiet li jiddefinixxu s-sajd sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2017. Il-barbun imperjali huwa wieħed minn dawk l-ispeċijiet.

(3) Fl-20 ta' Ottubru 2016, il-Kummissjoni adottat ir-Regolament Delegat (UE) 2017/87 ([2]) li jistabbilixxi pjan għall-iskartar għas-sajd tal-barbun imperjali fil-Baħar l-Iswed, li jipprevedi eżenzjoni tas-sopravivenza tal-barbun imperjali li jinqabad bl-għeżula tal-qiegħ. Dan kien japplika mill-1 ta' Jannar 2017 sal-31 ta' Diċembru 2019.

(4) Il-Bulgarija u r-Rumanija għandhom interess ta' ġestjoni dirett tas-sajd fl-isfruttar tal-barbun imperjali fil-Baħar l-Iswed. Fit-12 ta' Frar 2021, dawk l-Istati Membri ppreżentaw rakkomandazzjoni konġunta lill-Kummissjoni, fejn talbu t-tiġdid tal-pjan għall-iskartar u għall-eżenzjoni tas-sopravivenza tal-barbun imperjali li jinqabad bl-għeżula tal-qiegħ fil-Baħar l-Iswed. Fil-15 ta' Lulju 2021, dawk l-Istati Membri ppreżentaw rakkomandazzjoni konġunta aġġornata. Inkisbet kontribuzzjoni xjentifika minn korpi xjentifiċi rilevanti fir-rigward tar-rati għoljin ta' sopravivenza ta' din l-ispeċi.

(5) Il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd ([3]) ("STECF") ivvaluta r-rakkomandazzjoni konġunta aġġornata ppreżentata u nnota li huwa meħtieġ titjib fl-informazzjoni pprovduta. Il-Kummissjoni tagħraf l-eżistenza tal-istudji xjentifiċi ([4]) li juru s-sopravivenza għolja tal-barbun imperjali li jinqabad minn bastimenti minn pajjiżi mhux tal-UE bl-użu tal-għeżula tal-qiegħ fil-Baħar l-Iswed. Peress li l-istudji huma relatati mal-istess baċir tal-baħar, mal-ispeċijiet u mal-irkapti bħal dawk inklużi fl-eżenzjoni mitluba mill-Bulgarija u mir-Rumanija, il-Kummissjoni tqis li dan l-istudju jenħtieġ li jitqies għall-fini tal-eżenzjoni.

(6) Abbażi tal-evidenza xjentifika u l-valutazzjoni tal-STECF, jenħtieġ li l-eżenzjoni tas-sopravivenza permessa skont l-Artikolu 15(4)(b) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tiġi inkluża f'dan ir-Regolament għal sena.

([1]) ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/87 tal-20 ta' Ottubru 2016 li jistabbilixxi pjan ta' skartar għas-sajd tal-barbun imperjali fil-Baħar l-Iswed (ĠU L 14, 18.1.2017, p. 9).

([3]) Rapporti tal-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF) — Evaluation of the landing obligation joint recommendations (STECF-21-05) 2021. L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu. Disponibbli hawn: https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/2537709/STECF+PLEN+19-02.pdf

([4]) Basaran, F. and N. Samsun, 2004, Survival rates of Black Sea Turbot (Psetta maxima maeotica, L. 1758) broodstock captured by gill nets from different depths and their adaptation culture conditions, Aquaculture International 12: 321–331, 2004; Giragosov, V. and A. Nikolayevna Khanaychenko, 2012, The State-of-Art of the Black Sea Turbot Spawning Population off Crimea (1998-2010), Turkish Journal of Fisheries and Aquatic Sciences, Settembru 2012, DOI: 10.4194/1303-2712-v12_2_25; Samsun, N. and F. Kalayci, 2005, Survival Rates of Black Sea Turbot (*Scophthalmus maeoticus* Pallas, 1811), Captured by Bottom Turbot Gillnets in Different Depths and Fishing, Seasons Between 1999 and 2004, Turkish Journal of Fisheries and Aquatic Sciences 5: 57–62, 2005;

(7) Sal-1 ta' Mejju 2022, jenħtieġ li l-Istati Membri kkonċernati jippreżentaw *data* addizzjonali dwar l-estimi tas-sopravivenza relatati mas-sajd tal-għażel għall-barbun imperjali.

(8) Billi l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament għandhom impatt dirett fuq l-attivitajiet ekonomiċi marbuta mal-istaġun tas-sajd tal-bastimenti tal-Unjoni u fuq l-ippjanar ta' dan l-istaġun tas-sajd, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ minnufih wara li jiġi ppubblikat. F'konformità mar-rakkomandazzjonijiet konġunti u meta jitqies il-qafas ta' żmien stabbilit fl-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika mill-1 ta' Jannar 2022,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art

L-obbligu ta' ħatt l-art previst fl-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għandu japplika fil-Baħar l-Iswed għas-sajd tal-barbun imperjali (*Psetta maxima*) li jinqabad bl-għeżula tal-qiegħ (kodiċi tal-irkaptu ([5]) GNS), f'konformità ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Definizzjoni

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, "il-Baħar l-Iswed" tfisser l-ilmijiet marittimi fis-Subżona Ġeografika 29 tal-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Mediterran ("GFCM") kif iddefinit fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1343/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]).

Artikolu 3

Eżenzjoni tas-sopravivenza

1. L-eżenzjoni mill-obbligu ta' ħatt l-art skont l-Artikolu 15(4)(b) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għall-ispeċijiet li dwarhom l-evidenza xjentifika turi rati għolja ta' sopravivenza, għandha tapplika fl-2022 għall-barbun imperjali (*Psetta maxima*) li jinqabad bl-għeżula tal-qiegħ (GNS) fil-Baħar l-Iswed.

2. Il-barbun imperjali (*Psetta maxima*) li jinqabad fiċ-ċirkostanzi msemmija fil-paragrafu 1 għandu jiġi rilaxxat minnufih fiż-żona fejn ikun inqabad.

3. Sal-1 ta' Mejju 2022, l-Istati Membri li għandhom interess ta' ġestjoni dirett fis-sajd tal-barbun imperjali fil-Baħar l-Iswed għandhom jippreżentaw *data* addizzjonali lill-Kummissjoni dwar l-estimi tas-sopravivenza relatata mas-sajd tal-għeżula għall-barbun imperjali u informazzjoni xjentifika rilevanti oħra li tappoġġa l-eżenzjoni stabbilita fil-paragrafu 1. L-STECF għandu jivvaluta dik id-*data* sa mhux iktar tard mill-31 ta' Lulju 2022.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2022.

([5]) Il-kodiċijiet tal-irkapti użati f'dan ir-Regolament jirreferu għal dawk il-kodiċijiet fl-Anness XI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 404/2011 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd (ĠU L 112, 30.4.2011, p. 1). Għall-bastimenti li t-tul kumplessiv tagħhom huwa inqas minn 10 metri, il-kodiċijiet tal-irkaptu użati f'din it-tabella jirreferu għall-kodiċijiet mill-klassifikazzjoni tal-irkaptu tal-FAO.

([6]) Ir-Regolament (UE) Nru 1343/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar ċerti dispożizzjonijiet għas-sajd fiż-żona tal-Ftehim tal-GFCM (Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Baħar Mediterran) u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 dwar miżuri ta' ġestjoni għall-isfruttament sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd fil-Baħar Mediterran (ĠU L 347, 30.12.2011, p. 44).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta’ Awwissu 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/2066

tal-25 ta' Awwissu 2021

li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/1022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward id-dettalji tal-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art għal ċerti stokkijiet tal-ħut tal-qiegħ fil-Punent tal-Baħar Mediterran għall-perjodu 2022–2024

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/1022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi pjan pluriennali għas-sajd li jisfrutta l-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ fil-Punent tal-Mediterran u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 508/2014 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 14 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2019/1022 jistabbilixxi pjan pluriennali dwar is-sajd tal-ħut tal-qiegħ fil-Punent tal-Baħar Mediterran. L-Artikolu 14 ta' dak ir-Regolament jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta atti delegati sabiex tissupplimenta dak ir-Regolament billi tispeċifika d-dettalji tal-obbligu ta' ħatt l-art għall-istokkijiet kollha tal-ispeċijiet fil-Punent tal-Mediterran li għalihom japplika l-obbligu ta' ħatt l-art u għall-qabdiet inċidentali ta' speċijiet pelaġiċi fis-sajd li jisfrutta l-istokkijiet f'konformità ma' dik id-dispożizzjoni.

(2) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/86 ([2]) stabbilixxa pjan ta' skartar għal ċertu sajd demersali fil-Baħar Mediterran applikabbli mill-1 ta' Jannar 2017 sal-31 ta' Diċembru 2019, wara li ġew ippreżentati tliet rakkomandazzjonijiet konġunti lill-Kummissjoni fl-2016 minn għadd ta' Stati Membri li għandhom interess ta' ġestjoni dirett fis-sajd fil-Baħar Mediterran (il-Greċja, Spanja, Franza, il-Kroazja, l-Italja, Ċipru, Malta u s-Slovenja). Dawk it-tliet rakkomandazzjonijiet konġunti, ikkonċernaw rispettivament il-Punent tal-Baħar Mediterran, il-Baħar Adrijatiku u x-Xlokk tal-Baħar Mediterran.

(3) Fis-7 ta' Mejju 2021, Spanja, Franza u l-Italja (il-"Grupp ta' Livell Għoli Pescamed"), ippreżentaw lill-Kummissjoni rakkomandazzjoni konġunta li tipproponi l-estensjoni ta' ċerti eżenzjonijiet tal-obbligu ta' ħatt l-art għas-sajd demersali fil-Punent tal-Mediterran wara konsultazzjonijiet fil-Kunsill Konsultattiv tal-Baħar Mediterran ("MEDAC").

(4) Din ir-rakkomandazzjoni konġunta ġiet ivvalutata mill-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd ("STECF") bejn is-17 u l-21 ta' Mejju 2021 ([3]).

(5) Fil-21 ta' Lulju 2021, il-Grupp ta' Livell Għoli Pescamed ippreżenta rakkomandazzjoni konġunta aġġornata li kienet allinjata mal-valutazzjoni tal-STECF.

(6) Skont l-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]), il-Kummissjoni qieset ir-rakkomandazzjoni konġunta fid-dawl tal-valutazzjoni tal-STECF biex tiżgura li din tkun kompatibbli mal-miżuri ta' konservazzjoni rilevanti, inkluż l-obbligu ta' ħatt l-art.

([1]) ĠU L 172, 26.6.2019, p. 1.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/86 tal-20 ta' Ottubru 2016 li jistabbilixxi pjan ta' skartar għal ċertu sajd demersali fil-Baħar Mediterran (ĠU L 14, 18.1.2017, p. 4).

([3]) Rapporti tal-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF) – Evaluation of the landing obligation joint recommendations (STECF-21-05) 2021. L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu. Disponibbli hawnhekk https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/2537709/STECF+PLEN+19-02.pdf

([4]) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

(7) Il-Kummissjoni tinnota li fil-Punent tal-Baħar Mediterran, l-ispeċijiet jinqabdu fl-istess ħin, fi kwantitajiet li jvarjaw ħafna, u b'hekk approċċ ta' stokk uniku jsir aktar diffiċli. Barra minn hekk, dawk l-ispeċijiet jinqabdu minn bastimenti tas-sajd fuq skala żgħira u jinħattu l-art f'ħafna punti differenti ta' ħatt l-art mifruxin ġeografikament tul il-kosta, u dan jirriżulta f'kostijiet sproporzjonati fil-maniġġ tal-qabdiet inċidentali.

(8) Ir-rakkomandazzjoni konġunta aġġornata tipproponi l-estensjoni tal-eżenzjoni tas-sopravivenza, kif previst fl-Artikolu 15(4)(b) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, stabbilita għall-molluski bivalvi, jiġifieri għall-arzella tal-pellegrini (*Pecten jacobeus*), għall-vongole (*Venerupis* spp.) u għall-gandoffli ta' Venere (*Venus* spp.) li jinqabdu bil-gangmi mekkanizzati (HMD) għall-2022. L-STECF fakkar lill-Istati Membri b'żewġ studji eżistenti li għandhom jitlestew għal valutazzjoni ulterjuri tar-rati ta' sopravivenza tal-arzella tal-pellegrini, tal-vongole u tal-gandoffli ta' Venere. Peress li l-evidenza dwar ir-rati ta' sopravivenza ta' dawn l-ispeċijiet ma hijiex konklużiva, il-Kummissjoni tqis li l-eżenzjoni tas-sopravivenza jenħtieġ li tiġi inkluża f'dan ir-Regolament għal sena sakemm tiġi ppreżentata d-*data* rilevanti dwar is-sopravivenza. Jenħtieġ li l-Istati Membri kkonċernati jippreżentaw, sal-1 ta' Mejju 2022, id-*data* rilevanti dwar is-sopravivenza għal dawk it-tliet speċijiet lill-Kummissjoni biex l-STECF ikun jista' jivvaluta bis-sħiħ il-ġustifikazzjonijiet għall-eżenzjoni u biex il-Kummissjoni tagħmel il-valutazzjoni tagħha.

(9) Ir-rakkomandazzjoni konġunta aġġornata tipproponi l-estensjoni tal-eżenzjoni tas-sopravivenza stabbilita għall-iskampu (*Nephrops norvegicus*) li jinqabad bix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ (OTB, OTT, PTB, TBN, TBS, TB, OT, PT, TX) għall-2022, l-2023 u l-2024. L-STECF qies li hemm evidenza xjentifika li turi sopravivenza baxxa ħafna għal dik l-ispeċi fil-Punent tal-Mediterran u f'reġjuni oħrajn, matul ix-xhur ta' Lulju u ta' Awwissu. Peress li rati għoljin ta' sopravivenza jseħħu matul il-bqija tas-sena u b'kunsiderazzjoni tal-karatteristiċi tal-irkaptu, tal-prattiki tas-sajd u tal-ekosistema, il-Kummissjoni tqis li l-eżenzjoni tas-sopravivenza jenħtieġ li għalhekk tiġi estiża għal tliet snin, ħlief għax-xhur ta' Lulju u ta' Awwissu ta' kull sena.

(10) Ir-rakkomandazzjoni konġunta aġġornata tipproponi l-estensjoni tal-eżenzjoni tas-sopravivenza għall-iskampu (*Nephrops norvegicus*) li jinqabad bin-nases u bix-xbieki tat-tidwir (FPO, FIX) għall-2022, għall-2023 u għall-2024. L-STECF iqis li l-informazzjoni speċifika għall-appoġġ ta' din l-eżenzjoni kienet limitata. Madankollu, minħabba li dan is-sajd huwa pjuttost selettiv, il-Kummissjoni tqis li l-eżenzjoni jenħtieġ li tiġi estiża għal tliet snin.

(11) Ir-rakkomandazzjoni konġunta aġġornata tipproponi l-estensjoni tal-eżenzjoni tas-sopravivenza għall-paġella ħamra (*Pagellus bogaraveo*) li tinqabad bis-snanar u bix-xlief (LHP, LHM, LLS, LLD, LL, LTL, LX) għall-2022 u l-2023. L-STECF qies li kienet ġiet ipprovduta evidenza li tappoġġa din l-eżenzjoni, iżda jenħtieġ li jsiru studji xjentifiċi addizzjonali biex tiġi osservata direttament is-sopravivenza tal-qbid skartat. Il-Kummissjoni tqis li l-eżenzjoni jenħtieġ li tiġi estiża għal sentejn.

(12) Ir-rakkomandazzjoni konġunta aġġornata tipproponi l-estensjoni tal-eżenzjoni tas-sopravivenza għall-awwista (*Homarus gammarus*) u għall-awwisti (*Palinuridae*) li jinqabdu bix-xbieki (GNS, GN, GND, GNC, GTN, GTR, GEN) u bin-nases u bix-xbieki tat-tidwir (FPO, FIX) għall-2022 u għall-2023. L-STECF qies li kienet ġiet ipprovduta evidenza li tappoġġa l-fatt li l-impatt tas-sopravivenza tal-eżenzjoni x'aktarx li jkun baxx, iżda jenħtieġ li jsiru studji xjentifiċi addizzjonali biex jiġu osservati direttament ir-rati ta' sopravivenza tal-qbid skartat. Il-Kummissjoni tqis li l-eżenzjoni jenħtieġ li tiġi estiża għal sentejn.

(13) Ir-rakkomandazzjoni konġunta pprovdiet evidenza xjentifika aġġornata dwar il-kostijiet sproporzjonati fil-maniġġ tal-qabdiet inċidentali. Għalkemm l-STECF innota li huma pprovduti stimi taż-żieda fil-kostijiet, huwa saħaq fuq id-diffikultajiet biex jiġi ġġudikat f'liema livell il-kostijiet huma sproporzjonati. L-STECF innota li l-informazzjoni pprovduta dwar il-kostijiet sproporzjonati tista' titlesta ulterjorment u li jenħtieġ li ssir evalwazzjoni tal-impatti tal-eżenzjoni. L-STECF innota wkoll li t-tnaqqis tal-livell ta' qabdiet mhux mixtieqa permezz tal-użu ta' rkaptu selettiv jew ta' żoni protetti tal-baħar jenħtieġ li jingħata prijorità. Il-Kummissjoni tilqa' l-impenn meħud mill-Grupp ta' Livell Għoli Pescamed biex ikompli jaħdem fuq is-selettività u r-restrizzjonijiet spazjali tas-sajd bħala prijorità biex jinkiseb it-tnaqqis ta' qabdiet mhux mixtieqa. L-STECF innota li l-approċċ *de minimis* ikkombinat ikopri grupp wiesa' ta' speċijiet b'firxa wiesgħa ta' rati tal-qbid skartat iżda qies tali kopertura wiesgħa bħala approċċ validu minħabba l-kumplessità tas-sajd fil-Punent tal-Baħar Mediterran. Barra minn hekk l-STECF qies li eżenzjonijiet *de minimis* individwali li jkopru speċi waħda x'aktarx li jirriżultaw f'ħafna eżenzjonijiet separati li jkunu ugwalment ta' sfida għall-monitoraġġ. Il-Kummissjoni tqis li l-eżenzjoni jenħtieġ li tiġi estiża bil-livelli perċentwali proposti.

(14) L-Istati Membri ġeddew l-impenn tagħhom fir-rakkomandazzjoni konġunta tagħhom biex iżidu s-selettività tal-irkaptu tas-sajd f'konformità mar-riżultati tal-programmi ta' riċerka attwali sabiex inaqqsu u jillimitaw il-qabdiet mhux mixtieqa u partikolarment il-qabdiet b'daqsijiet iżgħar mid-daqsijiet minimi ta' referenza għall-konservazzjoni.

(15) Barra minn hekk, l-Istati Membri impenjaw ruħhom ukoll fir-rakkomandazzjoni konġunta tagħhom biex jidentifikaw aktar żoni magħluqin sabiex inaqqsu l-mortalità tal-ħut li għadu qed jikber, fejn hemm evidenza ta' konċentrazzjoni għolja ta' ħut li għadu qed jikber. Il-miżuri ssuġġeriti fir-rakkomandazzjonijiet konġunti aġġornati huma konformi mal-Artikolu 15(4), l-Artikolu 15(5)(b)(c) u l-Artikolu 18(3) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

(16) Billi l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament iħallu impatt dirett fuq l-ippjanar tal-istaġun tas-sajd tal-bastimenti tal-Unjoni u fuq l-attivitajiet ekonomiċi relatati, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ immedjatament wara l-pubblikazzjoni tiegħu. Jenħtieġ li dan jibda japplika mill-1 ta' Jannar 2022,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art

L-obbligu ta' ħatt l-art previst fl-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għandu japplika fl-ilmijiet tal-Unjoni tal-Punent tal-Baħar Mediterran għas-sajd demersali f'konformità ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "is-Subżoni Ġeografiċi tal-GFCM" tfisser is-Subżoni Ġeografiċi tal-Kummissjoni Ġenerali għas-Sajd fil-Mediterran ("GFCM") kif inhuma definiti fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1343/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]);

(b) "il-Punent tal-Baħar Mediterran" tfisser is-Subżoni Ġeografiċi tal-GFCM 1, 2, 5, 6, 7, 8, 9, 10 u 11.1, 11.2 u 12.

Artikolu 3

Eżenzjonijiet ta' sopravivenza

1. L-eżenzjoni mill-obbligu ta' ħatt l-art skont l-Artikolu 15(4)(b) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għall-ispeċijiet li għalihom, l-evidenza xjentifika turi rati għoljin ta' sopravivenza, fil-Punent tal-Baħar Mediterran, għandha tapplika:

a) għall-arzella tal-pellegrini (*Pecten jacobeus*) li tinqabad bil-gangmi mekkanizzati (HMD) sal-31 ta' Diċembru 2022;

b) għall-vongole (*Venerupis* spp.) li jinqabdu bil-gangmi mekkanizzati (HMD) sal-31 ta' Diċembru 2022;

c) għall-gandoffli ta' Venere (*Venus* spp.) li jinqabdu bil-gangmi mekkanizzati (HMD) sal-31 ta' Diċembru 2022;

d) għall-iskampu (*Nephrops norvegicus*) li jinqabad bix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ kollha (*OTB, OTT, PTB, TBN, TBS, TB, OT, PT, TX*) matul ix-xhur ta' Jannar sa Ġunju u ta' Settembru sa Diċembru, kull sena sal-31 ta' Diċembru 2024;

e) għall-iskampu (*Nephrops norvegicus*) li jinqabad bin-nases u bix-xbieki tat-tidwir (FPO, FIX) sal-31 ta' Diċembru 2024;

([5]) Ir-Regolament (UE) Nru 1343/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar ċerti dispożizzjonijiet għas-sajd fiż-żona tal-Ftehim tal-GFCM (Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Baħar Mediterran) u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 dwar miżuri ta' ġestjoni għall-isfruttament sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd fil-Baħar Mediterran (ĠU L 347, 30.12.2011, p. 44).

f) għall-paġella ħamra (*Pagellus bogaraveo*) li tinqabad bis-snanar u bix-xlief (LHP, LHM, LLS, LLD, LL, LTL, LX) sal-31 ta' Diċembru 2023;

g) għall-awwista (*Homarus gammarus*) li tinqabad bix-xbieki (GNS, GN, GND, GNC, GTN, GTR, GEN) u bin-nases u bix-xbieki tat-tidwir (FPO, FIX) sal-31 ta' Diċembru 2023;

h) għall-awwisti (*Palinuridae*) li jinqabdu bix-xbieki (GNS, GN, GND, GNC, GTN, GTR, GEN) u bin-nases u bix-xbieki tat-tidwir (FPO, FIX) sal-31 ta' Diċembru 2023.

2. għall-arzella tal-pellegrini (*Pecten jacobeus*), il-vongole (*Venerupis* spp.), il-gandoffli ta' Venere (*Venus* spp.), l-iskampu (*Nephrops norvegicus*), il-paġella ħamra (*Pagellus bogaraveo*), l-awwista (*Homarus gammarus*) u l-awwisti (*Palinuridae*) li jinqabdu fiċ-ċirkostanzi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu rilaxxati minnufih fiż-żona fejn ikunu nqabdu.

3. Sal-1 ta' Mejju 2022, l-Istati Membri li għandhom interess ta' ġestjoni dirett fis-sajd fil-Baħar Mediterran għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni *data* addizzjonali dwar il-qbid skartat u kwalunkwe informazzjoni xjentifika rilevanti oħra li tappoġġa l-eżenzjoni stabbilita fil-paragrafu 1(a)(b)(c). L-STECF għandu jivvaluta d-*data* u l-informazzjoni ppreżentati sa mhux aktar tard mill-31 ta' Lulju 2022.

Artikolu 4

Eżenzjonijiet *de minimis*

B'deroga mill-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, jistgħu jiġu skartati skont l-Artikolu 15(4)(c) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 il-kwantitajiet ta' speċijiet li ġejjin:

(a) għall-merluzz (*Merluccius merluccius*) u għat-trill (*Mullus* spp.), sa massimu ta' 5 % għall-2022 u għall-2023 tal-qabdiet annwali totali ta' dawk l-ispeċijiet li jinqabdu mill-bastimenti li jużaw ix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ;

(b) għall-merluzz (*Merluccius merluccius*) u għat-trill (*Mullus* spp.), sa massimu ta' 1 % għall-2022 u għall-2023 tal-qabdiet annwali totali ta' dawk l-ispeċijiet li jinqabdu mill-bastimenti li jużaw l-għeżula u l-pariti;

(c) għall-ispnotta (*Dicentrarchus labrax*), għall-isparlu (*Diplodus annularis*), għall-mogħża (*Diplodus puntazzo*), għas-sargu komuni (*Diplodus sargus*), għax-xirgien (*Diplodus vulgaris*), għaċ-ċerna (*Epinephelus* spp.), għall-ajula (*Lithognathus mormyrus*), għall-bażuga (*Pagellus acarne*), għall-paġella ħamra (*Pagellus bogaraveo*), għall-paġella (*Pagellus erythrinus*), għall-pagru (*Pagrus pagrus*), għall-ħanżir tal-fond (*Polyprion americanus*), għal-lingwata komuni (*Solea solea*), għall-awrata (*Sparus aurata*) u għall-gamblu abjad (*Parapenaeus longirostris*), sa massimu ta' 5 % għall-2022 u għall-2023 tal-qabdiet annwali totali ta' dawk l-ispeċijiet li jinqabdu mill-bastimenti li jużaw ix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ;

(d) għall-ispnotta (*Dicentrarchus labrax*), għall-isparlu (*Diplodus annularis*), għall-mogħża (*Diplodus puntazzo*), għas-sargu komuni (*Diplodus sargus*), għax-xirgien (*Diplodus vulgaris*), għaċ-ċerna (*Epinephelus* spp.), għall-ajula (*Lithognathus mormyrus*), għall-bażuga (*Pagellus acarne*), għall-paġella ħamra (*Pagellus bogaraveo*), għall-paġella (*Pagellus erythrinus*), għall-pagru (*Pagrus pagrus*), għall-ħanżir tal-fond (*Polyprion americanus*), għal-lingwata komuni (*Solea solea*), għall-awrata (*Sparus aurata*) u għall-gamblu abjad (*Parapenaeus longirostris*), sa massimu ta' 3 % għall-2022 u għall-2023 tal-qabdiet annwali totali ta' dawk l-ispeċijiet li jinqabdu mill-bastimenti li jużaw l-għeżula u l-pariti;

(e) għall-ispnotta (*Dicentrarchus labrax*), għall-isparlu (*Diplodus annularis*), għall-mogħża (*Diplodus puntazzo*), għas-sargu komuni (*Diplodus sargus*), għax-xirgien (*Diplodus vulgaris*), għaċ-ċerna (*Epinephelus* spp.), għall-ajula (*Lithognathus mormyrus*), għall-bażuga (*Pagellus acarne*), għall-paġella (*Pagellus erythrinus*), għall-pagru (*Pagrus pagrus*), għall-ħanżir tal-fond (*Polyprion americanus*), għal-lingwata komuni (*Solea solea*) u għall-gamblu abjad (*Parapenaeus longirostris*), sa massimu ta' 1 % għall-2022 u għall-2023 tal-qabdiet annwali totali ta' dawk l-ispeċijiet mill-bastimenti li jużaw is-snanar u x-xolfa.

Artikolu 5

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2022 sal-31 ta' Diċembru 2024.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Awwissu 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

REGOLAMENT TA’ IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/2067

tal-24 ta’ Novembru 2021

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1484/95 fir-rigward tal-iffissar tal-prezzijiet rappreżentattivi fis-setturi tal-laħam tat-tjur u l-bajd u għall-albumina tal-bajd

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta’ Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]), u b’mod partikolari l-Artikolu 183(b) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 510/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta’ April 2014 li jistabbilixxi l-arranġamenti kummerċjali applikabbli għal ċerti prodotti li jirriżultaw mill-ipproċessar tal-prodotti agrikoli u jħassar r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1216/2009 u (KE) Nru 614/2009 ([2]), u b’mod partikolari l-Artikolu 5(6)(a) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1484/95 ([3]) stabbilixxa regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta’ sistema ta’ dazji addizzjonali tal-importazzjoni u ffissa l-prezzijiet rappreżentattivi fis-setturi tal-laħam tat-tjur u tal-bajd u għall-albumina tal-bajd.

(2) Minn kontroll regolari tad-*data*, li abbażi tagħha jiġu stabbiliti l-prezzijiet rappreżentattivi għall-prodotti tas-setturi tal-laħam tat-tjur u tal-bajd u għall-albumina tal-bajd, jirriżulta li jenħtieġ li jiġu emendati l-prezzijiet rappreżentattivi għall-importazzjoni ta’ ċerti prodotti filwaqt li jitqiesu l-varjazzjonijiet fil-prezzijiet skont l-oriġini.

(3) Ghalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 1484/95 jiġi emendat skont dan.

(4) Biex ikun żgurat li din il-miżura tapplika kemm jista’ jkun malajr wara li d-*data* aġġornata ssir disponibbli, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1484/95 għandu jiġi sostitwit bit-test li jinsab fl-Anness ta’ dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.
([2]) ĠU L 150, 20.5.2014, p. 1.
([3]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1484/95 tat-28 ta’ Ġunju 1995 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta’ sistema ta’ dazji addizzjonali fuq l-importazzjoni u jiffissa dazji addizzjonali tal-importazzjoni fl-oqsma tal-laħam tat-tjur u l-bajd u għall-albumina tal-bajd, u jħassar ir-Regolament Nru 163/67/KEE (ĠU L 145, 29.6.1995, p. 47).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Novembru 2021.

Għall-Kummissjoni
F'isem il-President,
Wolfgang BURTSCHER
Direttur Ġenerali
Direttorat Ġenerali tal-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

ANNESS

"ANNESS I

Kodiċi NM	Deskrizzjoni tal-oġġetti	Prezz rappreżentattiv (f'EUR/100 kg)	Garanzija msemmija fl-Artikolu 3 (f'EUR/100 kg)	Oriġini ([1])
0207 14 10	Qatgħat bla għadam ta' tjur tal-ispeċi *Gallus domesticus*, iffriżati	172,0	44	BR"

([1]) In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1106/2012 tas-27 ta' Novembru 2012 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 471/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar statistika Komunitarja relatata mal-kummerċ estern ma' pajjiżi li mhumiex membri, fir-rigward tal-aġġornament tan-nomenklatura tal-pajjiżi u t-territorji (ĠU L 328, 28.11.2012, p. 7).

REGOLAMENT TA’ IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/2068

tal-25 ta’ Novembru 2021

li jemenda r-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodi ta’ approvazzjoni tas-sustanzi attivi benfluralin, dimoxystrobin, fluazinam, flutolanil, mecoprop-P, mepiquat, metiram, oxamyl u pyraclostrobin

(Test b’rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta’ Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta’ prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE ([1]), u b’mod partikolari l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 17 tiegħu,

Billi:

(1) Il-Parti A tal-Anness tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 ([2]) tistabbilixxi s-sustanzi attivi meqjusin approvati skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009.

(2) Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/52 ([3]) estenda l-perjodu ta’ approvazzjoni tas-sustanzi attivi dimoxystrobin, mecoprop-P, metiram, oxamyl u pyraclostrobin sal-31 ta’ Jannar 2022, u l-perjodu ta’ approvazzjoni tas-sustanzi attivi benfluralin, fluazinam, flutolanil u mepiquat sat-28 ta’ Frar 2022.

(3) L-applikazzjonijiet għat-tiġdid tal-approvazzjoni ta’ dawk is-sustanzi tressqu f’konformità mar-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 844/2012 ([4]), li tħassar bir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1740 ([5]). Madankollu, il-proċedura għat-tiġdid tal-approvazzjoni ta’ dawk is-sustanzi attivi kif stabbilita fir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 844/2012 għadha tapplika f’konformità mal-Artikolu 17(2) tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1740.

(4) Billi l-valutazzjoni ta’ dawk is-sustanzi attivi ddewmet għal raġunijiet li ma kinux fil-kontroll tal-applikanti, x’aktarx li l-approvazzjonijiet ta’ dawk is-sustanzi attivi se jiskadu qabel ma tkun ittieħdet deċiżjoni dwar it-tiġdid tagħhom. Għalhekk jeħtieġ li l-perjodi ta’ approvazzjoni tagħhom jiġu estiżi.

(5) Barra minn hekk, tenħtieġ estensjoni tal-perjodu tal-approvazzjoni tas-sustanzi attivi fluazinam, flutolanil, mecoprop-P, mepiquat, metiram u pyraclostrobin, biex jingħata biżżejjed żmien biex titwettaq valutazzjoni dwar il-proprjetajiet ta’ tfixkil tas-sistema endokrinali ta’ dawk is-sustanzi attivi f’konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikoli 13 u 14 tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) Nru 844/2012.

([1]) ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1.

([2]) Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 tal-25 ta’ Mejju 2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f’dak li għandu x’jaqsam mal-lista ta’ sustanzi attivi approvati (ĠU L 153, 11.6.2011, p. 1).

([3]) Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/52 tat-22 ta’ Jannar 2021 li jemenda r-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodi ta’ approvazzjoni tas-sustanzi attivi benfluralin, dimoxystrobin, fluazinam, flutolanil, mancozeb, mecoprop-P, mepiquat, metiram, oxamyl u pyraclostrobin (ĠU L 23, 25.1.2021, p. 13).

([4]) Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 844/2012 tat-18 ta’ Settembru 2012 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-proċedura ta’ tiġdid għas-sustanzi attivi, kif previst fir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta’ prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (ĠU L 252, 19.9.2012, p. 26).

([5]) Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1740 tal-20 ta’ Novembru 2020 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-proċedura ta’ tiġdid għas-sustanzi attivi, kif previst fir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 844/2012 (ĠU L 392, 23.11.2020, p. 20).

(6) F'każijiet meta l-Kummissjoni tkun se tadotta Regolament li jipprevedi li l-approvazzjoni ta' sustanza attiva msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament ma tiġġeddidx minħabba li ma jkunux ġew issodisfati l-kriterji għall-approvazzjoni, il-Kummissjoni trid tiffissa d-data ta' skadenza li tkun l-istess data ta' qabel ma sar dan ir-Regolament, jew fid-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament, dejjem jekk l-approvazzjoni tas-sustanza attiva ma tiġġeddidx, skont liema data tiġi l-aħħar. Rigward il-każijiet meta l-Kummissjoni tkun se tadotta Regolament li jipprevedi t-tiġdid ta' sustanza attiva msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni tfittex li tistabbilixxi, skont iċ-ċirkostanzi, l-aktar data ta' applikazzjoni qrib possibbli.

(7) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 jiġi emendat skont dan.

(8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 huwa emendat f'konformita mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Novembru 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Il-Parti A tal-Anness tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 hija emendata kif ġej:

(1) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 57, Mecoprop-P, id-data hija sostitwita bil-“31 ta’ Jannar 2023”;

(2) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 81, Pyraclostrobin, id-data hija sostitwita bil-“31 ta’ Jannar 2023”;

(3) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 115, Metiram, id-data hija sostitwita bil-“31 ta’ Jannar 2023”;

(4) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 116, Oxamyl, id-data hija sostitwita bil-“31 ta’ Jannar 2023”;

(5) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 128, Dimoxystrobin, id-data hija sostitwita bil-“31 ta’ Jannar 2023”;

(6) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 187, Flutolanil, id-data hija sostitwita bit-“28 ta’ Frar 2023”;

(7) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 188, Benfluralin, id-data hija sostitwita bit-“28 ta’ Frar 2023”;

(8) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 189, Fluazinam, id-data hija sostitwita bit-“28 ta’ Frar 2023”;

(9) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 191, Mepiquat, id-data hija sostitwita bit-“It-Tlieta, 28 ta’ Frar 2023”.

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/2069

tal-25 ta' Novembru 2021

li jemenda l-Anness VI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072 fir-rigward tal-introduzzjoni fl-Unjoni ta' patata għall-konsum mill-Bożnija-Ħerzegovina, mill-Montenegro u mis-Serbja u li jħassar id-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni 2012/219/UE u (UE) 2015/1199

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar il-miżuri protettivi kontra pesti tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 228/2013, (UE) Nru 652/2014 u (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 69/464/KEE, 74/647/KEE, 93/85/KEE, 98/57/KE, 2000/29/KE, 2006/91/KE u 2007/33/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 40(2) tiegħu,

Billi:

(1) L-entrata 17 tal-Anness VI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2072 ([2]) tipprojbixxi l-introduzzjoni fl-Unjoni ta' tuberi tal-ispeċi *Solanum* L. u l-ibridi tagħhom, minbarra dawk speċifikati fl-entrati 15 u 16 tiegħu, inklużi tuberi tas-*Solanum tuberosum* L. (il-"pjanta speċifikata") li joriġinaw f'ċerti pajjiżi terzi.

(2) Dik il-projbizzjoni ma tapplikax għal pajjiżi terzi Ewropej u żoni speċifiċi elenkati fl-entrata 17, ir-raba' kolonna, il-punt (b) tal-Anness VI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072, jekk huma rikonoxxuti bħala ħielsa mill-*Clavibacter sepedonicus* (Spieckermann u Kotthoff) Nouioui *et al.* ("il-pest speċifikat"), li jikkawża l-marda tat-tħassir ċirkulari fil-patata, jew jekk il-leġiżlazzjoni tagħhom hija rikonoxxuta bħala ekwivalenti għar-regoli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni kontra dak il-pest.

(3) Mill-informazzjoni pprovduta mill-Montenegro u relatata mal-kampanji ta' stħarriġ annwali bejn l-2010 u l-2020, u mill-informazzjoni miġbura matul awditu tal-Kummissjoni dwar is-settur tal-patata mwettaq f'dak il-pajjiż f'Novembru 2019, jidher li l-pest speċifikat ma kienx preżenti fil-Montenegro. Dak il-pajjiż żviluppa pjan ta' azzjoni ta' segwitu sodisfaċenti b'reazzjoni għar-rakkomandazzjonijiet tar-rapport finali tal-awditu fir-rigward tat-titjib tal-kontrolli tas-saħħa tal-pjanti fis-settur tal-patata. Għalhekk jixraq li l-Montenegro jiġi rikonoxxut bħala ħieles mill-*Clavibacter sepedonicus* (Spieckermann u Kotthoff) Nouioui *et al.* u li tkun permessa l-introduzzjoni fl-Unjoni tal-patata għall-konsum mill-Montenegro, peress li titqies ħielsa mill-pest speċifikat.

(4) Id-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/219/UE ([3]) u (UE) 2015/1199 ([4]) irrikonoxxew lis-Serbja u lill-Bożnija-Ħerzegovina, rispettivament, bħala ħielsa mill-pest speċifikat.

(5) Peress li, abbażi tar-riżultati u tal-awditi rispettivi tal-istħarriġ, is-sitwazzjoni ma nbidlitx fil-Bożnija-Ħerzegovina u fis-Serbja mill-adozzjoni ta' dawk id-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni, dawk il-pajjiżi terzi għadhom meqjusa bħala ħielsa mill-pest speċifikat u l-patata tal-konsum prodotta fit-territorji tagħhom jenħtieġ li titħalla tiġi introdotta fl-Unjoni.

([1]) ĠU L 317, 23.11.2016, p. 4.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2072 tat-28 ta' Novembru 2019 li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward il-miżuri protettivi kontra l-pesti tal-pjanti, u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 690/2008 u jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2019 (ĠU L 319, 10.12.2019, p. 1).

([3]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/219/UE tal-24 ta' April 2012 li tirrikonoxxi s-Serbia bħala ħielsa mill-*Clavibacter michiganensis ssp. sepedonicus* (Spieckerman et Kotthoff) Davis et al. (ĠU L 114, 26.4.2012, p. 28).

([4]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1199 tas-17 ta' Lulju 2015 li tirrikonoxxi lill-Bożnija-Ħerzegovina bħala ħielsa mill-*Clavibacter michiganensis ssp. sepedonicus* (Spieckerman u Kotthoff) Davis et al. (ĠU L 194, 22.7.2015, p. 42).

(6) Sabiex jiġi żgurat li l-Bożnija-Ħerzegovina, il-Montenegro, is-Serbja u r-Renju Unit jibqgħu ħielsa mill-pest speċifikat, dawk il-pajjiżi terzi jenħtieġ li jippreżentaw lill-Kummissjoni, sat-30 ta' April ta' kull sena, ir-riżultati tal-istħarriġ tas-sena ta' qabel li jikkonfermaw li l-pest speċifikat mhuwiex preżenti fit-territorji tagħhom, għaliex dan jiżgura l-aktar perjodu ta' żmien xieraq għall-ġbir u l-preżentazzjoni xierqa ta' dawk ir-riżultati.

(7) Għalhekk, jeħtieġ li l-entrata 17, ir-raba' kolonna, il-punti (b) u (c) tal-Anness VI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072 tiġi emendata skont dan, sabiex tikkonċerna wkoll lill-Bożnija-Ħerzegovina, lill-Montenegro, lis-Serbja u lir-Renju Unit.

(8) Għal raġunijiet ta' ċarezza ġuridika, id-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni 2012/219/UE u (UE) 2015/1199 jenħtieġ li jitħassru.

(9) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness VI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Id-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni 2012/219/UE u (UE) 2015/1199 huma b'dan imħassrin.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Novembru 2021.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Fir-raba’ kolonna tal-entrata 17 tal-Anness VI tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2019/2072, it-test jinbidel b’dan li ġej:

“Pajjiżi terzi jew reġjuni għajr:

(a) l-Alġerija, l-Eġittu, l-Iżrael, il-Libja, il-Marokk, is-Sirja, l-Iżvizzera, it-Tuneżija u t-Turkija;

jew

(b) dawk li jissodisfaw dan li ġejjin:

(i) ikunu wieħed minn dawn li ġejjin:

l-Albanija, Andorra, l-Armenja, l-Ażerbajġan, il-Belarussja, il-Gżejjer Kanarji, il-Gżejjer Faeroe, il-Georgia, l-Iżlanda, il-Liechtenstein, il-Moldova, Monaco, il-Maċedonja ta’ Fuq, in-Norveġja, ir-Russja (il-partijiet li ġejjin biss: id-Distrett Federali Ċentrali (Tsentralny federalny okrug), id-Distrett Federali tal-Majjistral (Severo-Zapadny federalny okrug), id-Distrett Federali tan-Nofsinhar (Yuzhny federalny okrug), id-Distrett Federali Kawkasu tat-Tramuntana (Severo-Kavkazsky federalny okrug) u d-Distrett Federali ta’ Volga (Privolzhsky federalny okrug)), San Marino, u l-Ukrajna;

kif ukoll

(ii) jissodisfaw waħda minn dawn li ġejjin:

— ikunu rikonoxxuti bħala ħielsa mill-*Clavibacter sepedonicus* (Spieckermann u Kotthoff) Nouioui *et al.*, f’konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 107 tar-Regolament (UE) 2016/2031, jew

— il-leġiżlazzjoni tagħhom tkun rikonoxxuta bħala ekwivalenti mar-regoli tal-Unjoni li jikkonċernaw protezzjoni kontra l-*Clavibacter sepedonicus* (Spieckermann u Kotthoff) Nouioui *et al.* f’konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 107 tar-Regolament (UE) 2016/2031,

jew

(c) Il-Bożnija-Ħerzegovina, il-Montenegro, is-Serbja u r-Renju Unit (*), dejjem jekk tiġi ssodisfata l-kundizzjoni li ġejja: is-sottomissjoni minn dawk il-pajjiżi terzi lill-Kummissjoni, sat-30 ta’ April ta’ kull sena, tar-riżultati tal-istħarriġ tas-sena ta’ qabel li jikkonfermaw li l-*Clavibacter sepedonicus* (Spieckermann and Kotthoff) Nouioui *et al.* mhijiex preżenti fit-territorji tagħhom.

(*) F’konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta’ Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b’mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta’ Fuq flimkien mal-Anness 2 ta’ dak il-Protokoll, għall-finijiet ta’ dan l-Anness, ir-referenzi għar-Renju Unit ma jinkludux l-Irlanda ta’ Fuq.”.

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/2070

tal-25 ta' Novembru 2021

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 474/2006 fir-rigward tal-lista ta' trasportaturi tal-ajru li huma pprojbiti milli joperaw jew li huma soġġetti għal restrizzjonijiet operattivi fl-Unjoni

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2005 dwar l-istabbiliment ta' lista Komunitarja ta' kumpaniji tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni ta' operar fil-Komunità u li jinforma lill-passiġġieri tat-trasport bl-ajru dwar l-identità tal-kumpanija tal-ajru li topera, u li tħassar l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2004/36/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 474/2006 ([2]) jistabbilixxi l-lista ta' trasportaturi tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fl-Unjoni.

(2) Ċerti Stati Membri u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għas-Sikurezza tal-Avjazzjoni ("l-Aġenzija") għaddew lill-Kummissjoni informazzjoni li hija rilevanti għall-aġġornament ta' dik il-lista, skont l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005. Pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali wkoll ipprovdew informazzjoni rilevanti. Jenħtieġ li l-lista tiġi aġġornata abbażi tal-informazzjoni pprovduta.

(3) Il-Kummissjoni infurmat lit-trasportaturi tal-ajru kollha kkonċernati, direttament jew permezz tal-awtoritajiet responsabbli għas-sorveljanza regolatorja tagħhom, dwar il-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li jiffurmaw il-bażi ta' deċiżjoni li timponilhom projbizzjoni fuq l-operat fl-Unjoni jew li timmodifika l-kundizzjonijiet ta' projbizzjoni fuq l-operat imposta fuq trasportatur tal-ajru li jkun inkluż fil-lista fl-Annessi A jew B tar-Regolament (KE) Nru 474/2006.

(4) Il-Kummissjoni tat l-opportunità lit-trasportaturi tal-ajru kkonċernati biex jikkonsultaw id-dokumentazzjoni rilevanti kollha, jissottomettu kummenti bil-miktub u jagħmlu preżentazzjoni orali lill-Kummissjoni u lill-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005 (il-"Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru tal-UE").

(5) Il-Kummissjoni infurmat lill-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru tal-UE dwar il-konsultazzjonijiet konġunti li għaddejjin, fil-qafas tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005 u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 473/2006 ([3]), mal-awtoritajiet kompetenti u mat-trasportaturi tal-ajru tal-Armenja, tal-Comoros, tal-Iraq, tal-Każakistan, tal-Libja, tal-Messiku, tal-Moldova, tal-Pakistan, tar-Russja u tas-Sudan t'Isfel. Il-Kummissjoni infurmat ukoll lill-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru tal-UE dwar is-sitwazzjoni tal-avjazzjoni fil-Guinea Ekwatorjali, fil-Kongo (Brazzaville), f'Madagascar, fis-Sudan u fis-Suriname.

(6) L-Aġenzija infurmat lill-Kummissjoni u lill-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru tal-UE dwar il-valutazzjonijiet tekniċi mwettqa għall-evalwazzjoni inizjali u l-monitoraġġ kontinwu tal-awtorizzazzjonijiet minn operaturi ta' pajjiżi terzi ("TCO"), maħruġa skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 452/2014 ([4]).

([1]) ĠU L 344, 27.12.2005, p. 15.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 474/2006 tat-22 ta' Marzu 2006 li jistabbilixxi l-lista Komunitarja ta' kumpaniji tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fil-Komunità skont il-Kapitolu II tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 84, 23.3.2006, p. 14).

([3]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 473/2006 tat-22 ta' Marzu 2006 li jistabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni għal-lista Komunitarja ta' trasportaturi tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fil-Komunità kif jissemma fil-Kapitolu II tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 84, 23.3.2006, p. 8).

([4]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 452/2014 tad-29 ta' April 2014 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-operazzjonijiet tal-ajru ta' pajjiżi terzi skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, (ĠU L 133, 6.5.2014, p. 12).

(7) L-Aġenzija infurmat ukoll lill-Kummissjoni u lill-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru tal-UE dwar ir-riżultati tal-analiżi tal-ispezzjonijiet fir-rampa li twettqu fil-kuntest tal-programm tal-Valutazzjoni tas-Sikurezza tal-Inġenji tal-Ajru Barranin ("SAFA"), f'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 965/2012 ([5]).

(8) Barra minn hekk, l-Aġenzija infurmat lill-Kummissjoni u lill-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru tal-UE dwar il-proġetti ta' assistenza teknika li saru fil-pajjiżi terzi milqutin minn projbizzjoni fuq l-operat skont ir-Regolament (KE) Nru 474/2006. Barra minn hekk, l-Aġenzija u Franza pprovdew informazzjoni dwar il-pjanijiet u t-talbiet għal aktar assistenza teknika u kooperazzjoni biex tittejjeb il-kapaċità amministrattiva u teknika tal-awtoritajiet tal-avjazzjoni ċivili fil-pajjiżi terzi, bil-għan li dawn ikunu megħjuna jsolvu n-nuqqasijiet ta' konformità mal-istandards internazzjonali tas-sikurezza tal-avjazzjoni ċivili applikabbli. L-Istati Membri ġew mistiedna jirrispondu għal tali talbiet fuq bażi bilaterali, b'koordinazzjoni mal-Kummissjoni u mal-Aġenzija. F'dak ir-rigward, il-Kummissjoni saħqet mill-ġdid fuq is-siwi tal-għoti ta' informazzjoni lill-komunità internazzjonali tal-avjazzjoni, b'mod partikolari permezz tal-għodda ta' Shubija tal-Assistenza għall-Implimentazzjoni tas-Sikurezza fl-Avjazzjoni tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali ("ICAO"), dwar l-assistenza teknika lil pajjiżi terzi pprovduta mill-Unjoni u mill-Istati Membri sabiex tittejjeb is-sikurezza tal-avjazzjoni mad-dinja kollha.

(9) Il-Eurocontrol ipprovdiet lill-Kummissjoni u lill-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru tal-UE b'aġġornament dwar l-istatus tal-funzjoni ta' allarm tas-SAFA u tat-TCO u bi statistika dwar il-messaġġi ta' allert għat-trasportaturi tal-ajru pprojbiti.

Trasportaturi tal-ajru tal-Unjoni

(10) Wara l-analiżi mill-Aġenzija tal-informazzjoni li ħarġet mill-ispezzjonijiet fir-rampa li twettqu fuq l-inġenji tal-ajru tat-trasportaturi tal-ajru tal-Unjoni, kif ukoll mill-ispezzjonijiet ta' standardizzazzjoni li twettqu mill-Aġenzija, ikkomplimentata wkoll bl-informazzjoni li rriżultat minn spezzjonijiet u minn awditi speċifiċi li twettqu mill-awtoritajiet nazzjonali tal-avjazzjoni, diversi Stati Membri u l-Aġenzija, fir-rwol ta' awtorità kompetenti, ħadu ċerti miżuri korrettivi u ta' infurzar u infurmaw lill-Kummissjoni u lill-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru tal-UE dwar dawk il-miżuri.

(11) L-Istati Membri u l-Aġenzija, fir-rwol ta' awtorità kompetenti, saħqu mill-ġdid li huma lesti jaġixxu kif meħtieġ f'każ li informazzjoni pertinenti dwar is-sikurezza tkun tindika li jkun hemm riskji imminenti għas-sikurezza minħabba nuqqas ta' konformità min-naħa tat-trasportaturi tal-ajru tal-Unjoni mal-istandards internazzjonali rilevanti tas-sikurezza.

Trasportaturi tal-ajru mill-Armenja

(12) F'Ġunju 2020, it-trasportaturi tal-ajru mill-Armenja ġew inklużi fl-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 474/2006, bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/736 ([6]).

(13) Fit-3 ta' Novembru 2021, il-Kummissjoni, l-Aġenzija, l-Istati Membri u l-Kumitat tal-Avjazzjoni Ċivili tal-Armenja ("CAC") kellhom laqgħa teknika, li matulha s-CAC ipprovda aġġornament dwar l-azzjonijiet li ttieħdu minn meta saret il-laqgħa teknika tal-15 ta' April 2021 biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet tas-sikurezza identifikati. Is-CAC ipprovda ħarsa ġenerali tal-aħħar żviluppi rigward il-qafas leġiżlattiv tal-avjazzjoni ċivili fl-Armenja, informazzjoni dwar l-iżvilupp ulterjuri tal-funzjonijiet u r-responsabbiltajiet tad-dipartiment/tas-sezzjoni tas-CAC, u l-Manwal tar-Riżorsi Umani.

(14) Is-CAC informa wkoll lill-Kummissjoni dwar il-Manwal dwar il-Ġestjoni tas-Sikurezza li għadu kif ġie żviluppat u dwar it-taħriġ tas-Sistema ta' Ġestjoni tas-Sikurezza (SMS) segwit mill-persunal tas-CAC.

([5]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 965/2012 tal-5 ta' Ottubru 2012 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-operazzjonijiet bl-ajru skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 296, 25.10.2012, p. 1).

([6]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/736 tat-2 ta' Ġunju 2020 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 474/2006 fir-rigward tal-lista ta' kumpaniji tal-ajru li huma pprojbiti milli joperaw jew li huma soġġetti għal restrizzjonijiet operattivi fl-Unjoni (ĠU L 172, 3.6.2020, p. 7).

(15) Barra minn hekk, is-CAC informa lill-Kummissjoni li ċ-Ċertifikati tal-Operaturi tal-Ajru ("AOC") tat-trasportaturi tal-ajru *Atlantis Armenian Airlines* u *Fly Armenia Airways* ġew revokati, u li ġie ċċertifikat trasportatur tal-ajru ġdid, *Flyone Armenia* (AOC Nru 074). Peress li s-CAC ma wriex li għandu kapaċità suffiċjenti biex jimplimenta u jinforza l-istandards rilevanti tas-sikurezza, il-ħruġ ta' AOC lil dan it-trasportatur tal-ajru l-ġdid ma jiggarantix konformità biżżejjed mal-istandards tal-ajru internazzjonali.

(16) Il-Kummissjoni tieħu nota tal-progress li sar mis-CAC fl-indirizzar tat-tħassib tas-sikurezza tal-avjazzjoni li f'Ġunju 2020 wassal għall-inklużjoni tat-trasportaturi tal-ajru ċċertifikati fl-Armenja fl-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 474/2006. Madankollu, mill-informazzjoni u d-dokumentazzjoni pprovduti mis-CAC, ma hemmx biżżejjed evidenza li turi li n-nuqqasijiet tas-sikurezza identifikati matul iż-żjara ta' valutazzjoni tal-Unjoni fuq il-post tal-2020 ġew indirizzati b'mod effettiv biex tiġi żgurata l-konformità mal-istandards internazzjonali tas-sikurezza. Il-Kummissjoni se tkompli tinvolvi ruħha mas-CAC u tissorvelja l-miżuri ulterjuri adottati u l-attivitajiet imwettqa biex jiġu indirizzati dawk in-nuqqasijiet tas-sikurezza, inklużi l-kapaċitajiet ta' sorveljanza tas-sikurezza tas-CAC. F'dan il-kuntest, ġie nnutat li l-Aġenzija se tmexxi proġett ta' assistenza teknika biex tappoġġa lis-CAC fl-isforzi tagħhom biex tittejjeb is-sorveljanza tas-sikurezza tal-avjazzjoni fl-Armenja.

(17) F'konformità mal-kriterji komuni stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, il-Kummissjoni tikkunsidra li fir-rigward tat-trasportaturi tal-ajru mill-Armenja, jenħtieġ li l-lista tat-trasportaturi tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fi ħdan l-Unjoni tiġi emendata, biex *Flyone Armenia* jiġi inkluż fl-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 474/2006, u biex *Atlantis Armenian Airlines* u *Fly Armenia Airways* jitneħħew minn dak l-Anness.

(18) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkomplu jivverifikaw il-konformità effettiva tat-trasportaturi tal-ajru ċċertifikati fl-Armenja mal-istandards tas-sikurezza internazzjonali rilevanti permezz tal-prijoritizzazzjoni tal-ispezzjonijiet fir-rampa ta' dawk it-trasportaturi tal-ajru kollha, skont ir-Regolament (UE) Nru 965/2012.

Trasportaturi tal-ajru mill-Comoros

(19) Fit-22 ta' Marzu 2006, it-trasportatur tal-ajru *Air Service Comores* ġie inkluż fl-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 474/2006.

(20) Fit-12 ta' Ottubru 2006, it-trasportatur tal-ajru *Air Service Comores* tressaq mill-Anness A għall-Anness B tar-Regolament (KE) Nru 474/2006, bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1543/2006 ([7]).

(21) Bħala parti mill-attivitajiet ta' monitoraġġ kontinwu tagħha, il-Kummissjoni talbet lill-Agence Nationale de l'Aviation Civile et de la Météorologie de l'Union des Comores ("ANACM") biex tipprovdi lista tad-detenturi kollha ta' AOC iċċertifikati fil-Comoros.

(22) Fil-15 ta' Lulju 2021, l-ANACM ikkonfermat bil-miktub il-waqfien tal-attivitajiet tat-trasportatur tal-ajru *Air Service Comores*.

(23) F'konformità mal-kriterji komuni stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, il-Kummissjoni tqis li l-lista tat-trasportaturi tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni tal-operat fl-Unjoni jenħtieġ li tiġi emendata biex it-trasportatur tal-ajru *Air Service Comores* jitneħħa mill-Anness B tar-Regolament (KE) Nru 474/2006.

(24) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkomplu jivverifikaw il-konformità effettiva tat-trasportaturi tal-ajru ċċertifikati fil-Comoros mal-istandards tas-sikurezza internazzjonali rilevanti permezz tal-prijoritizzazzjoni tal-ispezzjonijiet fir-rampa ta' dawk it-trasportaturi tal-ajru kollha, skont ir-Regolament (UE) Nru 965/2012.

(25) Meta kwalunkwe informazzjoni rilevanti dwar is-sikurezza turi riskji imminenti għas-sikurezza minħabba nuqqas ta' konformità mal-istandards tas-sikurezza internazzjonali, tista' tkun meħtieġa azzjoni ulterjuri mill-Kummissjoni, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 2111/2005.

([7]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1543/2006 tat-12 ta' Ottubru 2006 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 474/2006 filwaqt li jistabbilixxi l-lista Komunitarja ta' kumpaniji tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fil-Komunità skont il-Kapitolu II tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 910/2006 (ĠU L 283, 14.10.2006, p. 27).

Trasportaturi tal-ajru mill-Iraq

(26) F'Diċembru 2015, it-trasportatur tal-ajru *Iraqi Airways* ġie inkluż fl-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 474/2006, bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2322 ([8]).

(27) Fis-17 ta' Ġunju 2021, fuq talba tal-Iraq u bħala parti mill-attivitajiet ta' monitoraġġ kontinwu tal-Kummissjoni, il-Kummissjoni, l-Aġenzija, l-Istati Membri u l-Awtorità tal-Avjazzjoni Ċivili Iraqina ("ICAA") kellhom laqgħa teknika. Matul dik il-laqgħa, l-ICAA pprovdiet aġġornament dwar l-azzjonijiet meħuda minn meta *Iraqi Airways* ġie inkluż fl-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 474/2006, kif ukoll informazzjoni dwar l-istatus tat-tlestija tal-Awditu fuq il-Bażi ta' Dokumenti tal-Approċċ ta' Monitoraġġ Kontinwu tal-Programm Universali ta' Awditjar tas-Sorveljanza tas-Sikurezza ("USOAP CMA") tal-ICAO.

(28) Barra minn hekk, l-ICAA indikat lill-Kummissjoni li r-rakkomandazzjonijiet kollha li rriżultaw mill-proġett ta' assistenza teknika lill-ICAA, ipprovduti mill-Aġenzija fl-2017, kienu ġew indirizzati u implimentati. Bħala komplement għall-informazzjoni pprovduta qabel il-laqgħa teknika, l-ICAA impenjat ruħha li tipprovdi aktar evidenza biex turi l-progress imsemmi. Matul it-tieni parti ta' dik il-laqgħa, fuq talba speċifika tal-Iraq, il-Kummissjoni u l-Aġenzija pprovdew kjarifiki fir-rigward tal-proċess ta' awtorizzazzjoni ta' TCO, fid-dawl ta' applikazzjoni futura għal awtorizzazzjonijiet ta' TCO minn *Iraqi Airways* jew trasportaturi tal-ajru oħra ċċertifikati fl-Iraq.

(29) Il-Kummissjoni, matul il-laqgħa li saret fis-17 ta' Ġunju 2021, speċifikat li setgħet tikkunsidra li tneħħi lil *Iraqi Airways* mill-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 474/2006 meta l-informazzjoni, inkluż permezz ta' żjara ta' valutazzjoni tal-Unjoni fuq il-post, tikkonferma l-konformità tal-Iraq mal-istandards taċ-ċertifikazzjoni u tas-sorveljanza tal-ICAO, u *Iraqi Airways* juri lill-Aġenzija u lill-Kummissjoni li r-raġunijiet li wasslu għad-deċiżjoni negattiva dwar it-TCO fl-2015 ġew solvuti.

(30) F'konformità mal-kriterji komuni stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, il-Kummissjoni tqis li bħalissa ma hemm l-ebda raġuni biex tiġi emendata l-lista tat-trasportaturi tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fl-Unjoni fir-rigward tat-trasportaturi tal-ajru mill-Iraq.

(31) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkomplu jivverifikaw il-konformità effettiva tat-trasportaturi tal-ajru ċċertifikati fl-Iraq mal-istandards tas-sikurezza internazzjonali rilevanti permezz tal-prijoritizzazzjoni tal-ispezzjonijiet fir-rampa ta' dawk it-trasportaturi tal-ajru kollha, skont ir-Regolament (UE) Nru 965/2012.

Trasportaturi tal-ajru mill-Każakistan

(32) F'Diċembru 2016, it-trasportaturi tal-ajru kollha mill-Każakistan tneħħew mill-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 474/2006, bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2214 ([9]).

(33) Fi Frar 2020, bħala parti mill-monitoraġġ kontinwu tas-sistema ta' sorveljanza tas-sikurezza fil-Każakistan, infetħu konsultazzjonijiet formali mal-awtoritajiet kompetenti tal-Każakistan. F'dak il-kuntest, fl-okkażjoni tal-laqgħat tiegħu f'Mejju u f'Novembru 2021, il-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru tal-UE ġie pprovdut b'ħarsa ġenerali tas-sitwazzjoni ta' sorveljanza tas-sikurezza fil-Każakistan.

(34) Bħala segwitu għad-deliberazzjonijiet tal-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru tal-UE ta' Mejju 2021, l-esperti mill-Kummissjoni, l-Aġenzija u l-Istati Membri wettqu żjara ta' valutazzjoni tal-Unjoni fuq il-post fil-Każakistan bejn il-11 u l-15 ta' Ottubru 2021 għand il-Kumitat tal-Avjazzjoni Ċivili tal-Każakistan ("CAC KZ") u għand l-*Aviation Administration of Kazakhstan Joint Stock Company* ("AAK"), kif ukoll kampjunar ta' tliet trasportaturi tal-ajru ċċertifikati fil-Każakistan, jiġifieri *Air Astana, Jupiter Jet* u *Qazaq Air*.

([8]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2322 tal-10 ta' Diċembru 2015 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 474/2006 li jistabbilixxi l-lista Komunitarja ta' kumpaniji tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fil-Komunità (ĠU L 328, 12.12.2015, p. 67).

([9]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2214 tat-8 ta' Diċembru 2016 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 474/2006 fir-rigward tal-lista ta' kumpaniji tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fl-Unjoni (ĠU L 334, 9.12.2016, p. 6).

(35) Iż-żjara ta' valutazzjoni ffukat l-attivitajiet tagħha fuq l-AAK fid-dawl tar-rwol predominanti u r-responsabbiltà ta' dan tal-aħħar fil-kuntest tal-attivitajiet ta' sorveljanza tat-trasportaturi tal-ajru ċċertifikati fil-Każakistan. Madankollu, rappreżentanti mis-CAC KZ ipparteċipaw fl-attivitajiet kollha ta' valutazzjoni peress li għadd ta' attivitajiet ta' politika, bħall-adozzjoni tal-proċeduri tal-AAK, huma fil-kompetenza tagħhom.

(36) Miż-żjara ta' valutazzjoni, huwa ċar li filwaqt li l-AAK turi punti tajbin, għad hemm dgħufijiet, bħal nuqqas ta' konformità mal-obbligi tal-AAK matul il-proċessi ta' ċertifikazzjoni tat-trasportaturi tal-ajru. Barra minn hekk, il-proċess ta' sorveljanza jenħtieġ li jiġi adattat u, fejn meħtieġ, jiġi msaħħaħ biex jiġi żgurat li t-trasportaturi tal-ajru kollha jkunu soġġetti għal sorveljanza proporzjonata mad-daqs u l-kumplessità tagħhom, u biex tiġi żgurata konformità kontinwa mal-istandards internazzjonali tas-sikurezza applikabbli.

(37) Barra minn hekk, jenħtieġ li tingħata aktar attenzjoni mis-CAC KZ biex jiġi żgurat li l-qafas leġiżlattiv jinżamm aġġornat f'termini tal-integrazzjoni tal-emendi tal-Annessi tal-ICAO fir-regolamenti tal-Każakistan. Is-CAC KZ u l-AAK jeħtieġ li jiżguraw l-implimentazzjoni ta' mekkaniżmi u proċeduri interni sodi li jsarrfu l-qafas legali u tekniku eżistenti f'attivitajiet u proċeduri ta' rutina tal-organizzazzjoni. F'dan il-kuntest, is-CAC KZ u l-AAK jenħtieġ li jtejbu l-funzjonijiet ġenerali tagħhom ta' ġestjoni tal-kwalità, kif ukoll il-Programm għas-Sikurezza tal-Istat tal-Każakistan, biex jiżguraw li r-riskji potenzjali għas-sikurezza jiġu identifikati u mmitigati kif xieraq b'mod sistemiku u f'waqtu.

(38) Fir-rigward tal-attivitajiet ta' liċenzjar imwettqa mill-AAK, biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni tar-responsabbiltajiet ta' liċenzjar tal-Każakistan bħala Stat Kontraenti tal-ICAO, it-tim ta' valutazzjoni identifika oqsma li jeħtieġu titjib, b'mod partikolari, il-proċeduri tal-ispetturi, is-sistema tal-eżamijiet teoretiċi tal-ekwipaġġ tat-titjira, u l-proċeduri li jippermettu approċċ standardizzat għall-kwalifika tal-eżaminaturi tat-titjiriet u s-superviżjoni tagħhom.

(39) Il-persunal tal-ajrunavigabbiltà għandu għarfien tajjeb tal-proċeduri fis-seħħ fl-AAK. Madankollu, hemm bżonn ta' aktar titjib, b'mod partikolari fil-qasam tat-taħriġ rikorrenti u speċjalizzat biex jiġu ggarantiti l-kwalifiki meħtieġa tal-ispetturi. Il-kampjunar tal-attivitajiet imwettqa mill-persunal tal-ajrunavigabbiltà wera devjazzjonijiet mir-rekwiżiti, b'mod partikolari fl-oqsma taċ-ċertifikazzjoni u s-sorveljanza tal-operaturi u tal-organizzazzjonijiet tal-manutenzjoni.

(40) Fit-13 ta' Ottubru 2021, it-tim ta' valutazzjoni wettaq żjara ddedikata għand *Air Astana*, it-trasportatur tal-ajru ewlieni tal-passiġġieri u tal-merkanzija tal-Każakistan. It-trasportatur tal-ajru għandu fis-seħħ SMS solida u li tiffunzjona tajjeb li tiġġenera *data* utli għat-trasportatur tal-ajru. B'mod ġenerali, abbażi tal-analiżi tal-kampjun, seta' jiġi kkonfermat li kien hemm fis-seħħ Sistema ta' Monitoraġġ tal-Konformità (CMS) robusta u funzjonali. Il-maniġment superjuri tal-kumpanija għandu fehim tajjeb ta' dawk is-sistemi u jużahom biex jidentifika r-riskji u biex jieħu miżuri xierqa biex itaffi l-ogħla riskji għal livelli aċċettabbli.

(41) L-operazzjonijiet tat-trasportatur tal-ajru huma appoġġati minn persunal tekniku kwalifikat u minn stazzjonijiet bil-linja b'kapaċità ta' manutenzjoni. Matul iż-żjara ma ġew identifikati ebda problemi jew nuqqasijiet b'rabta mal-qasam tal-ajrunavigabbiltà.

(42) It-trasportatur tal-ajru wera sistema robusta u strutturata għall-kontroll tal-aspetti differenti tat-taħriġ għall-ekwipaġġ tat-titjira, għall-ekwipaġġ tal-kabina u għall-uffiċjali tal-operazzjoni tat-titjira/għad-dispaċers tat-titjira, inklużi l-għalliema u l-eżaminaturi tat-titjir. Il-fajls li fuqhom twettaq kampjunar urew it-traċċabbiltà taċ-ċertifikati tat-taħriġ, u li l-formoli mtlew kif suppost.

(43) Fit-13 ta' Ottubru 2021, it-tim ta' valutazzjoni wettaq żjara ddedikata għand *Jupiter Jet*, trasportatur tal-ajru li jittrasporta l-merkanzija bbażat f'Almaty. Twaqqaf fl-1996 bħala *Joint-Stock Company Air Company ATMA* u fl-2016 ingħata isem ġdid. Jopera servizzi charter *ad hoc* b'Antonov AN-12 wieħed.

(44) Filwaqt li t-trasportatur tal-ajru żviluppa u implimenta SMS, hemm bżonn ta' aktar titjib sabiex jinkiseb il-livell ta' maturità meħtieġ tas-sistema.

(45) It-trasportatur tal-ajru wera li għandu sistema soda u strutturata biex jikkontrolla l-aspetti differenti tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà.

(46) Matul iż-żjara ġie ddeterminat li l-proċeduri relatati mal-Electronic Flight Bag (EFB), bħala parti mill-Manwal tal-Operazzjonijiet, kienu ġeneriċi ħafna. Barra minn hekk, fil-Manwal tal-Operazzjonijiet, ġie identifikat ukoll li xi wħud mill-proċeduri ma kinux aġġornati jew żviluppati għalkollox, eż. il-kapitolu relatat mas-Sistema għall-Prevenzjoni tal-Kolliżjonijiet tat-Traffiku ("TCAS") ma kienx jinkludi s-sejħiet standard TCAS 7.1 kollha u l-proċeduri assoċjati. Hemm bżonn li l-Manwal tal-Operazzjonijiet jiġi rieżaminat u vverifikat għall-konformità mal-istandards applikabbli.

(47) *Qazaq Air*, li twaqqaf fl-2015, huwa trasportatur interreġjonali tal-passiġġieri u tal-merkanzija bbażat f'Nur-Sultan li jopera flotta ta' ħames inġenji tal-ajru De Havilland Dash-8-Q400NG turboprop. Fl-14 ta' Ottubru 2021, it-tim ta' valutazzjoni wettaq żjara ddedikata għand it-trasportatur tal-ajru.

(48) *Qazaq Air* għandu fis-seħħ SMS li tiġġenera *data* utli għat-trasportatur tal-ajru. Madankollu, matul il-valutazzjoni, ġie identifikat li *Qazaq Air* ma wettaqx l-attivitajiet kollha b'mod sistematiku skont ir-rekwiżiti fil-Manwal dwar il-Ġestjoni tas-Sikurezza, eż. ma saru ebda awditi tas-sikurezza, u eżerċizzju ta' rispons f'każ ta' emerġenza kien għadu pendenti.

(49) It-trasportatur tal-ajru żviluppa u implimenta funzjoni ta' Monitoraġġ tal-Konformità, iżda hemm bżonn ta' aktar titjib biex jiġi żgurat il-potenzjal sħiħ tiegħu, b'mod partikolari fir-rigward tal-għeluq tas-sejbiet tal-awditi interni.

(50) Matul il-valutazzjoni, ġew osservati xi diskrepanzi mal-Manwal tal-Operazzjonijiet tat-trasportatur tal-ajru. Hemm tħassib speċifiku rigward il-fatt li t-trasportatur tal-ajru ma stabbilixxiex kriterji ta' kwalifika għal operazzjonijiet b'viżibbiltà baxxa għall-ekwipaġġi tat-titjira, minkejja li t-trasportatur tal-ajru ġie approvat għal operazzjonijiet b'viżibbiltà baxxa.

(51) *Qazaq Air* juża sistema kompjuterizzata ta' skedar u monitoraġġ tal-ekwipaġġi għall-ekwipaġġi tat-titjira tiegħu. Matul il-valutazzjoni tar-reġistru tat-taħriġ tad-dispaċers tat-titjira, instab li għadd ta' programmi ta' taħriġ li kellhom isiru kienu għadhom ma sarux.

(52) Abbażi tad-deliberazzjonijiet tiegħu, il-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru tal-UE wasal għall-konklużjoni li jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lill-monitoraġġ, inkluż permezz ta' seduta ta' CAC KZ kif ukoll tal-AAK fil-laqgħa li jmiss tal-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru tal-UE, tal-attivitajiet ta' segwitu tagħhom, biex jiġu indirizzati l-osservazzjonijiet li saru matul iż-żjara ta' valutazzjoni, u b'mod partikolari fir-rigward tal-elaborazzjoni u l-implimentazzjoni effettiva ta' pjan xieraq ta' azzjonijiet korrettivi.

(53) F'konformità mal-kriterji komuni stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, il-Kummissjoni tqis li bħalissa ma hemm l-ebda raġuni biex tiġi emendata l-lista tat-trasportaturi tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fl-Unjoni fir-rigward tat-trasportaturi tal-ajru mill-Każakistan.

(54) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkomplu jivverifikaw il-konformità effettiva tat-trasportaturi tal-ajru ċċertifikati fil-Każakistan mal-istandards tas-sikurezza internazzjonali rilevanti permezz tal-prijoritizzazzjoni tal-ispezzjonijiet fir-rampa ta' dawk it-trasportaturi tal-ajru kollha, skont ir-Regolament (UE) Nru 965/2012.

(55) Meta kwalunkwe informazzjoni rilevanti dwar is-sikurezza turi riskji imminenti għas-sikurezza minħabba nuqqas ta' konformità mal-istandards tas-sikurezza internazzjonali, jista' jkun li tkun meħtieġa azzjoni ulterjuri mill-Kummissjoni, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 2111/2005.

Trasportaturi tal-ajru mil-Libja

(56) F'Diċembru 2014, it-trasportaturi tal-ajru mil-Libja ġew inklużi fl-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 474/2006, bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1318/2014 ([10]).

(57) Permezz ta' ittra tat-2 ta' Ġunju 2021, l-Awtorità tal-Avjazzjoni Ċivili Libjana ("LYCAA") pprovdiet informazzjoni dwar l-istruttura, is-sistema ta' sorveljanza u l-attivitajiet tagħha, inklużi l-manwali tal-proċeduri tal-ispetturi interni, l-istruzzjonijiet lill-organizzazzjonijiet tal-avjazzjoni ċivili, il-formoli għall-professjonisti u l-organizzazzjonijiet tal-avjazzjoni, il-miżuri ta' infurzar li ttieħdu mill-2019, kif ukoll il-lista attwali tad-detenturi tal-AOC u tal-inġenji tal-ajru rreġistrati.

([10]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1318/2014 tal-11 ta' Diċembru 2014 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 474/2006 li jistabbilixxi l-lista Komunitarja ta' kumpaniji tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fil-Komunità (ĠU L 355, 12.12.2014, p. 8).

(58) L-informazzjoni pprovduta tindika li l-LYCAA iċċertifikat żewġ trasportaturi tal-ajru ġodda, jiġifieri *Berniq Airways* (AOC 032/21) u *Hala Airlines* (AOC 033/21), u li *Global Aviation and Services* bidlet isimha għal *Global Air Transport*. Peress li l-LYCAA ma wrietx li kellha kapaċità suffiċjenti biex timplimenta u tinforza l-istandards rilevanti tas-sikurezza, il-ħruġ ta' AOC għal dawn it-trasportaturi tal-ajru ġodda ma jiggarantix konformità biżżejjed mal-istandards tas-sikurezza internazzjonali.

(59) Fl-1 ta' Settembru 2021, fuq talba tal-Libja u bħala parti mill-attivitajiet ta' monitoraġġ kontinwu, il-Kummissjoni, l-Aġenzija, l-Istati Membri u r-rappreżentanti tal-LYCAA kellhom laqgħa teknika. Matul dik il-laqgħa, l-LYCAA pprovdiet ħarsa ġenerali lejn l-organizzazzjoni u l-funzjonijiet tagħha, inklużi l-prinċipji bażiċi tat-twettiq tagħha tas-sorveljanza tas-sikurezza. Informazzjoni oħra pprovduta mil-LYCAA inkludiet ħarsa ġenerali aġġornata tal-iżviluppi u s-sitwazzjoni attwali tal-azzjonijiet tagħhom li jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet li jirriżultaw mill-proġett ta' assistenza teknika lil-LYCAA, ipprovduta mill-Aġenzija fl-2019. L-LYCAA pprovdiet ukoll informazzjoni dwar ir-riżultati tal-Awditu fuq il-Bażi ta' Dokumenti tas-USOAP CMA tal-ICAO, li twettaq fl-2020.

(60) Filwaqt li l-LYCAA wriet progress limitat fl-implimentazzjoni tal-istandards internazzjonali tas-sikurezza, il-Kummissjoni u l-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru tal-UE kkonkludew, abbażi tal-informazzjoni u d-dokumentazzjoni pprovduti mil-LYCAA, inkluża l-informazzjoni pprovduta mil-LYCAA fil-laqgħa teknika tal-1 ta' Settembru 2021, li l-LYCAA ma rnexxilhiex turi konformità effettiva mal-istandards internazzjonali rilevanti tas-sikurezza, u l-implimentazzjoni tagħhom.

(61) F'konformità mal-kriterji komuni stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, il-Kummissjoni tqis li l-lista tat-trasportaturi tal-ajru mil-Libja li huma soġġetti għal projbizzjoni operattiva fl-Unjoni jenħtieġ li tiġi emendata biex *Berniq Airways* u *Hala Airlines* jiġu inklużi fl-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 474/2006.

(62) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkomplu jivverifikaw il-konformità effettiva tat-trasportaturi tal-ajru ċċertifikati fil-Libja mal-istandards tas-sikurezza internazzjonali rilevanti permezz tal-prijoritizzazzjoni tal-ispezzjonijiet fir-rampa ta' dawk it-trasportaturi tal-ajru kollha, skont ir-Regolament (UE) Nru 965/2012.

Trasportaturi tal-ajru mill-Messiku

(63) Qatt ma ġew inklużi trasportaturi tal-ajru mill-Messiku fl-Anness A jew B tar-Regolament (KE) Nru 474/2006.

(64) Wara aċċident fatali tat-trasportatur tal-ajru Messikana *Global Air* (*Aerolíneas Damojh, S.A. de C.V.*) f'Kuba fit-18 ta' Mejju 2018, il-Kummissjoni kkuntattjat lil *Dirección General de Aeronáutica Civil* tal-Messiku ("DGAC Mexico") u talbet informazzjoni dettaljata. Fis-16 ta' Ottubru 2018, il-Kummissjoni, l-Aġenzija, u DGAC Mexico fetħu konsultazzjonijiet formali, inkluża laqgħa teknika.

(65) Abbażi tal-konsultazzjonijiet li saru, l-informazzjoni pprovduta u d-*data* mill-programmi SAFA u TCO tal-UE, li dak iż-żmien ma wrewx problemi serji jew sistemiċi, il-Kummissjoni qieset li s-sitwazzjoni tas-sikurezza tal-avjazzjoni fil-Messiku ma qajmitx tħassib urġenti dwar is-sikurezza.

(66) Fil-25 ta' Mejju 2021, l-Amministrazzjoni Federali tal-Avjazzjoni tal-Istati Uniti ("FAA") tat klassifikazzjoni tal-Kategorija 2 lil DGAC Mexico fil-qafas tal-programm tagħha tal-Valutazzjoni tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni Internazzjonali ("IASA"), peress li qieset li DGAC Mexico ma kienx jissodisfa l-istandards internazzjonali tas-sikurezza.

(67) Fit-23 ta' Ġunju 2021, il-Kummissjoni baghtet ittra lil DGAC Mexico li permezz tagħha esprimiet tħassib li tqajjem bid-deċiżjoni meħuda mill-FAA, u talbet kwalunkwe informazzjoni rilevanti li tindika l-firxa tat-tħassib dwar is-sikurezza stabbilit mill-FAA.

(68) Fl-20 ta' Settembru 2021, DGAC Mexico pprovda lill-Kummissjoni b'informazzjoni dwar in-nuqqasijiet identifikati mill-FAA fir-rigward tal-Elementi Kritiċi tal-ICAO u dwar il-programmi u l-attivitajiet ta' assistenza teknika mwettqa biex dawk il-kwistjonijiet jiġu indirizzati kif suppost.

(69) Abbażi tal-informazzjoni disponibbli, inkluża l-informazzjoni pprovduta minn DGAC Mexico fil-laqgħa tal-20 ta' Settembru 2021, il-Kummissjoni tqis li f'dan l-istadju, DGAC Mexico għandu l-kapaċità u r-rieda meħtieġa biex jindirizza n-nuqqasijiet tas-sikurezza meta dawn jiġu identifikati.

(70) F'konformità mal-kriterji komuni stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, il-Kummissjoni tqis li bħalissa ma hemm l-ebda raġuni biex tiġi emendata l-lista tat-trasportaturi tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fl-Unjoni fir-rigward tat-trasportaturi tal-ajru mill-Messiku.

(71) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkomplu jivverifikaw il-konformità effettiva tat-trasportaturi tal-ajru ċċertifikati fil-Messiku mal-istandards tas-sikurezza internazzjonali rilevanti permezz tal-prijoritizzazzjoni tal-ispezzjonijiet fir-rampa ta' dawk it-trasportaturi tal-ajru kollha, skont ir-Regolament (UE) Nru 965/2012.

(72) Meta kwalunkwe informazzjoni rilevanti dwar is-sikurezza turi riskji imminenti għas-sikurezza minħabba nuqqas ta' konformità mal-istandards tas-sikurezza internazzjonali, tista' tkun meħtieġa azzjoni ulterjuri mill-Kummissjoni, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 2111/2005.

Trasportaturi tal-ajru mill-Moldova

(73) F'April 2019, it-trasportaturi kollha tal-ajru mill-Moldova, ħlief *Air Moldova*, *Fly One* u *Aerotranscargo* ġew inklużi fl-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 474/2006, bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/618 ([11]).

(74) Bħala segwitu għad-deliberazzjonijiet tal-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru tal-UE ta' Mejju 2021, l-esperti mill-Kummissjoni, l-Aġenzija u l-Istati Membri wettqu żjara ta' valutazzjoni tal-Unjoni fuq il-post fil-Moldova bejn l-20 u l-24 ta' Settembru 2021 għand l-Awtorità tal-Avjazzjoni Ċivili tal-Moldova ("CAAM"), kif ukoll kampjunar ta' tliet trasportaturi tal-ajru ċċertifikati fil-Moldova, jiġifieri *Terra Avia, Fly Pro* u *HiSky*.

(75) Ir-rapport taż-żjara ta' valutazzjoni jindika li s-CAAM kisbet titjib konsiderevoli f'għadd ta' oqsma minn meta saret iż-żjara ta' valutazzjoni tal-Unjoni fuq il-post fl-2019. Punt ta' rilevanza partikolari kien l-istabbiltà li ntlaħqet s-CAAM f'termini tal-abbozzar tar-regolamenti nazzjonali dwar l-avjazzjoni u l-maturità ppreżentata fit-twettiq ta' sorveljanza xierqa u effettiva. Ġie nnutat li s-CAAM għamlet sforzi konsiderevoli biex taġġorna l-maġġoranza tar-regolamenti nazzjonali, u biex tiżviluppa oħrajn ġodda. Is-CAAM qed taħdem fuq il-produzzjoni ta' materjal ta' gwida adegwat biex tappoġġa lill-persunal tagħha fil-kompiti ta' sorveljanza tagħha.

(76) Is-CAAM żviluppat Sistema tal-Ġestjoni tal-Kwalità b'saħħitha. Il-pjan tal-awditjar għall-2021 ġie segwit, u l-awditi u l-ispezzjonijiet twettqu skont l-iskeda. Is-sejbiet li tqajmu bħala riżultat ta' din l-attività ġew, jew qed jiġu, indirizzati mill-persunal responsabbli.

(77) L-attivitajiet ta' liċenzjar jitwettqu mis-CAAM f'konformità mal-istandards internazzjonali tas-sikurezza. Madankollu, it-tim ta' valutazzjoni ddetermina oqsma fejn kien meħtieġ aktar titjib, b'mod partikolari l-finalizzazzjoni tas-sistema tal-eżamijiet teoretiċi għall-bdoti privati u l-eżaminaturi mediċi maħtura, u t-tisħiħ tas-superviżjoni tal-eżaminaturi tat-titjir minn spettur tas-CAAM.

(78) Il-programm ta' sorveljanza kontinwa huwa komprensiv f'termini ta' oqsma u għadd ta' awditi, u l-kwalifiki u l-esperjenza tal-ispetturi huma indirizzati kif xieraq fit-taħriġ ippjanat eżistenti u futur. L-awditi mwettqa jiġu ddokumentati u mmonitorjati kif xieraq, b'mod partikolari f'termini ta' azzjonijiet meħuda mit-trasportaturi tal-ajru, inklużi azzjonijiet korrettivi u analiżi tal-kawżi ewlenin. Madankollu, hija meħtieġa standardizzazzjoni ulterjuri tal-proċeduri ta' spezzjoni, speċjalment fir-rigward tar-reġistrazzjoni tas-sejbiet li jkunu saru matul l-attivitajiet ta' spezzjoni.

(79) Is-CAAM tista' tattira biżżejjed persunal, proporzjonat mad-daqs u l-kamp ta' applikazzjoni attwali tal-industrija tal-avjazzjoni li fuqha titwettaq is-sorveljanza. Il-persunal intervistat kollu kien ikkwalifikat u nstab li kellu għarfien tajjeb. Il-programmi u l-pjanijiet ta' taħriġ teoretiku kienu xierqa.

([11]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/618 tal-15 ta' April 2019 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 474/2006 fir-rigward tal-lista ta' kumpaniji tal-ajru li huma pprojbiti milli joperaw jew li huma soġġetti għal restrizzjonijiet operattivi fl-Unjoni (ĠU L 106, 17.4.2019, p. 1).

(80) It-tim ikkonkluda li s-CAAM għandha l-kapaċitajiet biex tissorvelja l-attivitajiet tal-avjazzjoni fil-Moldova, u biex iżżomm sistema regolatorja soda, u timplimenta u tinforza r-regolamenti tal-avjazzjoni eżistenti sabiex tindirizza n-nuqqasijiet tas-sikurezza li jirriżultaw. Is-sistema tas-sorveljanza tas-sikurezza hija stabbilita sew fil-Moldova, għalkemm għad hemm xi attivitajiet għaddejjin li huma mmirati lejn it-titjib ulterjuri tas-sistema, u li għandhom l-għan li s-sistema tibqa' dejjem aġġornata mal-emendi reċenti li jsiru fl-istandards internazzjonali tas-sikurezza.

(81) *Terra Avia* ġie stabbilit fl-2005 bħala trasportatur tal-ajru privat, u qed jopera Boeing 747 għal titjiriet skedati tal-merkanzija, kif ukoll inġenju tal-ajru Airbus A320 għal titjiriet charter tal-passiġġieri. It-trasportatur tal-ajru għandu CMS u SMS li jiffunzjonaw. Matul il-valutazzjoni tal-SMS tat-trasportatur tal-ajru, it-tim identifika xi oqsma li jeħtieġu aktar titjib. It-trasportatur tal-ajru wera attitudni pożittiva ħafna lejn it-titjib ulterjuri tas-sistemi tas-sikurezza.

(82) Il-ġestjoni tal-Kontinwità tal-Ajrunavigabbiltà titwettaq minn żewġ strutturi differenti: waħda li tinsab fil-Moldova, u oħra li tinsab f'Sharjah (fl-Emirati Għarab Magħquda). It-tim ta' valutazzjoni kkonkluda li t-trasportatur tal-ajru kellu bżonn itejjeb is-sistema tiegħu taż-żamma tar-rekords tal-attivitajiet differenti ta' manutenzjoni mwettqa fil-postijiet differenti tal-inġenji tal-ajru tiegħu.

(83) Il-Manwal tal-Operazzjonijiet ta' UAE jirrifletti l-operazzjonijiet imwettqa, u huwa abbozzat f'konformità mar-regolamenti applikabbli fil-Moldova, għalkemm huwa meħtieġ aġġornament biex jinkludi politika dwar oġġetti perikolużi.

(84) *Fly Pro* jopera żewġ inġenji tal-ajru tal-merkanzija Boeing 747. Is-CMS u l-SMS huma żviluppati u implimentati bis-sħiħ, għalkemm il-Manwal tal-Ġestjoni tas-Sikurezza u l-Manwal tal-Monitoraġġ tal-Konformità jenħtieġ li jiġu emendati sabiex l-akkontabilità u r-responsabbiltajiet tal-Maniġer tas-Sikurezza u l-Maniġer tal-Monitoraġġ tal-Konformità jiġu allinjati. Fil-qasam tal-monitoraġġ tad-*data* dwar it-titjiriet, *Fly Pro* għandu programm stabbilit sew, li jinkludi sistema attiva ta' feedback.

(85) *Fly Pro* għandu sistema robusta fis-seħħ għall-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà, u jaġixxi b'mod kunfidenti fir-rwoli differenti tiegħu, għalkemm il-proċess tad-dokumentazzjoni tal-attivitajiet imwettqa jista' jittejjeb.

(86) Il-Manwal tal-Operazzjonijiet ta' *Fly Pro* jirrifletti l-operazzjonijiet imwettqa, u huwa abbozzat f'konformità mar-regolamenti applikabbli fil-Moldova. It-trasportatur tal-ajru jenħtieġ li jtejjeb il-metodoloġija amministrattiva li biha jirreġistra l-attivitajiet kollha relatati mat-titjir, bħal pereżempju r-reġistri tal-vjaġġi. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Lista tat-Tagħmir Minimu tat-trasportatur tal-ajru tiġi adattata aħjar għall-inġenju tal-ajru li tapplika għalih, u jenħtieġ li tkun soġġetta għal kontroll regolari u xieraq.

(87) *HiSky* twaqqaf f'Settembru 2019, u jopera inġenju tal-ajru Airbus A319 waħdu, filwaqt li bl-istess mod għandu inġenju tal-ajru wieħed disponibbli skont arranġament ta' kiri bl-ekwipaġġ mat-trasportatur tal-ajru *HiSky Europe* iċċertifikat fir-Rumanija.

(88) *HiSky* żviluppa u implimenta SMS solida li tiġġenera *data* utli għat-trasportatur tal-ajru. Is-CMS hija robusta u funzjonali, iżda għad hemm bżonn titjib żgħir f'termini tal-abbozzar tal-akkontabilità u tar-responsabbiltajiet tal-Maniġer tas-Sikurezza u tal-Maniġer tal-Monitoraġġ tal-Konformità. Il-maniġment superjuri tal-kumpanija għandu fehim tajjeb ta' dawn is-sistemi u jużahom biex jidentifika r-riskji u biex jieħu miżuri xierqa biex itaffi l-ogħla riskji għal livelli aċċettabbli.

(89) *HiSky* żviluppa l-manwali meħtieġa li jinkludu l-politiki u li jiddeskrivu l-proċeduri assoċjati, li huma approvati mis-CAAM. Il-persunal li jiċċertifika huwa mħarreġ sew fuq it-tipi ta' inġenji tal-ajru operati. Il-Manwal tal-Operazzjonijiet approvat bħalissa jirrifletti l-operazzjonijiet imwettqa, u huwa abbozzat f'konformità mar-regolamenti applikabbli fil-Moldova.

(90) L-operazzjonijiet ta' *HiSky* huma appoġġati minn persunal tekniku kwalifikat u minn stazzjonijiet bil-linja b'kapaċità ta' manutenzjoni. It-trasportatur tal-ajru stabbilixxa sistema għall-monitoraġġ tat-taħriġ u l-verifika tal-validità, u biex tiġi żgurata t-traċċabbiltà taċ-ċertifikati tat-taħriġ u tal-formoli ta' verifika mimlija.

(91) Abbażi tal-eżitu taż-żjara ta' valutazzjoni tal-Unjoni fuq il-post, il-Kummissjoni stiednet lis-CAAM u lit-trasportaturi tal-ajru *Terra Avia, Fly Pro* u *HiSky* għal seduta quddiem il-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru tal-UE fl-10 ta' Novembru 2021.

(92) F'dik is-seduta, is-CAAM ippreżentat lill-Kummissjoni u lill-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru tal-UE s-sistema fis-seħħ biex tiġi żgurata s-sorveljanza tas-sikurezza tat-trasportaturi tal-ajru ċċertifikati fil-Moldova. Spjegat li l-progress fl-implimentazzjoni effettiva tal-istandards internazzjonali tas-sikurezza kien ir-riżultat ta' serje ta' azzjonijiet li ttieħdu mill-2019 'l hawn. Filwaqt li enfasizzat l-impenn tagħha għal titjib kontinwu, is-CAAM ipprovdiet lill-Kummissjoni u lill-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru tal-UE b'ħarsa ġenerali komprensiva u dettaljata tal-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni korrettiva li ġie żviluppat b'rispons għar-riżultati taż-żjara ta' valutazzjoni tal-Unjoni fuq il-post ta' Settembru 2021. Dan inkluda l-objettivi strateġiċi ddefiniti għall-futur, bħal emendi għall-qafas legali tal-Moldova, il-manwali u l-proċeduri tas-CAAM, il-kontinwazzjoni tat-titjib tas-sistema tal-ġestjoni tal-kwalità, u t-titjib ulterjuri tal-implimentazzjoni effettiva tal-istandards internazzjonali tas-sikurezza.

(93) Barra minn hekk, is-CAAM infurmat lill-Kummissjoni u lill-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru tal-UE dwar il-pjanijiet ta' azzjoni korrettiva żviluppati mit-trasportaturi tal-ajru *Terra Avia*, *Fly Pro* u *HiSky*, b'rispons għar-riżultati taż-żjara ta' valutazzjoni tal-Unjoni fuq il-post ta' Settembru 2021. Dawk il-pjanijiet ta' azzjoni korrettiva ġew ikkoordinati mas-CAAM u ġew approvati minnha, u ġew integrati fl-attivitajiet ta' sorveljanza tas-CAAM.

(94) Matul is-seduta, is-CAAM impenjat ruħha li żżomm lill-Kummissjoni infurmata dwar l-azzjonijiet ulterjuri meħuda fir-rigward tal-bqija tal-osservazzjonijiet li kienu saru matul iż-żjara ta' valutazzjoni tal-Unjoni fuq il-post fl-2021. Barra minn hekk, is-CAAM impenjat ruħha li twettaq djalogu kontinwu dwar is-sikurezza, inkluż permezz tal-provvista ta' informazzjoni rilevanti dwar is-sikurezza u permezz ta' laqgħat addizzjonali, jekk u meta l-Kummissjoni tqis li dan huwa meħtieġ.

(95) Il-Kummissjoni enfasizzat, u l-awtoritajiet tal-Moldova rrikonoxxew, kemm hu importanti għalihom li jiżguraw stabbiltà u indipendenza kontinwa għat-tmexxija tas-CAAM, peress li kien ċar li dan kien fattur importanti fit-titjib li ntwera, speċjalment matul is-sena li għaddiet.

(96) Abbażi tal-informazzjoni kollha disponibbli bħalissa, inkluż ir-riżultati taż-żjara ta' valutazzjoni tal-Unjoni fuq il-post ta' Settembru 2021 u s-seduta fil-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru tal-UE, huwa meqjus li hemm biżżejjed evidenza ta' konformità mal-istandards tas-sikurezza internazzjonali applikabbli min-naħa tas-CAAM u t-trasportaturi tal-ajru ċċertifikati fil-Moldova.

(97) F'konformità mal-kriterji komuni stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, il-Kummissjoni tikkunsidra li fir-rigward tat-trasportaturi tal-ajru mill-Moldova, jenħtieġ li l-lista tat-trasportaturi tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fi ħdan l-Unjoni stabbilita fl-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 474/2006 tiġi emendata biex jitneħħew it-trasportaturi tal-ajru kollha mill-Moldova.

(98) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkomplu jivverifikaw il-konformità effettiva tat-trasportaturi tal-ajru ċċertifikati fil-Moldova mal-istandards tas-sikurezza internazzjonali rilevanti permezz tal-prijoritizzazzjoni tal-ispezzjonijiet fir-rampa ta' dawk it-trasportaturi tal-ajru kollha, skont ir-Regolament (UE) Nru 965/2012.

(99) Meta kwalunkwe informazzjoni rilevanti dwar is-sikurezza turi riskji imminenti għas-sikurezza minħabba nuqqas ta' konformità mal-istandards tas-sikurezza internazzjonali, tista' tkun meħtieġa azzjoni ulterjuri mill-Kummissjoni, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 2111/2005.

Trasportaturi tal-ajru mill-Pakistan

(100) F'Marzu 2007, *Pakistan International Airlines* ġie inkluż fl-Anness B tar-Regolament (KE) Nru 474/2006 bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 235/2007 ([12]), u sussegwentement tneħħa minn dak l-Anness f'Novembru 2007 bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1400/2007 ([13]).

([12]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (KE) Nru 235/2007 tal-5 ta' Marzu 2007 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 474/2006 li jistabbilixxi l-lista Komunitarja ta' kumpaniji tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fil-Komunità (ĠU L 66, 6.3.2007, p. 3).

([13]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (KE) Nru 1400/2007 tat-28 ta' Novembru 2007 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 474/2006 li jistabbilixxi l-lista Komunitarja ta' trasportaturi bl-ajru li huma suġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fi ħdan il-Komunità (ĠU L 311, 29.11.2007, p. 12).

(101) Fl-24 ta' Ġunju 2020, wara l-aċċident tat-22 ta' Mejju 2020 li fih kien involut inġenju tal-ajru tal-*Pakistan International Airlines*, stqarrija mill-Ministru Federali għall-Avjazzjoni tal-Pakistan ddikjarat li għadd kbir ta' liċenzji tal-ekwipaġġi tat-titjira, maħruġa mill-Awtorità tal-Avjazzjoni Ċivili tal-Pakistan ("PCAA"), inkisbu permezz ta' mezzi frodulenti.

(102) Dak l-avveniment, u n-nuqqas apparenti ta' sorveljanza tas-sikurezza effettiva mill-PCAA, wasslu biex l-Aġenzija tissospendi l-awtorizzazzjonijiet tat-TCO ta' *Pakistan International Airlines* u ta' *Vision Air* b'effett mill-1 ta' Lulju 2020. Din is-sitwazzjoni għadha għaddejja, peress li, bħalissa, l-Aġenzija tqis li mhumiex issodisfati l-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għat-tneħħija tas-sospensjoni.

(103) Organizzazzjonijiet internazzjonali oħra tas-sikurezza tal-avjazzjoni wkoll irreaġixxew għal din is-sitwazzjoni fil-Pakistan. Fil-15 ta' Lulju 2020, l-FAA naqqset il-grad tal-Pakistan għal klassifikazzjoni tal-Kategorija 2 bħala parti mill-programm tagħha tal-IASA. Fi Frar 2021, l-ICAO ippubblikat Tħassib Sinifikanti dwar is-Sikurezza (SSC) fil-qasam tal-liċenzjar u t-taħriġ tal-persunal fir-rigward tal-proċess ta' liċenzjar għall-ekwipaġġ tat-titjira fil-Pakistan.

(104) Fl-1 ta' Lulju 2020, il-Kummissjoni fetħet konsultazzjonijiet mal-PCAA skont l-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 473/2006. F'dak il-kuntest, il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Aġenzija u l-Istati Membri, organizzat għadd ta' laqgħat tekniċi mal-PCAA fid-9 ta' Lulju u l-25 ta' Settembru 2020, fil-15 u s-16 ta' Marzu 2021, u fil-15 ta' Ottubru 2021.

(105) Matul dawk il-laqgħat ġew diskussi diversi kwistjonijiet, b'mod partikolari s-sorveljanza tat-trasportaturi tal-ajru ċċertifikati mill-Pakistan, inkluż l-SMS tagħhom. Il-Kummissjoni talbet informazzjoni u evidenza biex tivverifika jekk sitwazzjoni simili mhijiex prevalenti f'oqsma oħra li wkoll huma soġġetti għas-sorveljanza tas-sikurezza tal-PCAA, bħaċ-ċertifikazzjoni tal-ekwipaġġ tal-kabina, il-liċenzjar tal-inġiniera tal-manutenzjoni, jew iċ-ċertifikazzjoni tat-trasportaturi tal-ajru.

(106) Il-PCAA ipprovdiet informazzjoni rilevanti li ġiet ivvalutata mill-Kummissjoni u mill-esperti tal-Aġenzija. Matul il-laqgħa tal-15 ta' Ottubru 2021, il-PCAA infurmat dwar l-azzjonijiet ulterjuri li ttieħdu biex jiġi indirizzat it-tħassib identifikat mill-Kummissjoni. Dawk in-nuqqasijiet jinkludu nuqqasijiet ta' maniġġjar tal-kwalità tal-proċeduri dokumentati, nuqqas ta' gwida għall-ispetturi, proċess mhux konformi għall-kwalifikazzjoni tal-Liċenzji tal-Bdoti tat-Trasport bl-Ajru ("ATPL"), ftit li xejn jew l-ebda traċċar ta' azzjonijiet korrettivi bħala riżultat tas-sejbiet, u nuqqas ta' kapaċitajiet proprji tal-analiżi tal-kawżi ewlenin. F'dak ir-rigward, u konxja wkoll dwar il-verifika tal-USOAP tal-ICAO li ġiet skedata bejn id-29 ta' Novembru u l-10 ta' Diċembru 2021, il-PCAA infurmat dwar ir-rieżami estensiv tal-manwali u l-proċeduri tagħhom, b'mod partikolari dwar il-bidliet fil-proċess ta' liċenzjar tal-PCAA, kif ukoll dwar il-kontrolli interni biex tiġi vverifikata l-konformità mal-istandards internazzjonali tas-sikurezza u biex jissolva l-SSC tal-ICAO.

(107) Il-Kummissjoni talbet lill-PCAA tibgħat aktar informazzjoni dwar il-bidliet fis-sistema ta' liċenzjar tagħha, il-manwali u l-proċeduri ġodda u/jew riveduti, ir-riżultati jew ir-rapporti tal-kontrolli interni, u n-notifika ta' differenza lill-ICAO dwar it-test tal-ħiliet tal-ATPL.

(108) Abbażi tal-informazzjoni disponibbli u l-iskambji mal-PCAA, il-Kummissjoni tirrikonoxxi l-isforzi tal-PCAA b'rabta mal-adozzjoni ta' azzjonijiet korrettivi biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet tas-sikurezza identifikati. Madankollu, il-Kummissjoni, bl-għajnuna tal-Aġenzija u l-Istati Membri, ma setgħetx tiddetermina b'mod ċar l-effettività u l-implimentazzjoni ta' tali miżuri korrettivi biex in-nuqqasijiet identifikati tas-sikurezza jittaffew b'mod sostenibbli. Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni, għall-fini li tiddetermina jekk hijiex meħtieġa azzjoni ulterjuri skont ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005, se tkompli timpenja ruħha mal-PCAA u timmonitorja l-miżuri ulterjuri adottati u l-azzjonijiet meħuda biex tiġi indirizzata s-sitwazzjoni fil-Pakistan, inkluż permezz tal-eżitu tal-awditjar ippjanat tal-USOAP tal-ICAO, kif ukoll permezz ta' żjara ta' valutazzjoni tal-Unjoni fuq il-post fil-Pakistan.

(109) F'konformità mal-kriterji komuni stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, il-Kummissjoni tqis li bħalissa ma hemm l-ebda raġuni biex tiġi emendata l-lista tat-trasportaturi tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fl-Unjoni fir-rigward tat-trasportaturi tal-ajru mill-Pakistan.

(110) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkomplu jivverifikaw il-konformità effettiva tat-trasportaturi tal-ajru ċċertifikati fil-Pakistan mal-istandards tas-sikurezza internazzjonali rilevanti permezz tal-prijoritizzazzjoni tal-ispezzjonijiet fir-rampa ta' dawk it-trasportaturi tal-ajru kollha, skont ir-Regolament (UE) Nru 965/2012.

(111) Meta kwalunkwe informazzjoni rilevanti dwar is-sikurezza turi riskji imminenti għas-sikurezza minħabba nuqqas ta' konformità mal-istandards tas-sikurezza internazzjonali, tista' tkun meħtieġa azzjoni ulterjuri mill-Kummissjoni, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 2111/2005.

Trasportaturi tal-ajru mir-Russja

(112) Il-Kummissjoni, l-Aġenzija u l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri komplew jimmonitorjaw mill-qrib il-prestazzjoni tas-sikurezza tat-trasportaturi tal-ajru ċċertifikati fir-Russja u li joperaw fl-Unjoni, inkluż permezz tal-prijoritizzazzjoni tal-ispezzjonijiet fir-rampa li twettqu fuq ċerti trasportaturi tal-ajru Russi, skont ir-Regolament (UE) Nru 965/2012.

(113) Fil-31 ta' Awwissu 2020, it-trasportatur tal-ajru *SKOL Airline LLC*, iċċertifikat fir-Russja, applika għand l-Aġenzija għal awtorizzazzjoni ta' TCO. L-Aġenzija vvalutat dik l-applikazzjoni f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 452/2014, u qajmet tħassib fundamentali dwar is-sikurezza fir-rigward tan-nuqqas ta' *SKOL Airline LLC* li juri konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 3 ta' dak ir-Regolament, b'mod partikolari l-istandards li jinsabu fl-Annessi tal-Konvenzjoni ta' Chicago dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali. Wara skambji estensivi mal-Aġenzija, *SKOL Airline LLC* iddeċieda li jirtira l-applikazzjoni tiegħu fit-12 ta' Frar 2021.

(114) Fil-25 ta' Marzu 2021, it-trasportatur tal-ajru *SKOL Airline LLC*, applika mill-ġdid għand l-Aġenzija għal awtorizzazzjoni ta' TCO. L-Aġenzija vvalutat dik l-applikazzjoni f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 452/2014, u reġgħet qajmet tħassib fundamentali dwar is-sikurezza fir-rigward tan-nuqqas ta' *SKOL Airline LLC* li juri konformità mar-rekwiżiti applikabbli stabbiliti fl-Artikolu 3 ta' dak ir-Regolament, b'mod partikolari l-istandards li jinsabu fl-Annessi tal-Konvenzjoni ta' Chicago dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali. L-Aġenzija kkonkludiet li *SKOL Airline LLC* ma ssodisfax dawk ir-rekwiżiti. Għalhekk, fid-19 ta' Lulju 2021, l-Aġenzija rrifjutat l-applikazzjoni minħabba raġunijiet ta' sikurezza. It-trasportatur tal-ajru *SKOL Airline LLC* ma għamilx użu mid-dritt li jappella kontra din id-deċiżjoni f'konformità mal-Artikoli 108 sa 114 tar-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([14]).

(115) Fl-20 ta' Ottubru 2021, ir-rappreżentanti mill-Kummissjoni, mill-Aġenzija u mill-Istati Membri ltaqgħu ma' rappreżentanti mill-Aġenzija Federali Russa tat-Trasport bl-Ajru ("FATA") biex jirrieżaminaw il-prestazzjoni tas-sikurezza tat-trasportaturi bl-ajru ċċertifikati fir-Russja abbażi ta' spezzjonijiet fir-rampa li twettqu fil-perjodu mill-24 ta' Marzu 2021 sal-1 ta' Ottubru 2021, u biex jidentifikaw f'liema każijiet l-FATA jenħtieġ li ssaħħaħ l-attivitajiet ta' sorveljanza tagħha.

(116) Ir-rieżami tal-ispezzjonijiet fir-rampa tas-SAFA tat-trasportaturi tal-ajru ċċertifikati fir-Russja ma żvela l-ebda nuqqas tas-sikurezza sinifikanti jew rikorrenti. Matul il-laqgħa ġew ippreżentati wkoll ir-riżultati tal-programm ta' monitoraġġ, implimentat mill-Aġenzija f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 452/2014, tat-trasportaturi tal-ajru ċċertifikati fir-Russja li għandhom awtorizzazzjoni ta' TCO. Il-Kummissjoni nnutat li anki r-riżultati ta' dan il-programm ta' monitoraġġ ma żvelawx nuqqasijiet sinifikanti jew rikorrenti tas-sikurezza.

(117) Wara r-rifjut tal-applikazzjoni ta' TCO tat-trasportatur tal-ajru *SKOL Airline LLC* minħabba raġunijiet ta' sikurezza, fit-22 ta' Ottubru 2021 it-trasportatur tal-ajru *SKOL Airline LLC* ġie mistieden għal seduta mill-Kummissjoni u mill-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru skedata għad-9 ta' Novembru 2021. Fit-28 ta' Ottubru 2021, it-trasportatur tal-ajru *SKOL Airline LLC* ikkonferma l-parteċipazzjoni tiegħu fis-seduta ppjanata.

(118) Fit-28 ta' Ottubru 2021, l-FATA infurmat lill-Kummissjoni dwar projbizzjoni imposta fuq it-trasportatur tal-ajru *SKOL Airline LLC* li tipprojbixxi lit-trasportatur tal-ajru milli jopera titjiriet lil hinn mill-fruntiera tal-istat tar-Russja u talbet lill-Kummissjoni terġa' tikkunsidra l-ħtieġa għas-seduta tat-trasportatur tal-ajru *SKOL Airline LLC* peress li abbażi tad-deċiżjoni tal-FATA, *SKOL Airline LLC* ma jkunx jista' jopera fl-Unjoni.

(119) Fit-3 ta' Novembru 2021, il-Kummissjoni infurmat lill-FATA li *SKOL Airline LLC* ġie mistieden għas-seduta minħabba n-nuqqas tiegħu li juri konformità mal-istandards li jinsabu fl-Annessi tal-Konvenzjoni ta' Chicago dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali, u għal dik ir-raġuni hija żammet l-istedina għas-seduta.

([14]) Ir-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 dwar regoli komuni fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 2111/2005, (KE) Nru 1008/2008, (UE) Nru 996/2010, (UE) Nru 376/2014 u d-Direttivi 2014/30/UE u 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 552/2004 u (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91 (ĠU L 212, 22.8.2018, p. 1).

(120) Is-seduta tat-trasportatur tal-ajru *SKOL Airline LLC* saret fid-9 ta' Novembru 2021. Fuq talba tagħha stess, l-FATA ukoll ipparteċipat fis-seduta. Matul dik is-seduta, it-trasportatur tal-ajru *SKOL Airline LLC* irrintraċċa l-attivitajiet relatati maż-żewġ applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni ta' TCO. Enfasizza d-diffikultajiet li t-trasportatur tal-ajru ltaqa' magħhom matul il-proċess biex juri l-konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament (UE) Nru 452/2014. Filwaqt li rrikonoxxa s-sejbiet kollha mqajma mill-Aġenzija, ma pprovda l-ebda informazzjoni dwar il-miżuri meħuda biex dawk is-sejbiet jiġu solvuti. Lanqas ma pprovda evidenza dwar l-istatus attwali tal-implimentazzjoni tal-azzjonijiet korrettivi għal dawk is-sejbiet. Abbażi tal-informazzjoni pprovduta mit-trasportatur tal-ajru *SKOL Airline LLC* qabel u waqt is-seduta, it-trasportatur tal-ajru ma jistax jidentifika nuqqasijiet ta' konformità fil-proċessi, fil-proċeduri u fl-attivitajiet operattivi tiegħu.

(121) L-FATA ddikjarat li ma kinitx appoġġat l-applikazzjoni mill-ġdid tal-25 ta' Marzu 2021 tat-trasportatur tal-ajru *SKOL Airline LLC* għal awtorizzazzjoni ta' TCO. L-FATA infurmat ukoll lill-Kummissjoni u lill-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru tal-UE li kienet se twettaq awditi *ad hoc* addizzjonali ta' *SKOL Airline LLC* f'każ li t-trasportatur tal-ajru sussegwentement jerġa' jinvolvi ruħu mal-Aġenzija għal awtorizzazzjoni ta' TCO.

(122) Abbażi tal-informazzjoni kollha disponibbli bħalissa, inkluż b'mod partikolari r-rifjut tal-applikazzjoni ta' TCO mill-Aġenzija minħabba raġunijiet ta' sikurezza fit-19 ta' Lulju 2021, u l-informazzjoni pprovduta matul is-seduta, il-Kummissjoni u l-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru tal-UE kkonkludew li t-trasportatur tal-ajru *SKOL Airline LLC* naqas milli juri konformità mal-istandards internazzjonali tas-sikurezza.

(123) F'konformità mal-kriterji komuni stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, il-Kummissjoni tqis li l-lista tat-trasportaturi tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni operattiva fl-Unjoni jenħtieġ li tiġi emendata biex it-trasportatur tal-ajru *SKOL Airline LLC* jiġi inkluż fl-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 474/2006.

(124) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkomplu jivverifikaw il-konformità effettiva tat-trasportaturi tal-ajru ċċertifikati mir-Russja mal-istandards tas-sikurezza internazzjonali rilevanti permezz tal-prijoritizzazzjoni tal-ispezzjonijiet fir-rampa ta' dawk it-trasportaturi tal-ajru kollha, skont ir-Regolament (UE) Nru 965/2012.

(125) Meta dawk l-ispezzjonijiet jidentifikaw riskju imminenti għas-sikurezza minħabba nuqqas ta' konformità mal-istandards tas-sikurezza internazzjonali, il-Kummissjoni tista' timponi projbizzjoni fuq l-operat fuq it-trasportaturi tal-ajru ċċertifikati fir-Russja kkonċernati u tinkludihom fl-Anness A jew B tar-Regolament (KE) Nru 474/2006.

Trasportaturi tal-ajru mis-Sudan t'Isfel

(126) Qatt ma ġew inklużi trasportaturi tal-ajru mis-Sudan t'Isfel fl-Anness A jew B tar-Regolament (KE) Nru 474/2006.

(127) F'dawn l-aħħar tliet snin, seħħew disa' aċċidenti u inċidenti serji fis-Sudan t'Isfel, inkluż it-tiġrif, fit-2 ta' Marzu 2021, ta' inġenju tal-ajru Let-410 bir-reġistrazzjoni HK-4274, operat minn *South Sudan Supreme Airlines*, li rriżulta f'10 fatalitajiet, u t-tiġrif reċenti, fit-2 ta' Novembru 2021, ta' inġenju tal-ajru Antonov AN-26 bir-reġistrazzjoni TR-NGT, li rriżulta f'ħames fatalitajiet. Fiż-żewġ każijiet, l-awtentiċità tal-marki tar-reġistrazzjoni ġiet ikkontestata, peress li dawn jidhru li ma għadhomx validi, u konsegwentement jista' jkun li ntużaw fuq l-inġenji tal-ajru involuti bħala marki tar-reġistrazzjoni foloz. Iċ-ċirkostanzi li fihom seħħew dawk l-avvenimenti qajmu tħassib dwar il-kapaċitajiet tal-Awtorità tal-Avjazzjoni Ċivili tas-Sudan t'Isfel ("SSCAA") li twettaq sorveljanza xierqa tas-sikurezza tat-trasportaturi tal-ajru li jinsabu taħt ir-responsabbiltà tagħha.

(128) Fis-26 ta' Marzu 2021, il-Kummissjoni indirizzat ittra lill-SSCAA li biha esprimiet it-tħassib tagħha dwar is-sitwazzjoni tas-sikurezza tal-avjazzjoni fis-Sudan t'Isfel, u talbet dokumenti li jiddeskrivu l-istruttura u l-organizzazzjoni tal-SSCAA, is-sistema ta' ċertifikazzjoni u ta' sorveljanza tagħha, u l-attivitajiet ta' sorveljanza mwettqa fuq it-trasportaturi tal-ajru ċċertifikati fis-Sudan t'Isfel. Intalbet ukoll informazzjoni fir-rigward tal-istatus tad-detenturi attwali tal-AOC, l-inġenji tal-ajru rreġistrati fis-Sudan t'Isfel, l-organizzazzjonijiet tal-manutenzjoni, u l-liċenzji tal-ekwipaġġ tat-titjira.

(129) Fit-23 ta' Lulju 2021, l-SSCAA wieġbet għall-mistoqsijiet tal-Kummissjoni, u għarrfet li l-AOC ta' *South Sudan Supreme Airlines* ġie sospiż. Barra minn hekk, għarrfet lill-Kummissjoni li, minħabba suspetti relatati mar-reġistrazzjoni tal-inġenji tal-ajru involuti f'dawk l-inċidenti, l-SSCAA kienet qed twettaq rieżami tal-operaturi tal-inġenji tal-ajru u tal-AOCs kollha fil-pajjiż. Barra minn hekk, l-SSCAA ikkomunikat li kienu għaddejjin azzjonijiet ta' titjib fl-oqsma tar-Regolamenti, tal-Manwali u tat-Taħriġ. Madankollu, l-SSCAA naqset milli tipprovdi s-sett ta' dokumenti mitlub.

(130) Fil-5 ta' Ottubru 2021, il-Kummissjoni baghtet ittra oħra lill-SSCAA fejn tenniet it-talba tagħha li d-dokumenti msemmija hawn fuq jiġu ppreżentati sa mhux aktar tard mit-18 ta' Ottubru 2021. Fl-ittra, il-Kummissjoni ċċarat ukoll li n-nuqqas li l-informazzjoni mitluba tiġi pprovduta fil-ħin jitqies bħala nuqqas ta' kooperazzjoni mill-SSCAA, meta tqajjem tħassib dwar is-sistema ta' sorveljanza tas-sikurezza tas-Sudan t'Isfel.

(131) Fil-5 ta' Novembru 2021, id-Delegazzjoni tal-UE f'Juba, is-Sudan t'Isfel, iltaqgħet mal-kap tal-SSCAA, li kkonferma li l-ittra tal-5 ta' Ottubru 2021 kienet waslet. L-SSCAA impenjat ruħha li tibgħat tweġibiet għall-mistoqsijiet sal-aħħar ta' Novembru, u pprovdiet żewġ dokumenti li jinkludu informazzjoni dwar il-Programm ta' Spezzjoni, Sorveljanza u Verifika tal-SSCAA, kif ukoll rapporti dwar ir-reviżjonijiet ta' ċerti trasportaturi tal-ajru u dwar inġenji tal-ajru rreġistrati barra l-pajjiż li joperaw fis-Sudan t'Isfel. Il-Kummissjoni se tistudja bir-reqqa d-dokumentazzjoni li se tingħata, biex tiddeċiedi jekk l-SSCAA hijiex se tiġi mistiedna għal-laqgħa li jmiss tal-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru tal-UE.

(132) F'konformità mal-kriterji komuni stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, u fid-dawl tal-konsultazzjonijiet li għaddejjin mal-SSCAA li nbdew skont l-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 473/2006, il-Kummissjoni tqis li bħalissa ma hemm l-ebda raġuni biex tiġi emendata l-lista tat-trasportaturi tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fl-Unjoni fir-rigward tat-trasportaturi tal-ajru mis-Sudan t'Isfel.

(133) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkomplu jivverifikaw il-konformità effettiva tat-trasportaturi tal-ajru ċċertifikati fis-Sudan t'Isfel mal-istandards tas-sikurezza internazzjonali rilevanti permezz tal-prijoritizzazzjoni tal-ispezzjonijiet fir-rampa ta' dawk it-trasportaturi tal-ajru kollha, skont ir-Regolament (UE) Nru 965/2012.

(134) Meta kwalunkwe informazzjoni rilevanti dwar is-sikurezza turi riskji imminenti għas-sikurezza minħabba nuqqas ta' konformità mal-istandards tas-sikurezza internazzjonali, tista' tkun meħtieġa azzjoni ulterjuri mill-Kummissjoni, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 2111/2005.

(135) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 474/2006 jiġi emendat skont dan.

(136) Minħabba l-implikazzjonijiet tas-sikurezza, l-Artikoli 5 u 6 tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005 jirrikonoxxu l-bżonn li jittieħdu deċiżjonijiet malajr u, meta jkun xieraq, b'urġenza. Għaldaqstant, huwa essenzjali li, sabiex jiġu mħarsa l-informazzjoni sensittiva kif ukoll il-pubbliku li jivvjaġġa, kwalunkwe deċiżjonijiet fil-kuntest tal-aġġornament tal-lista tat-trasportaturi tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni jew restrizzjoni tal-operat fl-Unjoni jiġu ppubblikati u jidħlu fis-seħħ minnufih wara l-adozzjoni tagħhom.

(137) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru tal-UE stabbilit bl-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 474/2006 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Anness A huwa sostitwit bit-test fl-Anness I ta' dan ir-Regolament;

(2) L-Anness B huwa sostitwit bit-test fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Novembru 2021.

Għall-Kummissjoni
F'isem il-President,
Adina VĂLEAN
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

"Anness A

LISTA TA' KUMPANIJI TAL-AJRU LI HUMA PPROJBITI MILLI JOPERAW FL-UNJONI, B'XI EĊĊEZZJONIJIET ([1])

Isem l-entità legali tal-kumpanija tal-ajru kif muri fuq l-AOC tagħha (u l-isem kummerċjali tagħha, jekk dan ikun differenti)	In-numru taċ-Ċertifikat tal-Operatur tal-Ajru ("l-AOC") jew tal-Liċenzja tal-Operat	Deżinjatur bi tliet ittri tal-ICAO	L-Istat tal-Operatur
AVIOR AIRLINES	ROI-RNR-011	ROI	il-Venezwela
BLUE WING AIRLINES	SRBWA-01/2002	BWI	is-Suriname
IRAN ASEMAN AIRLINES	FS-102	IRC	l-Iran
IRAQI AIRWAYS	001	IAW	l-Iraq
MED-VIEW AIRLINE	MVA/AOC/10-12/05	MEV	in-Niġerja
AIR ZIMBABWE (PVT)	177/04	AZW	iż-Żimbabwe
SKOL AIRLINE LLC	228	CDV	ir-Russja
Il-kumpaniji tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tal-Afganistan responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, fosthom			**l-Afganistan**
ARIANA AFGHAN AIRLINES	AOC 009	AFG	l-Afganistan
KAM AIR	AOC 001	KMF	l-Afganistan
It-trasportaturi tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tal-Angola responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, ħlief TAAG *Angola Airlines* u *Heli Malongo*, fosthom			**l-Angola**
AEROJET	AO-008/11-07/17 TEJ	TEJ	l-Angola
GUICANGO	AO-009/11-06/17 YYY	Mhux magħruf	l-Angola
AIR JET	AO-006/11-08/18 MBC	MBC	l-Angola
BESTFLYA AIRCRAFT MANAGEMENT	AO-015/15-06/17YYY	Mhux magħruf	l-Angola
HELIANG	AO 007/11-08/18 YYY	Mhux magħruf	l-Angola
SJL	AO-014/13-08/18YYY	Mhux magħruf	l-Angola
SONAIR	AO-002/11-08/17 SOR	SOR	l-Angola
It-trasportaturi tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tal-Armenja responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, inklużi			**l-Armenja**

([1]) Il-kumpaniji tal-ajru mniżżlin fl-Anness B jistgħu jitħallew jeżerċitaw id-drittijiet tat-traffiku tagħhom billi jużaw inġenji tal-ajru mikrijin bl-ekwipaġġ mingħand kumpanija tal-ajru li mhijiex soġġetta għal projbizzjoni fuq l-operat, dejjem jekk jitħarsu l-istandards rilevanti tas-sikurezza.

AIRCOMPANY ARMENIA	AM AOC 065	NGT	l-Armenja
ARMENIA AIRWAYS	AM AOC 063	AMW	l-Armenja
ARMENIAN HELICOPTERS	AM AOC 067	KAV	l-Armenja
FLYONE ARMENIA	AM AOC 074		l-Armenja
NOVAIR	AM AOC 071	NAI	l-Armenja
SHIRAK AVIA	AM AOC 072	SHS	l-Armenja
SKYBALL	AM AOC 073	N/A	l-Armenja
It-trasportaturi tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tal-Kongo (Brazzaville) responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, inklużi			**il-Kongo (Brazzaville)**
CANADIAN AIRWAYS CONGO	CG-CTA 006	TWC	il-Kongo (Brazzaville)
EQUAFLIGHT SERVICES	CG-CTA 002	EKA	il-Kongo (Brazzaville)
EQUAJET	RAC06-007	EKJ	il-Kongo (Brazzaville)
TRANS AIR CONGO	CG-CTA 001	TSG	il-Kongo (Brazzaville)
SOCIETE NOUVELLE AIR CONGO	CG-CTA 004	Mhux magħruf	il-Kongo (Brazzaville)
Il-kumpaniji tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, fosthom			**ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK)**
AIR FAST CONGO	AAC/DG/OPS-09/03	Mhux magħruf	ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK)
AIR KATANGA	AAC/DG/OPS-09/08	Mhux magħruf	ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK)
BUSY BEE CONGO	AAC/DG/OPS-09/04	Mhux magħruf	ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK)
COMPAGNIE AFRICAINE D'AVIATION (CAA)	AAC/DG/OPS-09/02	Mhux magħruf	ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK)
CONGO AIRWAYS	AAC/DG/OPS-09/01	Mhux magħruf	ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK)
KIN AVIA	AAC/DG/OPS-09/10	Mhux magħruf	ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK)
MALU AVIATION	AAC/DG/OPS-09/05	Mhux magħruf	ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK)
SERVE AIR CARGO	AAC/DG/OPS-09/07	Mhux magħruf	ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK)
SWALA AVIATION	AAC/DG/OPS-09/06	Mhux magħruf	ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK)

MWANT JET	AAC/DG/OPS-09/09	Mhux magħruf	ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDC)
Il-kumpaniji tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tal-Djibouti responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, fosthom			**il-Djibouti**
DAALLO AIRLINES	Mhux magħruf	DAO	il-Djibouti
Il-kumpaniji tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tal-Guinea Ekwatorjali responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, fosthom			**il-Guinea Ekwatorjali**
CEIBA INTERCONTINENTAL	2011/0001/MTTCT/DGAC/SOPS	CEL	il-Guinea Ekwatorjali
CRONOS AIRLINES	2011/0004/MTTCT/DGAC/SOPS	Mhux magħruf	il-Guinea Ekwatorjali
Il-kumpaniji tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tal-Eritrea responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, fosthom			**l-Eritrea**
ERITREAN AIRLINES	AOC Nru 004	ERT	l-Eritrea
NASAIR ERITREA	AOC Nru 005	NAS	l-Eritrea
It-trasportaturi tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tal-Kirgiżistan responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, inklużi			**il-Kirgiżistan**
AEROSTAN	*08*	*BSC*	il-Kirgiżistan
AIR COMPANY AIR KG	50	Mhux magħruf	il-Kirgiżistan
AIR MANAS	17	MBB	il-Kirgiżistan
AVIA TRAFFIC COMPANY	23	AVJ	il-Kirgiżistan
FLYSKY AIRLINES	53	FSQ	il-Kirgiżistan
HELI SKY	47	HAC	il-Kirgiżistan
KAP.KG AIRCOMPANY	52	KGS	il-Kirgiżistan
SKY KG AIRLINES	41	KGK	il-Kirgiżistan
TEZ JET	46	TEZ	il-Kirgiżistan
VALOR AIR	07	VAC	il-Kirgiżistan
Il-kumpaniji tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tal-Liberja responsabbli għas-sorveljanza regolatorja.			**il-Liberja**

Il-kumpaniji tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tal-Libja responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, fosthom			**il-Libja**
AFRIQIYAH AIRWAYS	007/01	AAW	il-Libja
AIR LIBYA	004/01	TLR	il-Libja
AL MAHA AVIATION	030/18	Mhux magħruf	il-Libja
BERNIQ AIRWAYS	032/21	BNL	il-Libja
BURAQ AIR	002/01	BRQ	il-Libja
GLOBAL AIR TRANSPORT	008/05	GAK	il-Libja
HALA AIRLINES	033/21	HTP	il-Libja
LIBYAN AIRLINES	001/01	LAA	il-Libja
LIBYAN WINGS AIRLINES	029/15	LWA	il-Libja
PETRO AIR	025/08	PEO	il-Libja
Il-kumpaniji tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tan-Nepal responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, fosthom			**in-Nepal**
AIR DYNASTY HELI. S.	035/2001	Mhux magħruf	in-Nepal
ALTITUDE AIR	085/2016	Mhux magħruf	in-Nepal
BUDDHA AIR	014/1996	BHA	in-Nepal
FISHTAIL AIR	017/2001	Mhux magħruf	in-Nepal
SUMMIT AIR	064/2010	Mhux magħruf	in-Nepal
HELI EVEREST	086/2016	Mhux magħruf	in-Nepal
HIMALAYA AIRLINES	084/2015	HIM	in-Nepal
KAILASH HELICOPTER SERVICES	087/2018	Mhux magħruf	in-Nepal
MAKALU AIR	057 A/2009	Mhux magħruf	in-Nepal
MANANG AIR PVT	082/2014	Mhux magħruf	in-Nepal
MOUNTAIN HELICOPTERS	055/2009	Mhux magħruf	in-Nepal
PRABHU HELICOPTERS	081/2013	Mhux magħruf	in-Nepal
NEPAL AIRLINES CORPORATION	003/2000	RNA	in-Nepal
SAURYA AIRLINES	083/2014	Mhux magħruf	in-Nepal
SHREE AIRLINES	030/2002	SHA	in-Nepal
SIMRIK AIR	034/2000	Mhux magħruf	in-Nepal
SIMRIK AIRLINES	052/2009	RMK	in-Nepal
SITA AIR	033/2000	Mhux magħruf	in-Nepal
TARA AIR	053/2009	Mhux magħruf	in-Nepal

YETI AIRLINES	037/2004	NYT	in-Nepal
Il-kumpaniji tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet ta' São Tomé u Príncipe responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, fosthom			**São Tomé u Príncipe**
AFRICA'S CONNECTION	10/AOC/2008	ACH	São Tomé u Príncipe
STP AIRWAYS	03/AOC/2006	STP	São Tomé u Príncipe
It-trasportaturi tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet ta' Sierra Leone responsabbli għas-sorveljanza regolatorja			**Sierra Leone**
Il-kumpaniji tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tas-Sudan responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, fosthom			**is-Sudan**
ALFA AIRLINES SD	54	AAJ	is-Sudan
BADR AIRLINES	35	BDR	is-Sudan
BLUE BIRD AVIATION	11	BLB	is-Sudan
ELDINDER AVIATION	8	DND	is-Sudan
GREEN FLAG AVIATION	17	GNF	is-Sudan
HELEJETIC AIR	57	HJT	is-Sudan
KATA AIR TRANSPORT	9	KTV	is-Sudan
KUSH AVIATION CO.	60	KUH	is-Sudan
NOVA AIRWAYS	46	NOV	is-Sudan
SUDAN AIRWAYS CO.	1	SUD	is-Sudan
SUN AIR	51	SNR	is-Sudan
TARCO AIR	56	TRQ	is-Sudan“

ANNESS II

"ANNESS B

LISTA TA' KUMPANIJI TAL-AJRU LI HUMA SOĠĠETTI GĦAL RESTRIZZJONIJIET OPERATTIVI FL-UNJONI ([1])

Isem l-entità legali tal-kumpanija tal-ajru kif muri fuq l-AOC tagħha (u l-isem kummerċjali tagħha, jekk dan ikun differenti)	In-numru taċ-Ċertifikat tal-Operatur tal-Ajru ("AOC")	Deżinjatur bi tliet ittri tal-ICAO	L-Istat tal-Operatur	It-tip ta' inġenju tal-ajru soġġett għal restrizzjoni	Il-marka/i tar-reġistrazzjoni u, meta jkun(u) disponibbli, in-numru/i tas-serje tal-kostruzzjoni tal-inġenju tal-ajru soġġett għal restrizzjoni	L-Istat tar-reġistrazzjoni
IRAN AIR	FS100	IRA	L-Iran	L-inġenji tal-ajru kollha tat-tip Fokker F100 u tat-tip Boeing B747	L-inġenji tal-ajru tat-tip Fokker F100 kif jissemma fl-AOC; l-inġenji tal-ajru tat-tip Boeing B747 kif jissemma fl-AOC	L-Iran
AIR KORYO	GAC-AOC/KOR-01	KOR	Il-Korea ta' Fuq	Il-flotta kollha ħlief: 2 inġenji tal-ajru tat-tip TU- 204.	Il-flotta kollha ħlief: P-632, P-633.	Il-Korea ta' Fuq"

([1]) Il-kumpaniji tal-ajru mniżżlin fl-Anness B jistgħu jitħallew jeżerċitaw id-drittijiet tat-traffiku tagħhom billi jużaw inġenji tal-ajru mikrijin bl-ekwipaġġ mingħand kumpanija tal-ajru li mhijiex soġġetta għal projbizzjoni fuq l-operat, dejjem jekk jitħarsu l-istandards rilevanti tas-sikurezza.

REGOLAMENT TA’ IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/2071

tal-25 ta’ Novembru 2021

li jagħmel ċerti vaċċini u sustanzi attivi użati għall-manifattura ta’ tali vaċċini soġġetti għas-sorveljanza tal-esportazzjoni

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2015/479 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ Marzu 2015 dwar ir-regoli komuni għall-esportazzjoni ([1]), u b’mod partikolari l-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) Fit-30 ta’ Jannar 2021, il-Kummissjoni adottat ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2021/111 ([2]) li jagħmel l-esportazzjoni tal-vaċċini kontra l-COVID-19 kif ukoll tas-sustanzi attivi, inklużi banek ta’ ċelloli prinċipali u ċelloli operatorji, użati għall-manifattura ta’ dawn it-tilqimiet, soġġetti għall-produzzjoni ta’ awtorizzazzjoni tal-esportazzjoni, skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2015/479, għal perjodu ta’ sitt ġimgħat. Wara dan, fit-12 ta’ Marzu 2021, il-Kummissjoni adottat ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2021/442 ([3]) li jagħmel l-esportazzjoni tal-istess prodotti soġġetta għal awtorizzazzjoni tal-esportazzjoni sat-30 ta’ Ġunju 2021, skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2015/479.

(2) Fl-24 ta’ Marzu 2021, il-Kummissjoni adottat Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2021/521 ([4]) li jintroduċi, bħala fattur addizzjonali li jrid jitqies fil-kunsiderazzjoni ta’ awtorizzazzjoni ta’ esportazzjoni, il-ħtieġa li jittieħed kont dwar jekk din l-awtorizzazzjoni tkunx ta’ theddida fuq is-sigurtà tal-provvista tal-prodotti koperti mir-Regolament (UE) 2021/442 fl-Unjoni. Bl-istess Regolament, il-Kummissjoni ddeċidiet dwar sospensjoni temporanja tal-eżenzjoni ta’ ċerti pajjiżi ta’ destinazzjoni mill-kamp ta’ applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2021/442.

(3) Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/521 ġie adottat skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2015/479 u japplika għal mhux aktar minn sitt ġimgħat. Il-miżuri introdotti minn dan ir-Regolament ġew sussegwentement estiżi sat-30 ta’ Ġunju 2021 bir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/734 ([5]).

(4) Kemm ir-Regolament (UE) 2021/442 kif ukoll ir-Regolament (UE) 2021/521 ġew estiżi ulterjorment, l-ewwel sat-30 ta’ Settembru 2021 bir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1071 ([6]), u mbagħad sal-31 ta’ Diċembru 2021 bir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1728 ([7]).

(5) Il-produzzjoni u l-konsenji tad-dożi tal-vaċċin kontra l-COVID-19 fl-Unjoni ġew aċċellerati u r-riskju li l-esportazzjonijiet jheddu l-eżekuzzjoni tal-Ftehimiet ta’ Xiri bil-Quddiem bejn l-Unjoni u l-manifatturi tal-vaċċin jew is-sigurtà tal-provvisti tal-Unjoni tal-vaċċini kontra l-COVID-19 u s-sustanzi attivi tagħhom attwalment naqas.

(6) Fiċ-ċirkostanzi attwali u s-sitwazzjoni tal-provvista, il-Kummissjoni qieset l-applikazzjoni tar-rekwiżit li tiġi prodotta awtorizzazzjoni tal-esportazzjoni għall-esportazzjonijiet ta’ vaċċini kontra l-coronaviruses relatati mas-SARS (l-ispeċijiet SARS-CoV) u s-sustanzi attivi, inklużi banek ta’ ċelloli prinċipali u ċelloli operatorji użati għall-manifattura ta’ tali vaċċini, wara l-31 ta’ Diċembru 2021, mhux meħtieġa.

([1]) ĠU L 83, 27.3.2015, p. 34.
([2]) ĠU L 31 I, 30.1.2021, p. 1.
([3]) ĠU L 85, 12.3.2021, p. 190.
([4]) ĠU L 104, 25.3.2021, p. 52.
([5]) ĠU L 158, 6.5.2021, p. 13.
([6]) ĠU L 230, 30.6.2021, p. 28.
([7]) ĠU L 345, 30.9.2021, p. 34.

(7) Madankollu, għad hemm bżonn li ssir sorveljanza permezz tal-proċedura bbażata fuq l-Artikolu 56(5) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([8]), u li jkun meħtieġ li d-dikjarazzjoni ta' esportazzjoni jew ta' esportazzjoni mill-ġdid tinkludi l-kodiċijiet addizzjonali TARIC, ipprovduti fl-Anness, kif ukoll in-numri ta' dożi (fil-każ ta' kontenituri b'ħafna dożi, id-dożi għall-adulti) għal perjodu ta' 24-il xahar mill-1 ta' Jannar 2022 'il quddiem.

(8) Din is-sorveljanza għandha tippermetti lill-Kummissjoni tiġbor *data* statistika supplimentari dwar l-esportazzjoni fil-livell ta' kull manifattur bil-ħsieb li tiskopri fil-ħin (i) kwalunkwe indikazzjoni ta' nuqqas ta' konformità mal-Ftehim ta' Xiri bil-Quddiem konkluż mill-Kummissjoni (ii) kwalunkwe ċirkostanza oħra li tista' thedded is-sigurtà tal-provvista tal-Unjoni, u (iii) il-kapaċità tal-Unjoni li twiegħed, u twassal, donazzjonijiet ulterjuri. Dan għandu jippermetti lill-Kummissjoni, fejn meħtieġ, tieħu azzjoni ulterjuri sabiex tipprevjeni li tirriżulta sitwazzjoni kritika minħabba nuqqas ta' dawn il-prodotti skont ir-rekwiżiti tar-Regolament (UE) 2015/479,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. L-oġġetti li ġejjin għandhom ikunu soġġetti għas-sorveljanza tal-esportazzjoni għal perjodu ta' 24-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament:

(a) vaċċini kontra coronaviruses relatati mas-SARS (l-ispeċijiet SARS-CoV) li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 3002 20 10 irrispettivament mill-imballaġġ tagħhom;

(b) sustanzi attivi, inklużi banek ta' ċelloli prinċipali u ċelloli operatorji użati għall-manifattura ta' tali vaċċini, li bħalissa jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM ex 2933 99 80, ex 2934 99 90, ex 3002 90 90 u ex 3504 00 90.

2. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, "esportazzjoni" tfisser:

(a) esportazzjoni ta' merkanzija tal-Unjoni bil-proċedura ta' esportazzjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 269(1) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013;

(b) esportazzjoni mill-ġdid ta' merkanzija mhux tal-Unjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 270(1) ta' dak ir-Regolament wara li tali merkanzija tkun ġiet soġġetta għal operazzjonijiet ta' manifattura inkluż il-mili u l-ippakkjar fit-territorju doganali tal-Unjoni.

Artikolu 2

Id-dikjarazzjoni ta' esportazzjoni jew ta' esportazzjoni mill-ġdid tal-oġġetti msemmija fl-Artikolu 1 għandha, matul iż-żmien imsemmi fih, tinkludi l-kodiċijiet addizzjonali TARIC imsemmija fl-Anness, jew kwalunkwe kodiċi futur korrispondenti, u għandha tindika n-numru ta' dożi (fil-każ ta' kontenituri b'ħafna dożi, in-numru ta' dożi għall-adulti).

Artikolu 3

Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-informazzjoni dwar l-esportazzjonijiet, filwaqt li tqis il-konfidenzjalità tad-*data* ppreżentata.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2022.

([8]) Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta’ Novembru 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

KODIĊIJIET ADDIZZJONALI TARIC

Manifattur	Kodiċi addizzjonali Taric għall-vaċċini kontra l-coronaviruses relatati mas-SARS (l-ispeċijiet SARS-CoV)	Kodiċi addizzjonali Taric għas-sustanzi attivi (*)
AstraZeneca AB	4500	4520
Pfizer / BioNTech	4501	4521
Moderna Switzerland / Moderna Inc	4502	4522
Janssen Pharmaceutica NV	4503	4523
CureVac AG	4504	4524
Sanofi Pasteur / GlaxoSmithKline Biologicals S.A	4505	4525
Novavax	4506	4526
Valneva	4507	4527
Gedeon Richter	4508	4528
Arcturus	4509	4529
PCI Pharma	4510	4530
Manifatturi oħrajn	4999	4999

(*) sustanzi attivi inklużi banek ta' ċelloli prinċipali u ċelloli operatorji użati għall-manifattura ta' vaċċini kontra l-coronaviruses relatati mas-SARS (l-ispeċijiet SARS-CoV).

Kumpanija	Kodiċi addizzjonali TARIC għal sustanzi oħrajn (*)
Il-manifatturi kollha	4599

(*) "Sustanzi oħrajn" huma prodotti jew sustanzi li mhux se jintużaw għall-manifattura ta' vaċċini kontra l-coronaviruses relatati mas-SARS (l-ispeċijiet SARS-CoV), iżda li huma kklassifikati taħt l-istess kodiċijiet NM bħas-sustanzi attivi.

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2021/2072

tal-25 ta' Novembru 2021

b'appoġġ għall-bini ta' reżiljenza fil-bijosikurezza u l-bijosigurtà permezz tal-Konvenzjoni dwar l-Armi Bijoloġiċi u Tossiniċi

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 28(1) u 31(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-12 ta' Diċembru 2003, il-Kunsill Ewropew adotta l-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni ta' Armi ta' Qerda Massiva (l-"Istrateġija tal-UE"), li l-Kapitolu III tagħha fih lista ta' miżuri għall-ġlieda kontra tali proliferazzjoni.

(2) L-Unjoni qed timplimenta b'mod attiv l-Istrateġija tal-UE u qed tagħti effett lill-miżuri elenkati fil-Kapitolu III tagħha, b'mod partikolari dawk il-miżuri relatati mat-tisħiħ, l-implimentazzjoni u l-universalizzazzjoni tal-Konvenzjoni dwar l-Armi Bijoloġiċi u Tossiniċi (BTWC).

(3) Fl-20 ta' Marzu 2006, il-Kunsill adotta l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar l-armi bijoloġiċi u tossiniċi, li jikkomplementa l-Azzjoni Konġunta 2006/184/PESK ([1]) b'appoġġ għall-BTWC.

(4) Fis-16 ta' Novembru 2015, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2015/2096 ([2]) dwar il-pożizzjoni tal-Unjoni fit-Tmien Konferenza ta' Reviżjoni tal-Istati Parti għall-BTWC.

(5) It-Tmien Konferenza ta' Reviżjoni tal-BTWC iddeċidiet li ġġedded il-mandat tal-Unità ta' Appoġġ għall-Implimentazzjoni (ISU) stabbilita fi ħdan il-Fergħa ta' Ġinevra tal-Uffiċċju tan-NU għall-Affarijiet ta' Diżarm (UNODA) u qablet miegħu fis-Seba' Konferenza ta' Reviżjoni tal-BTWC, għall-perijodu mill-2017 sal-2021.

(6) Fil-21 ta' Jannar 2019, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2019/97 ([3]) b'appoġġ għall-BTWC, fil-qafas tal-Istrateġija tal-UE. Din id-Deċiżjoni tikkomplementa d-Deċiżjoni 2019/97 billi ssaħħaħ aktar il-bijosikurezza u l-bijosigurtà fil-livelli nazzjonali, reġjonali u internazzjonali fl-isfond tal-pandemija tal-COVID-19 li għaddejja bħalissa.

(7) Meta wieħed iqis it-tagħlimiet meħuda mill-pandemija tal-COVID-19, hemm bżonn li jiżdiedu l-isforzi biex jittejbu l-bijosikurezza u l-bijosigurtà fil-livelli internazzjonali, reġjonali u nazzjonali,

([1]) L-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2006/184/PESK tas-27 ta' Frar 2006 b'appoġġ għall-Konvenzjoni tal-Armi Bioloġiċi u Tossiċi, fil-qafas tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda tal-Massa (ĠU L 65, 7.3.2006, p. 51).

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/2096 tas-16 ta' Novembru 2015 dwar il-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tat-Tmien Konferenza ta' Reviżjoni tal-Konvenzjoni dwar il-Projbizzjoni tal-Iżvilupp, il-Produzzjoni u l-Ħażna ta' Armi Batterjoloġiċi (Bijoloġiċi) u ta' Tossina u dwar il-Qerda Tagħhom (BTWC) (ĠU L 303, 20.11.2015, p. 13).

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/97 tal-21 ta' Jannar 2019 b'appoġġ għall-Konvenzjoni dwar l-Armi Bijoloġiċi u Tossiċi fil-qafas tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni ta' Armi ta' Qerda Massiva (ĠU L 19, 22.1.2019, p. 11).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Din id-Deċiżjoni hija ggwidata mill-prinċipji li ġejjin:

(a) isir l-aħjar użu mill-esperjenza miksuba permezz ta’ Azzjonijiet Konġunti u Deċiżjonijiet tal-Kunsill preċedenti b’appoġġ għall-BTWC;

(b) b’kont meħud tal-ħtiġijiet speċifiċi espressi mill-Istati Parti kif ukoll minn Stati mhux parti għall-BTWC fir-rigward tat-tisħiħ tal-bijosikurezza u l-bijosigurtà fil-livelli nazzjonali, reġjonali u internazzjonali permezz tal-BTWC;

(c) l-inkoraġġiment tas-sjieda lokali u reġjonali tal-proġetti sabiex tiġi żgurata s-sostenibbiltà fit-tul tagħhom u biex tinbena sħubija bejn l-Unjoni u partijiet terzi fil-qafas tal-BTWC;

(d) l-iffukar fuq dawk l-attivitajiet li taw riżultati konkreti f’termini tat-tisħiħ tal-kapaċitajiet ta’ assistenza, rispons u tħejjija nazzjonali, reġjonali u internazzjonali;

(e) il-kontribut għall-avvanz tal-objettivi tal-paċi u s-sigurtà u ta’ dawk marbuta mas-saħħa permezz tal-implimentazzjoni effettiva tal-BTWC mill-Istati Parti.

2. L-Unjoni għandha tappoġġa l-proġetti li ġejjin li jikkorrispondu għal miżuri tal-Istrateġija tal-UE:

(a) it-titjib tal-kapaċitajiet tal-bijosikurezza u tal-bijosigurtà fl-Afrika permezz ta’ aktar koordinazzjoni reġjonali;

(b) it-tisħiħ tal-kapaċitajiet għall-Punti ta’ Kuntatt Nazzjonali tal-BTWC;

(c) l-iffaċilitar tar-reviżjoni tal-iżviluppi fix-xjenza u t-teknoloġija ta’ rilevanza għall-BTWC billi jiġu involuti wkoll l-akkademja u l-industrija;

(d) it-twessigħ tal-appoġġ għall-eżerċizzji ta’ trasparenza volontarja.

Deskrizzjoni dettaljata ta’ dawn il-proġetti tinsab fid-Dokument ta’ Proġett li jinsab Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

1. Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta’ Sigurtà (RGħ) għandu jkun responsabbli għall-implimentazzjoni ta’ din id-Deċiżjoni.

2. L-implimentazzjoni teknika tal-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 1 għandha tkun fdata lill-UNODA. Huwa għandu jwettaq dan il-kompitu taħt ir-responsabbiltà tar-RGħ. Għal dak il-għan, ir-RGħ għandu jagħmel l-arranġamenti meħtieġa mal-UNODA.

Artikolu 3

1. L-ammont ta’ referenza finanzjarja għall-implimentazzjoni tal-proġetti msemmijin fl-Artikolu 1(2) għandu jkun ta’ EUR 2 147 443,52.

2. In-nefqa ffinanzjata mill-ammont stabbilit fil-paragrafu 1 għandha tkun amministrata f’konformità mal-proċeduri u r-regoli applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni.

3. Il-Kummissjoni għandha tissorvelja l-amministrazzjoni korretta tan-nefqa msemmija fil-paragrafu 1. Għal dak il-għan, hija għandha tikkonkludi ftehim meħtieġ mal-UNODA. Il-ftehim għandu jistipula li l-UNODA għandu jiżgura l-viżibbiltà tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni adatta għad-daqs tagħha.

4. Il-Kummissjoni għandha tagħmel ħilitha biex tikkonkludi l-ftehim imsemmi fil-paragrafu 3 mill-aktar fis possibbli wara d-dħul fis-seħħ ta’ din id-Deċiżjoni. Hija għandha tinforma lill-Kunsill bi kwalunkwe diffikultà f’dak il-proċess u bid-data tal-konklużjoni tal-ftehim.

Artikolu 4

Ir-RGħ għandu jirrapporta lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni abbażi ta' rapporti regolari mħejjija mill-UNODA. Dawk ir-rapporti għandhom jifformaw il-bażi għall-evalwazzjoni mwettqa mill-Kunsill. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi informazzjoni dwar l-aspetti finanzjarji tal-proġetti msemmijin fl-Artikolu 1(2).

Artikolu 5

1. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

2. Din id-Deċiżjoni għandha tiskadi 24 xahar wara d-data tal-konklużjoni tal-ftehim imsemmi fl-Artikolu 3(3) jew sitt xhur wara d-data tal-adozzjoni tagħha jekk dak il-ftehim ma jkunx ġie konkluż sa dak iż-żmien.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Novembru 2021.

Għall-Kunsill

Il-President

Z. POČIVALŠEK

ANNESS

Proġett b'appoġġ għar-Reżiljenza fil-Bijosikurezza u l-Bijosigurtà permezz tal-Konvenzjoni dwar l-Armi Bijoloġiċi u Tossiniċi (BTWC)

1. SFOND

Il-pandemija tal-COVID-19 uriet it-tfixkil globali li jista' jiġi kkawżat minn mard infettiv u enfasizzat in-nuqqas ta' tħejjija fil-livelli nazzjonali, reġjonali u internazzjonali biex jingħata rispons għal avvenimenti bijoloġiċi. Jekk marda bħal din kienet immanipulata deliberatament biex tkun aktar virulenti, jew kienet rilaxxata intenzjonalment f'diversi postijiet f'daqqa, din setgħet twassal għal kriżi globali saħansitra akbar. Fl-istess ħin, jenħtieġ li jiġu kkunsidrati wkoll l-avvanzi fil-bijoteknoloġija billi dawn jistgħu jwasslu għal benefiċċji multipli b'impatt pożittiv fuq l-iżvilupp sostenibbli iżda jistgħu jġorru riskji multipli b'konsegwenzi potenzjalment katastrofiċi. F'dawn iċ-ċirkostanzi, jenħtieġ li jiżdiedu l-isforzi biex jiġu indirizzati kwistjonijiet ta' bijosikurezza u bijosigurtà fil-kuntest tal-Konvenzjoni dwar l-Armi Bijoloġiċi u Tossiniċi.

2. OBJETTIVI

Din id-Deċiżjoni tal-Kunsill hija mfassla biex speċifikament issaħħaħ il-bijosikurezza u l-bijosigurtà fil-livelli nazzjonali, reġjonali u internazzjonali fl-isfond tal-pandemija tal-COVID-19 li għaddejja bħalissa. Din id-Deċiżjoni ser tikkomplementa d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/97 tal-21 ta' Jannar 2019 ([1]) b'appoġġ għall-BTWC. Id-Deċiżjoni 2019/97 qed tiġi implimentata mill-Fergħa ta' Ġinevra tal-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Affarijiet ta' Diżarm (UNODA), f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Unità ta' Appoġġ għall-Implimentazzjoni (ISU) tal-BTWC. Kif applikabbli, din id-Deċiżjoni ser tibni fuq il-kisbiet tad-Deċiżjoni 2019/97 u l-Azzjonijiet Konġunti u d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill preċedenti b'appoġġ għall-BTWC, mingħajr ma tidduplika kwalunkwe attività li għaddejja bħalissa ([2]). Matul il-fażi ta' implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, ser isir l-aħjar użu mis-sinerġiji possibbli mad-Deċiżjoni 2019/97.

Din id-Deċiżjoni tal-Kunsill ser tkun iggwidata mill-prinċipji li ġejjin:

(a) li jsir l-aħjar użu mill-esperjenza miksuba permezz tal-Azzjonijiet Konġunti u d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill preċedenti b'appoġġ għall-BTWC;

(b) li jiġu kkunsidrati l-ħtiġijiet speċifiċi espressi mill-Istati Parti kif ukoll minn Stati li mhumiex parti għall-BTWC fir-rigward tat-tisħiħ tal-bijosikurezza u l-bijosigurtà fil-livelli nazzjonali, reġjonali u internazzjonali permezz tal-BTWC;

(c) li tiġi inkoraġġuta s-sjieda lokali u reġjonali tal-proġetti sabiex tiġi żgurata s-sostenibbiltà fit-tul tagħhom u biex tinbena sħubija bejn l-Unjoni Ewropea u partijiet terzi fil-qafas tal-BTWC;

(d) li tingħata attenzjoni partikolari lil dawk l-attivitajiet li wrew li jġibu riżultati konkreti f'termini tat-tisħiħ tal-kapaċitajiet ta' assistenza, ta' rispons u ta' tħejjija nazzjonali, reġjonali u internazzjonali;

(e) li jingħata kontribut biex jiġu avvanzati l-objettivi tal-paċi u dawk relatati mas-sigurtà u s-saħħa permezz tal-implimentazzjoni effettiva tal-BTWC mill-Istati Parti.

3. PROĠETTI

3.1. Proġett 1 – Tisħiħ tal-kapaċitajiet fil-qasam tal-bijosikurezza u l-bijosigurtà fl-Afrika permezz ta' aktar koordinazzjoni reġjonali

3.1.1. Fini tal-Proġett

Dan il-proġett jiffoka fuq it-tisħiħ tal-implimentazzjoni tal-BTWC u l-avvanz tal-universalizzazzjoni tagħha fil-kontinent Afrikan, billi jżid il-kapaċitajiet tal-awtoritajiet nazzjonali u l-entitajiet u l-organizzazzjonijiet reġjonali li jittrattaw kwistjonijiet ta' bijosikurezza u bijosigurtà fl-Afrika. Il-proġett għandu wkoll l-għan li jżid il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni fost dawn l-atturi.

([1]) Il-flussi ta' ħidma ewlenin tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-UE 2019/97 huma l-universalizzazzjoni, il-programmi ta' assistenza biex tissaħħaħ l-implimentazzjoni tal-BTWC fil-livelli nazzjonali, il-ħolqien ta' networks dwar il-bijosigurtà fost xjenzjati żgħażagħ min-Nofsinhar Globali, l-appoġġ għall-programm intersessjonali u d-disa' Konferenza ta' Reviżjoni kif ukoll l-iżvilupp ta' materjal ta' sensibilizzazzjoni u materjal edukattiv.

([2]) Azzjonijiet Konġunti 2006/184/PESK u 2008/858/PESK u d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2012/421/PESK u 2016/51/PESK.

Attwalment, 14-il Stat – erba' Stati firmatarji u għaxar Stati mhux firmatarji – għadhom ma rratifikawx jew ma aderixxewx għall-BTWC. Tmienja minn dawn l-Istati jinsabu fl-Afrika: iċ-Chad, Comoros, il-Djibouti, l-Eġittu, l-Eritrea, in-Namibja, is-Somalja u s-Sudan t'Isfel. Tnejn minn dawn l-Istati, l-Eġittu u s-Somalja, huma firmatarji tal-BTWC, filwaqt li s-sitt Stati l-oħra ma ffirmawx il-Konvenzjoni. Il-kontinent Afrikan huwa għalhekk reġjun ta' prijorità f'termini tal-universalizzazzjoni tal-BTWC. Barra minn hekk, l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tista' tissaħħaħ b'mod konsiderevoli billi jiżdiedu l-kapaċitajiet fil-qasam tal-bijosikurezza u l-bijosigurtà tal-Istati Parti Afrikani tagħha.

3.1.2. **Deskrizzjoni tal-Proġett**

Dan il-proġett ser jinkludi l-ħolqien ta' pożizzjoni ta' Uffiċjal għall-Affarijiet Politiċi (P3) ibbażat f'Addis Ababa biex jaħdem speċifikament fuq l-universalizzazzjoni u l-implimentazzjoni msaħħa tal-Konvenzjoni fil-kontinent Afrikan u jesplora opportunitajiet għal sinerġiji ma' oqfsa reġjonali dwar il-paċi u s-sigurtà, is-sigurtà tas-saħħa u l-iżvilupp. Konkretament, l-Uffiċjal għall-Affarijiet Politiċi jkun responsabbli għall-kompiti li ġejjin:

(a) jipprovdi assistenza leġiżlattiva lill-Istati Parti li jixtiequ jtejbu l-leġiżlazzjoni tagħhom relatata mal-BTWC kif ukoll lill-Istati interessati li jingħaqdu mal-Konvenzjoni u li għandhom il-ħsieb li jirrieżaminaw u jaġġustaw il-leġiżlazzjoni eżistenti tagħhom;

(b) jipprovdi taħriġ speċifiku lill-Istati Parti dwar l-elaborazzjoni u l-preżentazzjoni tar-rapporti dwar Miżuri għat-Tisħiħ tal-Fiduċja (CBM) tal-BTWC;

(c) jassisti lill-Istati Parti għall-BTWC Afrikani rigward kwistjonijiet relatati mas-CBMs. Din l-assistenza addizzjonali, li għandha ssaħħaħ l-appoġġ diġà pprovdut mill-ISU tal-BTWC, għandha l-għan li tikkontribwixxi biex jinkiseb għadd ikbar u kwalità aħjar tar-rapporti dwar is-CBM li jiġu ppreżentati mill-Istati Parti Afrikani;

(d) jikkollabora mill-qrib mal-Istati Afrikani li mhumiex parti għall-BTWC, inkluż permezz tal-Missjonijiet Permanenti tagħhom għall-Unjoni Afrikana f'Addis Ababa, biex jiġu identifikati sfidi nazzjonali speċifiċi għall-adeżjoni għall-Konvenzjoni jew għar-ratifika tagħha u jiġu ffaċilitati l-proċessi rispettivi tal-adeżjoni/ratifika billi tingħata assistenza teknika u leġiżlattiva relatata kif ikun meħtieġ;

(e) jikkollabora mill-qrib u jikkoordina l-attivitajiet mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, ir-raggruppamenti sottoreġjonali u l-organizzazzjonijiet sħab ibbażati fl-Afrika; (3) u

(f) jappoġġa l-implimentazzjoni tal-attivitajiet l-oħra kollha taħt din id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-UE fl-Afrika.

L-Uffiċjal għall-Affarijiet Politiċi ser ikun appoġġat minn konsulenti esterni għal inkarigi sostantivi speċifiċi (eż. l-għoti ta' appoġġ leġiżlattiv u assistenza teknika), kif meħtieġ. Il-preżenza tal-UNODA fl-Afrika permezz taċ-Ċentru Reġjonali tiegħu għall-Paċi u d-Diżarm fl-Afrika (UNREC) ser tintuża biex tiffaċilita u tappoġġa aspetti tal-attivitajiet kif adatt.

L-attivitajiet kollha tal-Uffiċjal għall-Affarijiet Politiċi ser jiġu kkoordinati mill-qrib mal-ISU tal-BTWC u mal-persunal tal-proġett tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-UE bbażat f'Ġinevra. L-Uffiċjal għall-Affarijiet Politiċi ser jaħdem mill-qrib mal-Koordinatur Reġjonali għall-Afrika tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU 1540 (2004) (4) tal-UNODA u ser ikun ibbażat fil-bini tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Afrika tan-Nazzjonijiet Uniti (UNECA) f'Addis Ababa.

3.1.3. **Riżultati Mistennija tal-Proġett**

Dan il-Proġett huwa mistenni li javvanza l-universalizzazzjoni tal-Konvenzjoni u jtejjeb l-implimentazzjoni nazzjonali tagħha fil-kontinent Afrikan. Għandu wkoll l-għan li jżid il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni fost l-awtoritajiet nazzjonali u l-entitajiet u l-organizzazzjonijiet reġjonali li jittrattaw kwistjonijiet ta' bijosikurezza u bijosigurtà fl-Afrika.

(3) Bħaċ-Ċentru Afrikan għall-Kontroll u l-Prevenzjoni tal-Mard (Africa CDC) fir-rigward tal-*Inizjattiva dwar il-Bijosikurezza u l-Bijosigurtà* tiegħu, id-Dipartiment tal-Paċi u s-Sigurtà tal-Kummissjoni tal-Unjoni Afrikana, l-Aġenzija tal-UA għall-Iżvilupp – Network ta' Esperti tal-UA dwar il-Bijosikurezza (AUDA-NEPAD), il-Komunitajiet Ekonomiċi Reġjonali (RECs) u entitajiet rilevanti oħra tal-UA, kif ukoll l-Inizjattiva Ewlenija tal-Grupp ta' Ħidma dwar is-Sigurtà Bijoloġika tas-Sħubija Globali.

(4) Fir-riżoluzzjoni 1540 (2004), il-Kunsill tas-Sigurtà ddeċieda li l-Istati kollha għandhom jibqgħu lura milli jipprovdu kwalunkwe forma ta' appoġġ lil atturi mhux Statali li jippruvaw jiżviluppaw, jakkwistaw, jimmanifatturaw, jippossjedu, jittrasportaw, jittrasferixxu jew jużaw armi nukleari, kimiċi jew bijoloġiċi u l-mezzi ta' kunsinna tagħhom, b'mod partikolari għal finijiet terroristiċi.

Bl-ankrar tal-pożizzjoni tal-Uffiċjal għall-Affarijiet Politiċi f'Addis Ababa huwa mistenni li l-prossimità akbar mal-awtoritajiet nazzjonali fl-Afrika, mal-ambaxxati rilevanti f'Addis Ababa u mal-pjattaformi reġjonali tat-tfassil ta' politika ser tikkontribwixxi b'mod deċiżiv għall-avvanz tal-implimentazzjoni tal-BTWC u l-universalizzazzjoni tal-Konvenzjoni fl-Afrika kif deskritt hawn fuq.

3.2. **Proġett 2 – Tisħiħ tal-Kapaċitajiet fil-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tal-BTWC**

3.2.1. **Fini tal-Proġett**

Dan il-proġett għandu l-għan li joħloq materjali ta' taħriġ u jipprovdi taħriġ dedikat lill-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali (NCPs) tal-BTWC dwar l-implimentazzjoni nazzjonali tal-BTWC. Għandu wkoll l-għan li joħloq mezzi u opportunitajiet għal djalogu u skambju ta' informazzjoni dwar l-implimentazzjoni nazzjonali tal-BTWC fost l-NCPs, inkluż il-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki. L-objettiv ta' dan il-proġett huwa li jsaħħaħ l-implimentazzjoni tal-BTWC billi jipprovdi tisħiħ tal-kapaċitajiet dedikat lill-NCPs u jrawwem aktar skambju u kooperazzjoni bejniethom fil-livelli reġjonali u internazzjonali.

Is-Sitt Konferenza ta' Reviżjoni fl-2006 ddeċidiet li kull Stat Parti għandu jaħtar punt ta' kuntatt nazzjonali għal:

— Il-koordinazzjoni tal-implimentazzjoni nazzjonali u l-komunikazzjoni ma' Stati Parti oħra u organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti;

— It-tħejjija u l-preżentazzjoni tar-rapporti annwali dwar il-Miżuri għat-Tisħiħ tal-Fiduċja (CBM);

— L-iskambju ta' informazzjoni dwar l-isforzi tal-universalizzazzjoni.

Mill-183 Stat Parti attwali, s'issa 134 Stat biss innominaw NCPs. L-NCPs huma inkorporati f'entitajiet differenti fil-livell domestiku, ġejjin minn ambjenti differenti u għandhom livelli differenti ta' għarfien preliminari dwar il-BTWC. S'issa, it-taħriġ għall-NCPs tal-BTWC huwa disponibbli biss fuq bażi ad hoc u huwa prekondizzjonat mill-għoti ta' finanzjament mid-donaturi.

3.2.2. **Deskrizzjoni tal-Proġett**

Dan il-proġett jinkludi l-elaborazzjoni ta' kors ta' taħriġ standardizzat, li jkun disponibbli għall-NCPs kollha. Il-kors ta' taħriġ ser jiġi pprovdut online jew fiżikament fir-reġjuni differenti (skont l-evoluzzjoni tal-pandemija tal-COVID-19) għar-rappreżentanti nazzjonali li jservu bħala NCPs tal-BTWC. Il-kors ta' taħriġ ser jinvolvi informazzjoni dwar l-aspetti kollha tal-implimentazzjoni nazzjonali tal-BTWC, inkluż l-elaborazzjoni tar-rapporti dwar Miżuri għat-Tisħiħ tal-Fiduċja tal-BTWC u l-indirizzar ta' kwistjonijiet leġiżlattivi. It-taħriġ ser jibni fuq il-*Gwida dwar l-Implimentazzjoni tal-BTWC,* li qed tiġi żviluppata taħt id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-UE 2019/97.

Għalkemm l-ISU tal-BTWC tagħmel id-dettalji ta' kuntatt tal-NCPs maħtura kollha disponibbli għall-Istati Parti kollha fuq paġna separata ta' aċċess ristrett, ma jeżistux modi formalizzati biex l-NCPs jinteraġixxu ma' xulxin. Għalhekk, il-proġett preżenti jipprevedi li jkun hemm sensiela ta' fora ta' djalogi reġjonali informali - virtwali jew fiżiċi - għall-NCPs tal-BTWC sabiex jiġi ffaċilitat l-iskambju ta' informazzjoni u l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki.

Barra minn hekk, ser isir avveniment f'Ġinevra li jlaqqa' flimkien l-NCPs kollha tal-BTWC, pereżempju qabel il-Laqgħa tal-Istati Parti għall-BTWC, biex jippermetti l-iskambju ta' informazzjoni u networking fost l-NCPs tar-reġjuni kollha, simili għal-Laqgħa Annwali tal-Awtoritajiet Nazzjonali tal-OPCW taħt il-Konvenzjoni dwar l-Armi Kimiċi. Il-paġna ta' aċċess ristrett ser tiġi estiża wkoll biex isservi bħala repożitorju ta' informazzjoni rilevanti għall-NCPs, inkluż il-materjali ta' taħriġ rilevanti kollha, u bħala pjattaforma interattiva li tippermetti lill-NCPs jinteraġixxu ma' xulxin u mal-ISU tal-BTWC. Il-paġna ta' aċċess ristrett ser tinżamm u tiġi amministrata mill-ISU tal-BTWC biex jiġi żgurat skambju ffaċilitat kontinwu fost l-NCPs lil hinn mill-konklużjoni ta' din id-Deċiżjoni tal-Kunsill.

Kemm il-kors ta' taħriġ kif ukoll il-fora ta' djalogu għandhom komponent qawwi ta' networking, peress li l-NCPs ikollhom l-opportunità li jsiru jafu u jikkollaboraw ma' xulxin.

3.2.3. **Riżultati Mistennija tal-Proġett**

Bħala konsegwenza pożittiva ta' dan il-kors ta' taħriġ, huwa mistenni li bil-forniment tal-programm ta' taħriġ aktar Stati Parti ser jinnominaw NCPs. Huwa mistenni wkoll li t-taħriġ ipprovdut ser jirriżulta f'għadd ikbar u kwalità aħjar tar-rapporti dwar Miżuri għat-Tisħiħ tal-Fiduċja ppreżentati kull sena, li ser jipprovdu informazzjoni addizzjonali dwar l-istatus tal-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni globalment. Sabiex tiġi żgurata s-sostenibbiltà, il-materjali tat-taħriġ ser jiġu konċettwalizzati b'tali mod li jkunu jistgħu jintużaw u jkunu aċċessibbli għall-NCPs għal taħriġ futur wara l-konklużjoni ta' din id-Deċiżjoni tal-Kunsill. Barra minn hekk, dan il-Proġett huwa mistenni li jiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni u l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki bejn l-NCPs.

3.3. **Proġett 3 – Iffaċilitar tar-rieżami tal-iżviluppi fix-Xjenza u t-Teknoloġija ta' rilevanza għall-BTWC billi jiġu involuti wkoll l-akkademja u l-industrija**

3.3.1. **Fini tal-Proġett**

Dan il-proġett għandu l-għan li jiffaċilita r-rieżami tax-xjenza u t-teknoloġija (S&T) ta' rilevanza għall-Konvenzjoni. L-Istati Parti għall-BTWC rrikonoxxew ripetutament l-importanza li jibqgħu infurmati dwar l-avvanzi rilevanti fix-xjenza u t-teknoloġija. Tali avvanzi jistgħu fuq naħa waħda joħolqu riskji li jistgħu jwasslu għal ksur potenzjali tal-Konvenzjoni u min-naħa l-oħra jistgħu jkunu ta' benefiċċju għall-Konvenzjoni billi, pereżempju, itejbu l-vaċċini u d-dijanjożi tal-mard. Billi t-teknoloġija relatata mal-BTWC għandha intrinsikament użu doppju, l-involviment kostanti tal-akkademja u l-industrija u l-iskambju magħhom huma ferm importanti.

3.3.2. **Deskrizzjoni tal-Proġett**

Dan il-proġett jikkonsisti mill-organizzazzjoni ta' konferenza internazzjonali dwar ix-xjenza u t-teknoloġija bi tħejjija għad-Disa' Konferenza ta' Reviżjoni, li tiffoka prinċipalment fuq esperti mill-akkademja, il-gvernijiet u l-industrija biex jinkorporaw il-fehmiet tagħhom fid-diskussjonijiet li ser jikkontribwixxu għall-programm tad-Disa' Konferenza ta' Reviżjoni. Il-konferenza ser tqis u tibni, kif ikun applikabbli, fuq l-eżiti tal-ħames sessjonijiet ta' ħidma reġjonali dwar ix-xjenza u t-teknoloġija li saru fil-qafas tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-UE (PESK) 2016/51 b'appoġġ għall-BTWC. Il-konferenza ser tindirizza wkoll proposti relatati max-xjenza u t-teknoloġija tal-Istati Parti għall-BTWC, bħall-introduzzjoni ta' kodiċi ta' kondotta għall-bijoxjenzjati u l-isforzi biex jiġi stabbilit mekkaniżmu ta' rieżami fil-qasam tax-xjenza u t-teknoloġija, li ser ikunu soġġetti għal diskussjonijiet imġedda matul id-Disa' Konferenza ta' Reviżjoni. Il-konferenza ser issir f'pajjiż tan-Nofsinhar Globali, pereżempju f'wieħed mill-isponsors ([5]) tar-riżoluzzjoni tal-AĠNU dwar "Ir-rwol tax-xjenza u t-teknoloġija fil-kuntest tas-sigurtà internazzjonali u d-diżarm". F'każ li l-konferenza ma tkunx tista' ssir fiżikament minħabba l-pandemija tal-COVID-19, ser tiġi organizzata f'format virtwali. Għall-organizzazzjoni u t-twettiq tal-konferenza, ser ikun involut konsulent estern b'esperjenza rilevanti u rabtiet mill-qrib mal-akkademja u/jew l-industrija. Il-konsulent estern ser jingħata l-kompitu wkoll li jaħdem fuq l-iżvilupp ta' strateġija aktar fit-tul għal involviment akbar minn diversi partijiet ikkonċernati taħt il-BTWC.

Il-konferenza dwar ix-xjenza u t-teknoloġija ser tkun ikkomplementata bil-ħolqien ta' inizjattiva "Xjenza għad-Diplomatiċi" li għandha l-għan li tiżgura li dawk li jfasslu l-politika jkunu konxji minn kif l-avvanzi teknoloġiċi u xjentifiċi jistgħu jkunu kemm ta' benefiċċju kif ukoll ta' sfida għall-Konvenzjoni. L-inizjattiva "Xjenza għad-Diplomatiċi" ser tikkonsisti mill-organizzazzjoni ta' serje ta' avvenimenti li jiffokaw fuq żviluppi teknoloġiċi ta' importanza partikolari għall-Konvenzjoni. Il-konsulent estern ser ikun responsabbli wkoll għall-organizzazzjoni tal-avvenimenti tal-inizjattiva "Xjenza għad-Diplomatiċi".

3.3.3. **Riżultati Mistennija tal-Proġett**

Il-konferenza dwar ix-xjenza u t-teknoloġija hija mistennija li tinforma u tikkontribwixxi għad-diskussjonijiet sostantivi li ser isiru matul id-Disa' Konferenza ta' Reviżjoni. Id-diskussjoni tal-proposti rilevanti relatati max-xjenza u t-teknoloġija tal-Istati Parti għall-BTWC, bħall-introduzzjoni ta' kodiċi ta' kondotta għall-bijoxjenzati u l-isforzi biex jiġi stabbilit mekkaniżmu ta' rieżami fil-qasam tax-xjenza u t-teknoloġija, għandha l-għan li tiffaċilita l-formulazzjoni ta' pożizzjonijiet nazzjonali u/jew reġjonali kif ukoll id-diskussjoni u n-negozjar ta' dawn il-proposti fid-Disa' Konferenza ta' Reviżjoni.

L-inizjattiva "Xjenza għad-Diplomatiċi" għandha l-għan li tiffamiljarizza lil dawk li jfasslu l-politika mal-avvanzi teknoloġiċi u xjentifiċi ewlenin ta' rilevanza għall-Konvenzjoni.

([5]) Ara https://undocs.org/en/A/RES/73/32

3.4. **Proġett 4 – Twessigħ tal-appoġġ għal eżerċizzji volontarji ta' trasparenza**

3.4.1. **Fini tal-Proġett**

Il-proġett għandu l-objettiv li jippromwovi t-trasparenza u jsaħħaħ il-fiduċja taħt il-Konvenzjoni. Huwa jibni fuq eżerċizzji volontarji ta' trasparenza tal-passat imwettqa mill-Istati Parti sa mill-2011 u għandu l-għan li jkompli jsaħħaħ l-appoġġ għal tali inizjattivi permezz tal-istabbiliment ta' pjattaforma ta' skambju għal eżerċizzji volontarji ta' trasparenza. Jinkludi wkoll, fost l-oħrajn, it-twettiq ta' analiżi komprensiva biex jiġu identifikati lezzjonijiet minn dawk l-attivitajiet kif ukoll sett ta' attivitajiet prattiċi b'appoġġ għall-kunċett.

3.4.2. **Deskrizzjoni tal-Proġett**

Mill-2011, 15-il Stat Parti ħadu inizjattivi volontarji biex jospitaw tipi differenti ta' eżerċizzji ta' trasparenza taħt il-Konvenzjoni. Dawn l-eżerċizzji laqqgħu flimkien 35 pajjiż mill-gruppi reġjonali kollha. Filwaqt li l-attivitajiet preċedenti varjaw fl-għanijiet u l-objettivi speċifiċi tagħhom, fil-format, fil-livell ta' parteċipazzjoni u fit-tul ta' żmien tagħhom, huma jibnu fuq fehim komuni wieħed: kollha huma maqbula volontarjament jew bilateralment, multilateralment jew permezz ta' proċess miftuħ għall-Istati Parti kollha li huma interessati li jagħmlu użu mill-opportunitajiet ta' rieżami bejn il-pari. Dan l-approċċ jippermetti t-tfassil ta' diversi parametri ewlenin skont il-preferenzi tal-Istati Parti organizzaturi/parteċipanti. L-eżerċizzji volontarji ta' trasparenza jistgħu jindirizzaw diversi aspetti bħall-implimentazzjoni nazzjonali, l-assistenza u l-kooperazzjoni internazzjonali, it-tħejjija u r-rispons, il-kontroll tal-esportazzjoni, il-leġiżlazzjoni dwar il-bijosikurezza u l-bijosigurtà, jew it-tħejjija tar-rapporti dwar Miżuri għat-Tisħiħ tal-Fiduċja.

Il-proġett jipprevedi l-istabbiliment ta' kompendju online tal-eżerċizzji kollha ta' trasparenza fil-forma ta' bażi ta' data fejn jista' jsir tiftix dwar l-attivitajiet kollha mwettqa sa dakinhar u l-kompilazzjoni ta' studju komprensiv dwar l-eżerċizzji ta' trasparenza tal-passat, inkluż lezzjonijiet identifikati mid-diversi attivitajiet. L-istudju ser jitwettaq f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-UNIDIR. Barra minn hekk, l-UNODA ser ifittex li jissieħeb ma' organizzazzjonijiet reġjonali u internazzjonali interessati, inkluż iċ-Ċentri ta' Eċċellenza CBRN tal-UE, fl-implimentazzjoni tal-proġett. L-istabbiliment tal-kompendju online u l-elaborazzjoni tal-istudju dwar l-eżerċizzji tal-passat ser jiġu assenjati lil konsulenti esterni.

3.4.3. **Riżultati Mistennija tal-Proġett**

Il-proġett huwa mistenni li jsaħħaħ l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni permezz tal-kondiviżjoni ta' informazzjoni u l-aħjar prattiki fost l-Istati Parti dwar eżerċizzji volontarji ta' trasparenza u biex jgħin fl-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet għal assistenza u kooperazzjoni taħt l-Artikolu X tal-BTWC. Ser jgħin ukoll biex jinħoloq forum ta' djalogu dwar tali inizjattivi fost l-Istati Parti interessati.

4. **KWISTJONIJIET TA' PERSUNAL**

L-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni tal-Kunsill ser teħtieġ preżenza ta' persunal f'Ġinevra biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni koordinata u simplifikata tal-attivitajiet kollha taħt din id-Deċiżjoni tal-Kunsill. Huwa għalhekk meħtieġ li jkun hemm Uffiċjal għall-Affarijiet Politiċi P2 u Assistent Amministrattiv GS4 ibbażati fil-Fergħa ta' Ġinevra tal-UNODA. Kif spjegat hawn fuq, ser ikun hemm Uffiċjal għall-Affarijiet Politiċi P3 ibbażat f'Addis Ababa. L-Uffiċjali għall-Affarijiet Politiċi P2 u P3 u l-Assistent Amministrattiv GS4 ser jirrapportaw lill-Uffiċjal għall-Affarijiet Politiċi P3 li jissorvelja l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2019/97 sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni simplifikata u koordinata taż-żewġ Deċiżjonijiet tal-Kunsill.

Minħabba l-livell għoli ta' speċjalizzazzjoni meħtieġ għall-għoti ta' assistenza leġiżlattiva u teknika fl-Afrika, il-modernizzazzjoni tas-sit web tal-NCP u l-elaborazzjoni ta' materjali ta' taħriġ għall-NCPs, l-organizzazzjoni tal-Konferenza dwar ix-xjenza u t-teknoloġija u t-twettiq tal-inizjattiva "Xjenza għad-Diplomatiċi", l-istabbiliment tal-kompendju online dwar l-eżerċizzji volontarji ta' trasparenza u l-elaborazzjoni tal-istudju ta' eżerċizzji tal-passat u l-aħjar prattiki, ser ikun meħtieġ li jiġu involuti konsulenti esterni għal dawk il-finijiet.

5. **RAPPURTAR**

Kull sitt xhur, l-UNODA/BWTC-ISU ser tippreżenta lir-RGħ rapporti ta' progress dwar l-implimentazzjoni tal-proġetti.

6. **TUL TA' ŻMIEN**

L-implimentazzjoni tal-proġetti hija stmata li ddum 24 xahar b'kollox.

7. **VIŻIBBILTÀ TAL-UE**

Il-UNODA/BWTC-ISU ser tieħu l-miżuri kollha xierqa biex tirreklama l-fatt li l-attivitajiet imwettqa jkunu ġew iffinanzjati mill-Unjoni. Tali miżuri ser jitwettqu f'konformità mal-Manwal ta' Komunikazzjoni u Viżibbiltà għall-Azzjonijiet Esterni tal-UE tal-Kummissjoni stabbilit u ppubblikat mill-Kummissjoni Ewropea. Għaldaqstant, il-UNODA/BWTC-ISU ser tiżgura l-viżibbiltà tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni permezz ta' markar u reklamar xierqa, li jenfasizzaw ir-rwol tal-Unjoni, filwaqt li tiġi żgurata t-trasparenza tal-azzjonijiet tagħha, u jiżdied l-għarfien dwar ir-raġunijiet għal din id-Deċiżjoni kif ukoll l-għarfien dwar l-appoġġ tal-Unjoni għal din id-Deċiżjoni u r-riżultati ta' dak l-appoġġ. Il-materjal prodott mill-proġetti ser juri b'mod prominenti l-bandiera tal-Unjoni f'konformità mal-linji gwida tal-Unjoni għall-użu korrett u r-riproduzzjoni tal-bandiera.

8. **BENEFIĊJARJI**

Il-benefiċjarji tal-Proġett 1 ser ikunu l-Istati Parti għall-BTWC fir-rigward tal-għoti ta' assistenza legali u teknika u Stati mhux Parti (kemm Stati firmatarji kif ukoll Stati mhux firmatarji) għall-BTWC fir-rigward tal-attivitajiet ta' universalizzazzjoni, inkluż partijiet ikkonċernati rilevanti mis-settur privat, l-akkademja u l-NGOs kif ukoll raggruppamenti sottoreġjonali u organizzazzjonijiet sħab ibbażati fl-Afrika ([6]), fejn adatt.

Il-benefiċjarji tal-Proġett 2 fir-rigward tat-tisħiħ tal-kapaċitajiet għall-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tal-BTWC huma l-Istati Parti għall-BTWC, b'mod partikolari uffiċjali maħtura bħala punti ta' kuntatt nazzjonali.

Il-benefiċjarji tal-Proġett 3 dwar l-iffaċilitar tar-rieżami tal-iżviluppi fix-Xjenza u t-Teknoloġija ta' rilevanza għall-Konvenzjoni ser ikunu uffiċjali, xjenzjati, akkademiċi u rappreżentanti tal-industrija mill-Istati Parti għall-BTWC.

Il-benefiċjarji tal-Proġett 4 rigward it-twessigħ tal-appoġġ għall-eżerċizzji volontarji ta' trasparenza ser ikunu l-Istati Parti għall-BTWC.

([6]) Bħal-Ċentru Afrikan għall-Kontroll u l-Prevenzjoni tal-Mard (Africa CDC) fir-rigward tal-*Inizjattiva dwar il-Bijosikurezza u l-Bijosigurtà* tiegħu, id-Dipartiment tal-Paċi u s-Sigurtà tal-Kummissjoni tal-Unjoni Afrikana, l-Aġenzija tal-UA għall-Iżvilupp – Network ta' Esperti tal-UA dwar il-Bijosikurezza (AUDA-NEPAD), il-Komunitajiet Ekonomiċi Reġjonali (RECs) u entitajiet rilevanti oħra tal-UA, kif ukoll l-Inizjattiva Ewlenija tal-Grupp ta' Ħidma dwar is-Sigurtà Bijoloġika tas-Sħubija Globali.

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2021/2073

tal-25 ta' Novembru 2021

b'appoġġ għat-tisħiħ tal-effettività operazzjonali tal-Organizzazzjoni għall-Projbizzjoni ta' Armi Kimiċi (OPCW) permezz tal-immaġni bis-satellita

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 28(1) u 31(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-12 ta' Diċembru 2003 il-Kunsill Ewropew adotta l-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni ta' Armi ta' Qerda Massiva (l-"Istrateġija tal-UE"), li l-Kapitolu III tagħha fih lista ta' miżuri għall-ġlieda kontra tali proliferazzjoni.

(2) L-Istrateġija tal-UE tissottolinja r-rwol kruċjali tal-Konvenzjoni dwar il-Projbizzjoni tal-Iżvilupp, il-Produzzjoni, il-Ħażna u l-Użu ta' Armi Kimiċi u dwar il-Qerda tagħhom (CWC) u tal-Organizzazzjoni għall-Projbizzjoni ta' Armi Kimiċi (OPCW) fil-ħolqien ta' dinja ħielsa minn armi kimiċi. L-objettivi tal-Istrateġija tal-UE huma komplementari għal dawk segwiti mill-OPCW fil-kuntest tar-responsabbiltà tagħha għall-implimentazzjoni tas-CWC.

(3) Fit-22 ta' Novembru 2004 il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2004/797/PESK ([1]) dwar appoġġ għal attivitajiet tal-OPCW. Dik l-Azzjoni Konġunta ġiet segwita mal-iskadenza tagħha mill-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2005/913/PESK ([2]), li sussegwentement kienet segwita mill-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2007/185/PESK ([3]). L-Azzjoni Konġunta 2007/185/PESK kienet segwita mid-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2009/569/PESK ([4]), 2012/166/PESK ([5]), 2013/726/PESK ([6]), (PESK) 2015/259 ([7]), (PESK) 2017/2302 ([8]), (PESK) 2017/2303 ([9]), (PESK) 2019/538 ([10]) u (PESK) 2021/1026 ([11]).

([1]) L-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2004/797/PESK tat-22 ta' Novembru 2004 dwar appoġġ għal attivitajiet tal-OPCW fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni ta' Armi ta' Qerda tal-Massa (ĠU L 349, 25.11.2004, p. 63).

([2]) L-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2005/913/PESK tat-12 ta' Diċembru 2005 dwar appoġġ għall-attivitajiet tal-OPCW fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni ta' Armi ta' Qerda tal-Massa (ĠU L 331, 17.12.2005, p. 34).

([3]) L-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2007/185/PESK tad-19 ta' Marzu 2007 dwar appoġġ għal attivitajiet tal-OPCW fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Distruzzjoni Massiva (ĠU L 85, 27.3.2007, p. 10).

([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/569/PESK tas-27 ta' Lulju 2009 dwar appoġġ għal attivitajiet tal-OPCW fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni ta' Armi ta' Qerda Massiva (ĠU L 197, 29.7.2009, p. 96).

([5]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/166/PESK tat-23 ta' Marzu 2012 b'appoġġ għall-attivitajiet tal-Organizzazzjoni għall-Projbizzjoni ta' Armi Kimiċi (OPCW) fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni ta' Armi ta' Qerda Massiva (ĠU L 87, 24.3.2012, p. 49).

([6]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/726/PESK tad-9 ta' Diċembru 2013 b'appoġġ għall-UNSCR 2118 (2013) u l-Kunsill Eżekuttiv tal-OPCW EC-M-33/Dec 1, fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva (ĠU L 329, 10.12.2013, p. 41).

([7]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/259 tas-17 ta' Frar 2015 b'appoġġ għall-attivitajiet tal-Organizzazzjoni għall-Projbizzjoni ta' Armi Kimiċi (OPCW) fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni ta' Armi ta' Qerda Massiva (ĠU L 43, 18.2.2015, p. 14).

([8]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/2302 tat-12 ta' Diċembru 2017 li tappoġġa l-attivitajiet tal-OPCW għal assistenza fl-operazzjonijiet ta' tindif ta' dak li kien is-sit ta' ħażna tal-armi kimiċi fil-Libja fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni ta' Armi ta' Qerda Massiva (ĠU L 329, 13.12.2017, p. 49).

([9]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/2303 tat-12 ta' Diċembru 2017 li tappoġġa t-tkomplija tal-implimentazzjoni tar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU 2118 (2013) u d-deċiżjoni tal-Kunsill Eżekuttiv tal-OPCW EC-M-33/DEC.1 dwar il-qerda tal-armi kimiċi Sirjani, fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-proliferazzjoni tal-armi ta' qerda massiva (ĠU L 329, 13.12.2017, p. 55).

([10]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/538 tal-1 ta' April 2019 b'appoġġ għall-attivitajiet tal-Organizzazzjoni għall-Projbizzjoni ta' Armi Kimiċi (OPCW) fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni ta' Armi ta' Qerda Massiva (ĠU L 93, 2.4.2019, p. 3).

([11]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/1026 tal-21 ta' Ġunju 2021 b'appoġġ għall-Programm dwar iċ-Ċibersigurtà u r-Reżiljenza Ċibernetika u l-Assigurazzjoni tal-Informazzjoni tal-Organizzazzjoni għall-Projbizzjoni ta' Armi Kimiċi (OPCW) fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni ta' Armi ta' Qerda Massiva (ĠU L 224, 24.6.2021, p. 24).

(4) Id-Deċiżjoni (PESK) 2017/2303 ipprevediet, fost l-oħrajn, appoġġ għall-OPCW biex taċċessa l-immaġni bis-satellita u l-analiżi tal-immaġni pprovduti miċ-Ċentru Satellitari tal-Unjoni Ewropea (SatCen).

(5) Fl-10 ta' Diċembru 2018 il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2018/1943 ([12]) li pprevediet estensjoni mingħajr spejjeż ta' tnax-il xahar tal-perijodu ta' implimentazzjoni tad-Deċiżjoni (PESK) 2017/2303.

(6) Fid-9 ta' Diċembru 2019 il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2019/2112 ([13]) li pprevediet estensjoni ulterjuri mingħajr spejjeż ta' tnax-il xahar tal-perijodu ta' implimentazzjoni tad-Deċiżjoni (PESK) 2017/2303.

(7) Permezz tal-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni (PESK) 2017/2303, l-OPCW iserraħ fuq l-informazzjoni unika pprovduta mill-analiżi tal-immaġni tas-SatCen kemm għall-ippjanar tal-missjonijiet kif ukoll għall-analiżi tal-informazzjoni.

(8) Hemm ħtieġa li tissaħħaħ l-effettività operazzjonali tal-OPCW permezz tal-forniment kontinwu tal-immaġni bis-satellita u l-analiżi tal-immaġni tas-SatCen b'appoġġ għall-attivitajiet b'mandat tal-OPCW u l-missjonijiet tal-OPCW wara t-tmiem tal-perijodu ta' implimentazzjoni tad-Deċiżjoni (PESK) 2017/2303,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Għall-fini li tingħata applikazzjoni immedjata u prattika lil ċerti elementi tal-Istrateġija tal-UE, l-Unjoni għandha tappoġġa l-proġett tal-OPCW biex tissaħħaħ l-effettività operazzjonali tagħha permezz tal-immaġni bis-satellita u l-analiżi ta' immaġni pprovduti mis-SatCen bl-objettivi li ġejjin:

— l-espansjoni tal-kapaċità tal-OPCW li tappoġġa l-attivitajiet b'mandat tal-OPCW (it-Tim ta' Valutazzjoni tad-Dikjarazzjonijiet (DAT), il-Missjoni ta' Tiftix tal-Fatti (FFM), it-Tim tal-Investigazzjoni u l-Identifikazzjoni (IIT), eċċ.) permezz ta' analiżi tal-immaġni bħala sors ta' prova jew ta' korroborazzjoni tas-sejbiet; u

— l-użu ta' analiżi tal-immaġni mmirati għal żoni ta' interess (siti, rotot, eċċ.) fl-ippjanar għal missjonijiet b'mandat tal-OPCW (inċidenti ta' użu allegat (IAUs), spezzjonijiet ta' sfida (CIs), żjarat ta' assistenza teknika (TAVs), eċċ.) sabiex tiżdied is-sigurtà u l-fiduċja fil-preċiżjoni tal-verifika.

2. Fil-kuntest tal-paragrafu 1, l-attivitajiet appoġġati mill-Unjoni tal-proġett tal-OPCW, li jikkonformaw mal-miżuri stabbiliti fil-Kapitolu III tal-Istrateġija tal-UE, għandhom ikunu dawn li ġejjin:

— l-abilitazzjoni tal-OPCW, permezz tal-kapaċità tal-immaġni, biex twettaq sorveljanza xierqa b'mod effettiv u li tipprovdi r-rappurtar meħtieġ lill-organi li jfasslu l-politika tal-OPCW (il-Kunsill Eżekuttiv u l-Konferenza tal-Istati Parti); u;

— l-abilitazzjoni tal-OPCW, permezz tal-kapaċità tal-immaġni, biex twettaq attivitajiet ta' verifika b'mod preċiż, effettiv u sikur u tipprovdi l-assistenza mitluba lill-Istati Parti.

3. Il-proġett imsemmi fil-paragrafu 1 jikkonċerna l-forniment ta', inter alia, prodotti għall-għarfien tas-sitwazzjoni b'rabta mas-sigurtà tal-FFM, inkluż l-istat tan-network tat-toroq, permezz tal-forniment lill-OPCW ta' prodotti ta' immaġini tas-SatCen.

([12]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1943 tal-10 ta' Diċembru 2018 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2017/2303 li tappoġġa t-tkomplija tal-implimentazzjoni tar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU 2118 (2013) u d-deċiżjoni tal-Kunsill Eżekuttiv tal-OPCW EC-M-33/DEC.1 dwar il-qerda tal-armi kimiċi Sirjani, fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-proliferazzjoni tal-armi ta' qerda massiva (ĠU L 314, 11.12.2018, p. 58).

([13]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/2112 tad-9 ta' Diċembru 2019 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2017/2303 li tappoġġa t-tkomplija tal-implimentazzjoni tar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU 2118 (2013) u d-deċiżjoni tal-Kunsill Eżekuttiv tal-OPCW EC-M-33/DEC.1 dwar il-qerda tal-armi kimiċi Sirjani, fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-proliferazzjoni tal-armi ta' qerda massiva (ĠU L 318, 10.12.2019, p. 159).

4. Deskrizzjoni dettaljata tal-attivitajiet appoġġati mill-Unjoni imsemmija fil-paragrafu 2 tinsab fid-dokument ta' proġett fl-Anness.

Artikolu 2

1. Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (ir-"RGħ") għandu jkun responsabbli mill-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

2. L-implimentazzjoni teknika tal-proġett imsemmi fl-Artikolu 1 għandha ssir mis-Segretarjat Tekniku tal-OPCW (is-"Segretarjat Tekniku"). Huwa għandu jwettaq dak il-kompitu taħt ir-responsabbiltà u l-kontroll tar-RGħ. Għal dak il-fini, ir-RGħ għandu jidħol fl-arranġamenti meħtieġa mas-Segretarjat Tekniku.

Artikolu 3

1. L-ammont ta' referenza finanzjarja għall-implimentazzjoni tal-proġett imsemmi fl-Artikolu 1 għandu jkun ta' EUR 1 593 353,22.

2. L-infiq iffinanzjat mill-ammont stabbilit fil-paragrafu 1 għandu jkun amministrat skont il-proċeduri u r-regoli applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni.

3. Il-Kummissjoni għandha tissorvelja l-amministrazzjoni korretta tal-infiq imsemmi fil-paragrafu 2. Għal dak il-fini, hija għandha tikkonkludi l-ftehim neċessarju mas-Segretarjat Tekniku. Dak il-ftehim għandu jistipula li s-Segretarjat Tekniku għandu jiżgura l-viżibilità tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni, skont id-daqs tagħha, u għandu jispeċifika miżuri biex jiġi ffaċilitat l-iżvilupp ta' sinerġiji u biex tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-attivitajiet.

4. Il-Kummissjoni għandha tagħmel ħilitha biex tikkonkludi l-ftehim imsemmi fil-paragrafu 3 malajr kemm jista' jkun wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni. Hija għandha tinforma lill-Kunsill bi kwalunkwe diffikultà f'dak il-proċess u bid-data tal-konklużjoni tal-ftehim.

Artikolu 4

Ir-RGħ għandu jirrapporta lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni abbażi ta' rapporti regolari mħejjija mis-Segretarjat Tekniku. Ir-rapporti tar-RGħ għandhom jifformaw il-bażi għall-evalwazzjoni mwettqa mill-Kunsill. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi informazzjoni dwar l-aspetti finanzjarji tal-proġett imsemmi fl-Artikolu 1.

Artikolu 5

1. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

2. Din id-Deċiżjoni għandha tiskadi 48 xahar wara d-data tal-konklużjoni tal-ftehim imsemmi fl-Artikolu 3(3). Madankollu, hija għandha tiskadi sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ tagħha jekk dak il-ftehim ma jkunx ġie konkluż sa dak iż-żmien.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Novembru 2021.

Għall-Kunsill
Il-President
Z. POČIVALŠEK

ANNESS

DOKUMENT TA' PROĠETT

Appoġġ tal-Unjoni għat-Tisħiħ tal-Effettività Operazzjonali tal-OPCW permezz tal-Immaġni bis-Satellita

1. Kuntest

Il-proċessi analitiċi tal-OPCW jeħtieġu korroborazzjoni u verifika tal-informazzjoni evidenzjarja pprovduta bl-aktar modi robusti disponibbli. L-immaġni bis-satellita, filwaqt li mhumiex l-uniku sors ta' informazzjoni evidenzjarja, jistgħu jipprovdu indikaturi u korroborazzjoni li mhux disponibbli minn sorsi oħra u b'hekk jipprovdu għarfien analitiku siewi li jista' jintuża biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni sħiħa tal-Konvenzjoni dwar l-Armi Kimiċi (CWC). Ċentrali għal dan hija kapaċità suffiċjenti istituzzjonalment, li minnha l-immaġni u l-analiżi tal-immaġni jistgħu jiffaċilitaw ippjanar aktar dettaljat u robust tal-missjoni, mitigazzjoni tar-riskji għas-sigurtà għat-timijiet skjerati, kif ukoll informazzjoni evidenzjarja u analiżi għal verifika aktar kosteffettiva.

Permezz tal-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill PESK/2017/2303, l-OPCW iserraħ fuq l-informazzjoni unika li l-analiżi tal-immaġnijiet tas-SATCEN tipprovdi kemm għall-ippjanar tal-missjoni kif ukoll għall-analiżi tal-informazzjoni. L-isforzi tal-OPCW biex jitwettqu intervisti aktar bir-reqqa tax-xhieda, biex jikkorroboraw id-dikjarazzjonijiet tax-xhieda u biex jidentifikaw b'mod aktar preċiż il-postijiet ta' interess issaħħew permezz ta' immaġni bis-satellita. Mill-2014, l-immaġni bis-satellita tar-Repubblika Għarbija Sirjana (SAR) saħħew l-għarfien tas-sitwazzjoni u s-sigurtà u naqqsu r-riskju għall-missjonijiet fuq il-post tal-OPCW fir-rigward tal-postijiet fejn għandhom isiru żjarat u spezzjonijiet. L-integrazzjoni tal-analiżi tal-immaġni fl-ippjanar operazzjonali ppermettiet lit-timijiet tal-OPCW jirfinaw l-azzjonijiet tagħhom fuq il-post billi jipprovdu lill-membri tat-tim b'immaġnijiet kważi f'ħin reali taż-żona li fiha jkunu ser jiskjeraw. L-analiżi tal-immaġni uriet li hija u ser tkompli tkun faċilitatur strateġiku tal-isforzi analitiċi tal-OPCW.

Barra minn hekk, għadd ta' investigazzjonijiet ta' allegazzjonijiet ta' użu għadhom pendenti kif ukoll Deċiżjonijiet tal-Kunsill Eżekuttiv (KE) li jagħtu mandat għal żjarat addizzjonali fuq il-post, missjonijiet ta' ġbir ta' informazzjoni u investigazzjonijiet li għadhom jeħtieġu appoġġ permezz ta' immaġni bis-satellita. Il-kapaċitajiet analitiċi uniċi pprovduti mis-SATCEN ippermettew lit-timijiet awtorizzati tal-OPCW biex jikkorroboraw informazzjoni minn sorsi oħra u biex janalizzaw aktar bir-reqqa l-inċidenti ta' użu allegat fis-SAR. L-analiżi tal-immaġni bis-satellita wriet li hija indispensabbli għat-timijiet tal-OPCW involuti fis-SAR. Lil hinn mill-attivitajiet b'mandat tagħha relatati mas-SAR, l-OPCW tipprevedi rwol dejjem akbar għall-analiżi tal-immaġni bis-satellita f'każijiet ta' allegazzjonijiet ta' użu ta' armi kimiċi barra mis-SAR biex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tal-attivitajiet relatati mal-Artikolu IX tas-CWC (konsultazzjonijiet, kooperazzjoni u ġbir ta' informazzjoni), kif ukoll fil-każ ta' adeżjoni futura possibbli mas-CWC għall-istati pussessuri.

2. Fini tal-Proġett

2.1. *Objettivi Ġenerali tal-Proġett*

L-objettiv ġenerali tal-Proġett huwa li jiżgura l-kapaċità tas-Segretarjat li jiffaċilita l-implimentazzjoni tal-Artikolu IX tas-CWC (konsultazzjonijiet, kooperazzjoni u ġbir ta' informazzjoni) u Deċiżjonijiet relatati tal-KE tal-OPCW, permezz tal-forniment ta' servizzi ta' immaġni li jindirizzaw lakuni fl-għarfien tas-sitwazzjoni għall-missjonijiet, b'tali mod li jikkontribwixxi għat-tnaqqis fil-vulnerabbiltà tal-iskjerament tal-OPCW u jimmassimizza l-effiċjenza analitika tal-OPCW.

2.2. *Objettivi Speċifiċi*

— L-espansjoni tal-kapaċità tal-OPCW sabiex tappoġġa l-attivitajiet obbligatorji tal-OPCW (DAT, FFM, IIT, eċċ.) permezz ta' analiżi tal-immaġni bħala sors ta' prova jew ta' korroborazzjoni tas-sejbiet;

— L-użu ta' analiżi tal-immaġni mmirati għal żoni ta' interess (siti, rotot, eċċ.) fl-ippjanar għal Missjonijiet awtorizzati mill-OPCW (inċidenti ta' użu allegat (IAU), spezzjonijiet ta' sfida (CI), żjara ta' assistenza teknika (TAV), eċċ.) biex tiżdied is-sigurtà u l-fiduċja fil-preċiżjoni tal-verifika.

2.3. *Riżultati*

Ir-riżultati mistennija li l-Proġett ser jikkontribwixxi għalihom huma kif ġej:

— L-użu ta' immaġni u analiżi, fir-rigward tal-evidenza mmirata, biex jinfurmaw u jikkorroboraw is-sejbiet tat-timijiet u l-proċessi ta' verifika;

— Il-minimizzazzjoni tar-riskji għas-sigurtà u żieda fl-għarfien tas-sitwazzjoni biex jiġi ffaċilitat l-ippjanar l-aktar effiċjenti possibbli tal-Missjoni tal-OPCW.

3. **Deskrizzjoni tal-Attivitajiet**

Attività 1 — L-abilitazzjoni tal-OPCW biex twettaq b'mod effettiv, permezz tal-kapaċità ta' immaġni, sorveljanza xierqa u li tipprovdi rappurtar meħtieġ lill-organi li jfasslu l-politika tal-OPCW (KE u CSP)

Din l-attività tfittex li tipprovdi, permezz tal-immaġni u l-analiżi tal-immaġni, lill-OPCW bil-kapaċità li tinforma lill-impriżi evidenzjarji analitiċi mmirati, filwaqt li tottimizza l-ippjanar (allokazzjoni u sforzi) tal-OPCW għal żieda fl-effiċjenza tal-missjonijiet u tnaqqis fil-vulnerabbiltà.

Attività 2 — L-abilitazzjoni tal-OPCW permezz tal-kapaċità tal-immaġni biex twettaq attivitajiet ta' verifika b'mod preċiż, effettiv u sikur u tipprovdi assistenza mitluba lill-Istati Partijiet

Din l-attività tiffoka fuq il-forniment ta' servizzi ta' immaġini, skont il-bżonn, għal talbiet varji għal ġbir ta' informazzjoni tas-CWC ippreżentati mill-Istati Partijiet (IAU, CI, TAV, eċċ.), kif ukoll l-ottimizzazzjoni tal-ippjanar tal-OPCW (allokazzjoni u sforzi) għal żieda fl-effiċjenza tal-missjonijiet u tnaqqis fil-vulnerabbiltà.

4. **Tul ta' żmien**

It-tul ta' żmien totali stmat tal-implimentazzjoni ffinanzjata permezz ta' dan il-proġett huwa mistenni li jseħħ u jintemm fuq perijodu ta' 48 xahar.

5. **Benefiċjarji**

Il-benefiċjarji mill-proġett ser ikunu persunal u timijiet tas-Segretarjat Tekniku tal-OPCW; u l-partijiet ikkonċernati tas-CWC inkluż l-Istati Partijiet.

6. **Viżibbiltà tal-UE**

L-OPCW għandha tieħu l-miżuri xierqa kollha, b'kunsiderazzjonijiet raġonevoli ta' sigurtà u miżuri ta' viżibbiltà/komunikazzjoni disponibbli għall-proġett, biex tippubbliċizza l-fatt li dan il-proġett ġie ffinanzjat mill-Unjoni.

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2021/2074

tal-25 ta' Novembru 2021

li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2017/2370 li tappoġġa l-Kodiċi ta' Kondotta tal-Aja u n-nonproliferazzjoni tal-missili ballistiċi fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 28(1) u 31(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-18 ta' Diċembru 2017, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2017/2370 ([1]), li tinkariga l-implimentazzjoni teknika ta' ċerti proġetti lill-*Fondation pour la recherche stratégique* (Fondazzjoni għar-riċerka strateġika) (FRS).

(2) Skont l-Artikolu 3(3) tad-Deċiżjoni (PESK) 2017/2370, ftehim ta' għotja mal-FRS ġie ffirmat fil-21 ta' Diċembru 2017. Il-ftehim ta' għotja kellu jiskadi fil-21 ta' Diċembru 2020.

(3) Fis-26 ta' Mejju 2020, l-FRS talbet estensjoni tal-perijodu ta' implimentazzjoni għad-Deċiżjoni (PESK) 2017/2370 sal-20 ta' Diċembru 2021. L-estensjoni intalbet minħabba l-pandemija tal-COVID-19, u b'mod partikolari minħabba l-posponiment ta' għadd mill-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 1 ta' dik id-Deċiżjoni u r-riluttanza tal-amministrazzjonijiet nazzjonali fil-pajjiżi fil-mira li jiddiskutu l-organizzazzjoni ta' tali attivitajiet fid-dawl tal-klima ta' inċertezza minħabba dik il-pandemija.

(4) Fl-20 ta' Lulju 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2020/1066 ([2]), li emendat id-Deċiżjoni (PESK) 2017/2370, li estendiet id-data tal-iskadenza tagħha sal-20 ta' Diċembru 2021.

(5) Fis-27 ta' Settembru 2021, l-FRS talbet estensjoni addizzjonali tad-Deċiżjoni (PESK) 2017/2370 fid-dawl tal-impatt kontinwu tas-sitwazzjoni tal-pandemija tal-COVID-19 u r-restrizzjonijiet relatati fuq l-ivvjaġġar fuq l-attivitajiet ippjanati tagħha, fejn talbet estensjoni addizzjonali ta' 13-il xahar sal-21 ta' Jannar 2023.

(6) It-tkomplija tal-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni (PESK) 2017/2370 ma għandha l-ebda implikazzjoni fir-rigward tar-riżorsi finanzjarji sal-21 ta' Jannar 2023.

(7) Għaldaqstant jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2017/2370 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni (PESK) 2017/2370, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Din id-Deċiżjoni għandha tiskadi fil-21 ta' Jannar 2023.".

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/2370 tat-18 ta' Diċembru 2017 li tappoġġa l-Kodiċi ta' Kondotta tal-Aja u n-nonproliferazzjoni tal-missili ballistiċi fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva (ĠU L 337, 19.12.2017, p. 28).

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/1066 tal-20 ta' Lulju 2020 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2017/2370 li tappoġġa l-Kodiċi ta' Kondotta tal-Aja u n-nonproliferazzjoni tal-missili ballistiċi fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva (ĠU L 234I, 21.7.2020, p. 1).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Novembru 2021.

Għall-Kunsill
Il-President
Z. POČIVALŠEK

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2021/2075

tal-25 ta' Novembru 2021

li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2020/979 b'appoġġ għall-iżvilupp ta' sistema rikonoxxuta internazzjonalment għall-validazzjoni tal-ġestjoni tal-armi u l-munizzjon skont standards internazzjonali miftuħa

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 28(1) u 31(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fis-7 ta' Lulju 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2020/979 ([1]), li tipprevedi proġett f'żewġ fażijiet. Il-Fażi I hija istudju ta' fattibbiltà għall-iżvilupp ta' Sistema ta' Validazzjoni tal-Ġestjoni tal-Armi u l-Munizzjon ("AAMVS"), rikonoxxuta internazzjonalment.

(2) Id-Deċiżjoni (PESK) 2020/979 tipprevedi li l-implimentazzjoni tal-Fażi II tal-proġett, li jiżviluppa kunċett għall-ħolqien ta' AAMVS, tista' tiġi awtorizzata jekk jiddeċiedi hekk il-Kunsill, abbażi tal-eżitu tal-istudju tal-fattibbiltà.

(3) L-istudju awtorizzat bid-Deċiżjoni (PESK) 2020/979 wera l-fattibbiltà tal-iżvilupp ta' AAMVS u enfasizza diversi elementi li jeħtieġ li jiġu kkunsidrati sabiex il-kunċett isir realtà. Il-Fażi II ser tinkludi tfassil ta' qafas propost għall-AAMVS u pjan għall-iżvilupp tas-sistema. Dawk ir-riżultati ser ikollhom l-għan li jappoġġaw u jiggwidaw l-isforzi futuri biex tinbena l-AAMVS.

(4) Abbażi tal-eżitu tal-istudju tal-fattibbiltà, jenħtieġ li l-Kunsill jiddeċiedi li l-Fażi II tal-proġett għandha tiġi implimentata.

(5) Id-Deċiżjoni (PESK) 2020/979 ser tiskadi 14-il xahar wara d-data tal-konklużjoni tal-ftehim ta' finanzjament imsemmi fl-Artikolu 3(4) tagħha, sakemm il-Kunsill ma jiddeċidix li jestendi l-validità ta' dik id-Deċiżjoni sabiex jippermetti l-implimentazzjoni tal-Fażi II tal-proġett.

(6) Il-kontinwazzjoni tal-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni (PESK) 2020/979 sat-30 ta' Novembru 2022 ma għandha l-ebda implikazzjoni fir-rigward tar-riżorsi finanzjarji.

(7) Id-Deċiżjoni (PESK) 2020/979 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni (PESK) 2020/979 hija b'dan emendata kif ġej:

(1) It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 1(1) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Il-proġett għandu jikkonsisti f'żewġ fażijiet, "Fażi I" u "Fażi II".

— Matul il-Fażi I, fl-ewwel sena tal-implimentazzjoni, sar studju tal-fattibbiltà għall-iżvilupp ta' Sistema ta' Validazzjoni tal-Ġestjoni tal-Armi u l-Munizzjon ("AAMVS") rikonoxxuta internazzjonalment, biex jinvestiga opzjonijiet għal metodoloġiji u għodod xierqa għall-valutazzjoni tar-riskju u tal-kwalità;

— Matul il-Fażi II, abbażi tal-eżitu tal-istudju tal-fattibbiltà tal-Fażi I, għandu jiġi żviluppat kunċett għall-ħolqien ta' AAMVS.";

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/979 tas-7 ta' Lulju 2020 b'appoġġ għall-iżvilupp ta' sistema rikonoxxuta internazzjonalment għall-validazzjoni tal-ġestjoni tal-armi u l-munizzjon skont standards internazzjonali miftuħa (ĠU L 218, 8.7.2020, p. 1).

(2) L-Artikolu 3(2) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-ammont maħsub biex ikopri l-Fażi I tal-proġett huwa ta' EUR 821 872. L-ammont maħsub biex ikopri l-Fażi II tal-proġett huwa ta' EUR 820 237.";

(3) L-Artikolu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Għandha tiskadi fit-30 ta' Novembru 2022.'.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Novembru 2021.

Għall-Kunsill

Il-President

Z. POČIVALŠEK

RETTIFIKA

Rettifika tar-Regolament (UE) 2021/1056 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 231 tat-30 ta' Ġunju 2021)

Fil-paġna 18, l-Anness III, it-Tabella "Indikaturi Komuni tal-Output REGIO (RCO) u Indikaturi Komuni tar-Riżultati REGIO (RCR)", il-kolonna "Outputs", il-punt RCO 121,

minflok: "RCO 121 – L-impriżi b'appoġġ biex jiksbu t-tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra minn attivitajiet elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE",

aqra: "RCO 121a – L-impriżi b'appoġġ biex jiksbu t-tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra minn attivitajiet elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE".

Rettifika tar-Regolament (UE) 2021/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1296/2013

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 231 tat-30 ta' Ġunju 2021)

Fil-paġna 57, Anness III, il-punt "Indikaturi tal-output", il-punt 1.2.2,

minflok: "1.2.2. il-proporzjon tal-ikel kofinanzjati mill-FSE+ fil-volum totali tal-ikel imqassam lill-benefiċjarji (f'%).",

aqra: "1.2.2. il-proporzjon tal-ikel kofinanzjat mill-FSE+ fil-volum totali tal-ikel imqassam mill-benefiċjarji (f'%)."

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea
L-2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT